



Dokument ta' sessjoni

A9-0161/2022

24.5.2022

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami
(COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Ville Niinistö

Rapporteur for the opinion (*):
Norbert Lins, Committee on Agriculture and Rural Development

(*)Associated committee – Rule 57 of the Rules of Procedure

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jiħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2021)0554),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0320/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mis-Senat Franċiż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2021¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' April 2022²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0161/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

— *wara li kkunsidra l-prinċipji tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u s-solidarjetà,*

Emenda 2

Proposta għal regolament Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 *fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri* tal-Istati Membri *għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur* tal-użu tal-art, tal-forestrija *u tal-agrikoltura*, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 *billi jissimplifika r-regoli dwar ir-rappurtar u l-konformità, u jistabbilixxi l-miri* tal-Istati Membri *mill-2026 sal-2030 għas-settur* tal-użu tal-art, *tat-tibdil fl-użu tal-art u* tal-forestrija, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, li ġie adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ

f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi")³⁶. Il-Partijiet fih qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

³⁶ Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi")³⁶. Il-Partijiet fih qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. ***Bl-adozzjoni tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow, il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi rrikonoxxew li l-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura medja globali għal 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u impenjaw ruħhom li jsaħħu l-miri tagħhom għall-2030 sa tmiem l-2022 biex inaqqsu d-diskrepanza fl-ambizzjoni, f'konformità mas-sejbiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). Dan jenħtieġ li jsir b'mod li jkun ekwu u jirrispetta l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u tal-kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF) hija opportunità unika biex jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni qabel is-27 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 27) għall-UNFCCC fl-Eġittu.***

³⁶ Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

Emenda

(1a) L-azzjonijiet u l-politiki tal-Unjoni s'issa ma kinux biżżejjed biex iwaqqfu t-telfien tal-bijodiversità u jintlaħqu l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi għall-2020. Fir-rapport tagħha "The European

environment - state and outlook 2020: knowledge for transition to a sustainable Europe" (L-ambjent Ewropew - l-istat u l-prospetti tal-2020: għarfien għat-tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tosserva li "l-Ewropa għadha titef il-bijodiversità b'rata allarmanti u ħafna miri ta' politika miftiehma mhux se jintlaħqu. Il-valutazzjonijiet dwar l-ispeċijiet u l-habitats protetti fis-sens tad-Direttiva dwar il-Habitats juru b'mod predominanti status ta' konservazzjoni mhux favorevoli ta' 60 % għall-ispeċijiet u 77 % għall-habitats."^{1a}. Rapport taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta fl-2021 juri li fadal biss 4,9 miljun ettaru mill-foresti primarji u antiki tal-Ewropa - essenzjali għall-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima - u li dan jirrappreżenta biss 3 % taż-żona forestali totali tal-Unjoni u 1,2 % tal-massa tal-art tal-Unjoni.^{1b}

^{1a} EEA, "The European environment — state and outlook 2020" (L-ambjent Ewropew - l-istat u l-prospetti tal-2020), p. 74.

^{1b} Barredo, J., Brailescu, C., Teller, A., Sabatini, F.M., Mauri, A. and Janouskova, K., "Mapping and assessment of primary and old-growth forests in Europe" (L-immappjar u l-valutazzjoni tal-foresti primarji u antiki fl-Ewropa), EUR 30661 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Għalkemm il-kopertura mis-siġar

qed tiżdied, il-kapaċità tal-foresti tal-Unjoni li jeliminaw il-karbonju ilha tonqos b'mod sinifikanti mill-2015 u hija xejra li mistennija tkompli. Sal-2015, is-settur tal-art tal-Unjoni seta' jelimina madwar 7 % tal-emissjonijiet totali tal-UE (madwar 300 miljun tunnellata metrika ekwivalenti għas-CO₂)^{1a}. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)^{1b}, sal-2030 l-istess żona tal-art se tkun qed telimina 40 % inqas ekwivalenti għas-CO₂ (u jinżel sa 185 tunnellata metrika fl-2030)^{1c}. Dak it-tnaqqis reċenti fil-ħżin tal-karbonju huwa parzjalment dovut għal żieda fil-ħsad. Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima jista' jnaqqas il-potenzjal tal-ħżin tal-karbonju tal-foresti tal-Ewropa b'180 tunnellata metrika ta' CO₂ annwalment mill-2021 sal-2030 minħabba tfixkil u għaldaqstant inaqas il-bir nett mistenni tal-foresti b'aktar minn 50 %.^{1d}

^{1a} *Ir-Rapport tal-EEA Nru 6/2019*

^{1b} *EEA, Total greenhouse gas emission trends and projections in Europe (Xejriet u projezzjonijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra totali fl-Ewropa) (<https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/indicators/greenhouse-gas-emission-trends-6/assessment-3>)*

^{1c} *EEA, Total greenhouse gas emission trends and projections in Europe (Xejriet u projezzjonijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra totali fl-Ewropa) (<https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/indicators/greenhouse-gas-emission-trends-6/assessment-3>)*

^{1d} *Seidl, R.; Schelhaas, M.-J.; Rammer, W.; Verkerk, P. J. (2014): "Increasing forest disturbances in Europe and their impact on carbon storage" (Iż-żieda fit-fixkil tal-foresti fl-Ewropa u l-impatt tagħhom fuq il-ħżin tal-karbonju). Fi: "nature climate change 4(9)" (It-Tibdil fil-Klima tan-Natura 4(9)), p. 806–810. Dipartiment tal-Infurmazzjoni (DOI)*

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) *Fil-Kommunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni stabbilit strateġija ġdida bħala l-ewwel pass fit-trasformazzjoni tal-Unjoni f'ekonomija sostenibbli mil-lat ambjentali, newtrali mil-lat ta' emissjonijiet tal-karbonju, ħielsa mis-sustanzi tossiċi u għalkollox ċirkolari fil-limiti tal-pjaneta sa mhux aktar tard mill-2050. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jimmira wkoll li jsaħħaħ l-isforzi globali lejn l-implimentazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda", li jirrikonoxxi r-rabta intrinsika bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u ambjent b'saħħitu u reżiljenti, u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.*

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. *Ir-Rapport Speċjali dwar l-Oċean u l-Krijosfera fi Klima li Qed Tinbidel tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilixxa li l-oċeani għandhom rwol fundamentali fl-assorbiment u r-ridistribuzzjoni tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) naturali u antropoġeniku u s-sħana, kif ukoll f'ekosistemi relatati.*

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) **L-indirizzar** tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019²⁸. Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri **ekonomiku** taċ-ċittadini tal-Unjoni.

²⁸ COM(2019)640 final.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

RR\1256694MT.docx

Emenda

(2) **It-teħid ta' approċċ olistiku għall-indirizzar** tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi **b'mod ekwu u inklużiv, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura**, huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019²⁸. **Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri meħuda biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament iqisu l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u s-salvagwardji minimi fis-sens tal-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u jqisu wkoll il-prinċipji minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.** Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, **u l-ħtieġa li dan jiġi implimentat b'mod sostenibbli**, kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, **il-koeżjoni soċjali** u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni.

²⁸ COM(2019)640 final.

^{28a} **Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).**

11/188

PE699.175

(2a) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titlu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" issaħħaħ l-ambizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u ekosistemi li jaħdmu sew. L-evidenza xjentifika, ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet dwar iż-żoonożi u l-pandemiji, inkluż ir-rapport tal-workshop tal-IPBES dwar it-telfien tal-bijodiversità u l-pandemiji, u r-rapport tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent tas-6 ta' Lulju 2020 bit-titlu "Preventing the next pandemic – Zoonotic diseases and how to break the chain of transmission" (Il-prevenzjoni tal-pandemija li jmiss: il-mard żoonotiku u kif tiġi interotta l-katina ta' trażmissjoni) urew l-importanza li jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità u li jiġi applikat b'mod olistiku l-prinċipju ta' "Saħħa Waħda" fit-tfassil tal-politika, li jirrifletti l-fatt li s-saħħa tal-bniedem, l-annimali u l-ambjent huma interkonnessi u li hemm bżonn urġenti ta' bidliet trasformattivi fis-soċjetà kollha.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 2b (ġdida)

(2b) It-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni għandu l-għan li jħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija newtrali għall-klima, sostenibbli, mhux tossika, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, reżiljenti, kompetittiva u ċirkolari b'mod ġust, ekwu u inklużiv, u li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent, inkluż fost l-oħrajn billi

jtemm u jreġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità. Huwa jirrikonoxxi li ambjent b'saħħtu jirfed il-benesseri tan-nies kollha, fejn il-bijodiversità hija kkonservata u l-ekosistemi jirnexxu u fejn in-natura hija protetta u restawrata, u dan iwassal għal reżiljenza akbar fir-rigward tat-tibdil fil-klima, it-temp u diżastri relatati mal-klima u riskji ambjentali oħra.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2c) Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent u l-Forum Globali tal-OECD dwar l-Ambjent enfasizzaw li l-bidliet ambjentali għandhom impatt speċifiku skont il-ġeneru. Ir-rwoli differenzjati skont il-ġeneru jikkawżaw ukoll vulnerabbiltajiet differenzjati għannisa u l-irġiel għall-effetti tat-tibdil fil-klima, u l-impatti tat-tibdil fil-klima jaggravaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri. It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali jiddefinixxi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki dwar il-klima u l-ambjent, inkluża l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-istadji kollha tal-proċess tat-tfassil tal-politika, bħala kundizzjoni vitali u abilitanti għall-ilhug tal-objettivi ta' prijorità tal-programm, li jirrikjedu l-isforzi min-naħa tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati, kif xieraq.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-Unjoni impenjat ruħha li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 fl-impenn aġġornat ta' tnaqqis iddeterminat fil-livell nazzjonali mressaq lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020²⁹.

29

https://www4.unfccc.int/sites/ndcstaging/PublishedDocuments/European%20Union%20First/EU_NDC_Submission_December%202020.pdf

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) L-Unjoni impenjat ruħha li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 fl-impenn aġġornat ta' tnaqqis iddeterminat fil-livell nazzjonali mressaq lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020²⁹, ***filwaqt li l-Parlament Ewropew appella għal tnaqqis tal-emissjonijiet grossi ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'minn tal-inqas 60 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.***

29

https://www4.unfccc.int/sites/ndcstaging/PublishedDocuments/European%20Union%20First/EU_NDC_Submission_December%202020.pdf

Emenda

(3a) It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan huwa kruċjali biex jintlaħaq l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal 1,5°C sal-aħħar tas-seklu. Rapport tal-2021 mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) jistma li azzjoni mgħaġġla fir-rigward tal-emissjonijiet tal-metan tista' tnaqqas 0,3°C mit-temperatura globali sal-2045. Għaldaqstant hemm ħtieġa urġenti li l-Unjoni tadotta mira ta' tnaqqis u miżuri vinkolanti ta' akkumpanjament biex tnaqqas malajr l-emissjonijiet tal-metan mis-sorsi kollha, inklużi sorsi bijoġeniċi.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira ***tan-newtralità klimatika*** fl-ekonomija kollha ***sal-2050*** fil-leġislazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, inkluż is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂. ***Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdiedu għal livelli ogħla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.***

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)."

³¹ ***Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-***

Emenda

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira ***tal-ksib ta' bilanċ fl-ekonomija kollha bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti u l-assorbimenti minn bjar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050, u l-ilħuq ta' emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem*** fil-leġislazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, inkluż is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. ***Sabiex jiġi żgurat li jitwettqu sforzi ta' mitigazzjoni sal-2030, il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂.***

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tiddil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Is-settur LULUCF ilu bir tal-karbonju sinifikanti mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar fl-1990. Il-forestrija weħida ssekwestrat madwar 400 tunnellata metrika ekwivalenti għas-CO₂ fl-Unjoni Ewropea fil-perjodu mill-1990 'l hawn.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Il-bini ta' infrastruttura ġdida tat-trasport huwa meħtieġ biex jissaħħu l-konnessjonijiet bejn, minn naħa, iż-żoni urbani u, min-naħa l-oħra, iż-żoni rurali u remoti madwar l-Unjoni u bejn l-Istati Membri. Madankollu, tali kostruzzjoni tista', fl-istess ħin, tikkontribwixxi għall-artifiċjalizzazzjoni tal-art li, min-naħa tagħha, tista' tnaqqas il-kapaċità tal-ħamrija li tassorbi l-gassijiet serra. Kwalunkwe użu tal-art bħal dan jenħtieġ li jitqies f'termini tal-potenzjal tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-impatt tiegħu fuq il-klima, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jinżamm bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Jenħtieġ li l-Istati Membri

jitħeġġu jiżguraw li l-ippjanar, l-awtorizzazzjoni u l-użu tal-infrastruttura tat-trasport u tat-turiżmu jikkontribwixxu għall-ilħuq sostenibbli tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, u jiżguraw manutenzjoni tajba tal-infrastruttura eżistenti u użu effiċjenti tal-art mill-perspettiva tal-klima, speċjalment fin-networks tat-trasport bit-triq.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex **jikkontribwixxu għaż-żieda fl-ambizzjoni** li **jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990**, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur ***tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu*** mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkun ta' benefiċċju għall-klima u l-

Emenda

(5) Sabiex **jiġi żgurat li s-settur tal-LULUCF jagħti kontribut sostenibbli u prevedibbli fit-tul għall-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050 u għall-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem**, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur ***tal-LULUCF fil-perjodu sa mill-inqas l-2050, li jibda*** mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE)2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ***intermedjarja ta' mill-inqas*** 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ ta' assorbimenti netti għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030, ***kif ukoll mira addizzjonali ta' assorbimenti netti ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ li jridu jinkisbu permezz ta' miżuri u inizjattivi addizzjonali fil-livell tal-Unjoni u f'dak ta' Stat Membru biex jiġu appoġġjati l-miżuri ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola abbażi ta' regoli fil-livell tal-Unjoni, iżda b'mod volontarju fil-livell tal-azjendi agrikoli, filwaqt li jiġi żgurat li daww l-assorbimenti netti addizzjonali ma jkunux qed ipaċu t-tnaqqis meħtieġ fl-***

bijodiversità.

emissjonijiet f'konformità mal-miri klimatiċi tal-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' ***restawr***, prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità. ***Meta l-Istati Membri jkunu lesti jaqbżu l-miri tagħhom, jentħtieġ li jitħeġġu jagħmlu dan.***

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika globali peress li jżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, u jneħħu b'mod permanenti l-kapaċitajiet tal-bjar tal-karbonju, inaqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona milquta u jnaqsu

b'mod sostanzjali il-bijodiversità tagħha. It-twaqqif u t-treġġiġh lura tad-deforestazzjoni kif affermaw mill-ġdid il-mexxejja tal-UE fis-COP26 tal-UE fi Glasgow huma għaldaqstant vitali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-proposta tal-Kummissjoni li jiġu projbiti l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (COM(2021)0366) għaldaqstant se tkun inċentiv importanti għat-tisħiħ ulterjuri tas-sidien tal-foresti Ewropej fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) Jenħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet relatati mal-immappjar u l-monitoraġġ, kemm fil-post kif ukoll monitoraġġ permezz ta' detezzjoni mill-bogħod, sabiex l-Istati Membri jintalbu jkollhom informazzjoni ġeografikament espliċita biex jidentifikaw oqsma ta' prijorità li jkollhom il-potenzjal li jiġu restawrati u li jistgħu jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika. Bħala parti mit-titjib ġenerali tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika, il-ħidma se tagħmel enfasi wkoll fuq l-armonizzazzjoni u l-irfinar ta' bażijiet ta' data ta' fatturi ta' attività u emissjonijiet biex jiġu mtejba l-inventarji tal-gassijiet serra.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 5c (ġdida)

(5c) Il-karbonju organiku fil-ħamrija u r-raggruppamenti tal-karbonju ta' injam mejjet, li ħafna minnu konsegwentement jalimenta r-raggruppament tal-karbonju fil-ħamrija huma partikolarment importanti, f'għadd ta' kategoriji ta' rapportar, kemm għall-azzjoni klimatika kif ukoll għall-protezzjoni tal-biodiversità. Teżisti evidenza empirika dwar l-injam mejjet fil-forma ta' radam linjuż aħrax li jaġixxi bħala bir tal-karbonju analogu għall-prodotti tal-injam maħsud. Dan jikkontribwixxi ulterjorment għall-ħolqien ta' bir tal-karbonju terrestri fil-ħamrija forestali li jimpedixxi l-mineralizzazzjoni f'CO₂ u dawn iż-żewġ mekkaniżmi jenħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod xieraq fir-rapportar. Ir-riċerka tkompli tikkonferma x-xejriet globali rrapportati għall-applikabbiltà vertikali tal-karbonju organiku fil-ħamrija forestali għall-foresti Ewropej, fejn madwar 55–65 % jinħażen fit-30 cm ta' fuq tal-ħamrija, u l-40 % li jibqa' jinħażen aktar fil-fond, b'kejl li jilħaq il-1 m, b'mod partikolari għal ħamriji organiċi. Ir-Regolament jenħtieġ li jiġi emendat f'dan ir-rigward.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru.

Emenda

(6) Il-miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru.

Għall-Istati Membri li jtejbu l-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett ***tal-bidla*** fil-metodoloġija fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

Għall-Istati Membri li jtejbu l-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika, ***soġġett għal rieżami xjentifiku indipendenti***. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett ***tal-akkuratezza mtejba*** fil-metodoloġija ***użata*** fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tagħha tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi, il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES) ipprovdiet l-aħħar evidenza xjentifika dwar l-erożjoni tal-bijodiversità li għaddejja fid-dinja kollha. It-telfien tal-bijodiversità jaċċellera t-tibdil fil-klima u jżid b'mod drastiku l-vulnerabbiltà għalih. Fil-11 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill tal-Unjoni awtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova d-Dikjarazzjoni ta' Kunming f'isem l-Unjoni, u dan jimpenja lill-Unjoni biex treġġa' lura t-telf attwali tal-bijodiversità u tiżgura li l-bijodiversità titqiegħed fit-triq tal-irkupru sa mhux aktar tard mill-2030. Il-foresti u l-ħamrija b'saħħitha huma importanti ħafna għall-bijodiversità, iżda wkoll għall-purifikazzjoni tal-arja u tal-ilma, is-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju, u l-provvista ta' prodotti tal-injam b'ħajja twila minn sorsi sostenibbli. Kemm l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 kif ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 irrikonoxxew

il-ħtieġa li tiġi protetta u mtejba l-kwalità tal-foresti u tal-ekosistemi tal-ħamrija fl-Unjoni, u li jitħeġġu prattiki ta' ġestjoni sostenibbli msaħħa li jistgħu jtejbu s-sekwestru tal-karbonju u jsaħħu r-reżiljenza tal-foresti u tal-ħamrija fid-dawl tal-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030³³ iddeskriviet *għażla* li *l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-CO₂ jingħaqdu flimkien mal-assorbimenti netti tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid. Din il-kombinazzjoni tista' tippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u tippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jissaħħaħ l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art.*

Emenda

(7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030³³ iddeskriviet *perkorsi u għażliet ta' politika differenti biex tintlaħaq il-mira klimatika miżjuda tal-Unjoni għall-2030. Hija saħqet li l-ksib tan-newtralità klimatika se jirrikjedi li l-azzjoni tal-Unjoni tiżdied b'mod sinifikanti fis-setturi kollha tal-ekonomija. Il-progress li jsir f'settur wieħed jenħtieġ li ma jikkumpensax għan-nuqqas ta' progress f'setturi oħra. Il-prijorità jenħtieġ li tkun il-waqfien tar-rilaxx tal-emissjonijiet fossili. Barra minn hekk, l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn bjar naturali tal-karbonju huma fraġli u potenzjalment reversibbli, u dan iwassal għal żieda fl-inċertezza fil-kejl tal-emissjonijiet u l-assorbimenti fis-settur tal-art meta mqabbel ma' setturi oħra. Ir-riskju ta' treġġiġh lura tal-assorbimenti minn bjar tal-karbonju naturali huwa aggravat aktar bit-tibdil fil-klima. Ix-xjenza klimatika turi wkoll li r-rispons klimatiku għall-emissjonijiet u l-assorbimenti huwa asimmetriku, u dan ifisser li tunnellata ta' gassijiet serra emessi fl-atmosfera ma tistax titqabbel ma' tunnellata ta' gassijiet serra assorbiti^{33a}. Hemm ukoll differenzi bejn il-gassijiet serra b'ħajja qasira, bħall-metan, u d-diossidu tal-karbonju li*

jista' jibqa' fl-atmosfera sa 1 000 sena. Għalhekk, l-objettiv li jissaħħu l-assorbimenti minn bjar tal-karbonju naturali jenħtieġ li jiġi segwit b'mod strettament separat mill-objettiv tat-tnaqqis rapidu u drastiku tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn setturi oħra, inklużi l-emissjonijiet agrikoli mhux tas-CO₂.

³³ COM(2020) 562 *final*.

³³ COM(2020)0562.

^{33a} *Zickfeld K., Azevedo D., Mathesius S. et al. "Asymmetry in the climate-carbon cycle response to positive and negative CO₂ emissions" (Asimmetrija fir-rispons ta' ċiklu klima-karbonju għal emissjonijiet tas-CO₂ pożittivi u negattivi). Nature Climate Change 11, 613–617 (2021) (It-Tibdil fil-Klima tan-Natura 11).*

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) *Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li jsir newtrali għall-klima malajr sal-2035 b'mod kosteffettiv, u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet. Impenn kollettiv bil-għan li tinkiseb in-newtralita klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovdi c-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art f'qasir żmien, meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tieħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' ġġib*

Emenda

(8) *Is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Is-setturi fi ħdan il-pilastru tal-art huma mistennija jikkontribwixxu b'mod differenti għall-għan tan-newtralita klimatika. B'mod partikolari, ir-raba', il-bwar u l-artijiet mistagħdra bħalissa huma emittenti netti ta' gassijiet serra fl-Unjoni, iżda għandhom il-potenzjal li jsiru sors ta' assorbimenti netti ta' gassijiet serra, b'mod partikolari permezz tat-twessigħ tal-agroforestrija, il-biedja organika u r-restawr tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li kull settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' ġġib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti sal-2050. Sa nofs l-2024, l-Istati Membri*

b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti sal-2050. Sa nofs l-2024, l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri relevanti li bihom, kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod **għall-mira kollettiva tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fil-livell tal-UE fl-2035**. Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet, **il-Kummissjoni jenħtieġ li ttipponi miri nazzjonali, filwaqt li tiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-Unjoni u l-assorbimenti fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u l-emissjonijiet mis-setturi mhux CO₂ agricoli jkunu għall-inqas ibbilanċjati sal-2035. Kontrarjament għall-mira fil-livell tal-UE tan-newtralità klimatika għas-settur tal-art sal-2035, tali miri nazzjonali se jkunu vinkolanti u infurzabbli fuq kull Stat Membru.**

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri relevanti li bihom kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod **għall-objettiv li jiġi żgurat kontribut ekwu ta' kulħadd lejn dak l-objettiv**. Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet, **u wara li tqis il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u l-baġit tal-gassijiet serra tal-Unjoni stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni jenħtieġ li ttipponi miri u miżuri speċifiċi biex tiżgura kondiżjoni tal-piżijiet ekwa bejn is-setturi tal-art individwali kollha u l-Istati Membri kollha.**

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

(8a) *It-torbieri huma l-akbar maħżen terrestri tal-karbonju organiku iżda, jekk jinxfu, jaf potenzjalment isiru sors ta' gassijiet serra, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kriżi tal-klima. Fil-livell globali, it-torbieri mbattla kull sena jemettu 2 Gt ta' diossidu tal-karbonju, li jikkorrispondi għal madwar 5 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-titjib tal-ġestjoni u l-protezzjoni tat-torbieri jitqiesu bħala prijorità sabiex jiżdied l-assorbiment tal-gassijiet serra u b'hekk jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ħamrija kontra l-erożjoni;*

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 8b (ġdida)

(8b) *Il-foresti jipprovdu benefiċċji importanti għall-bijodiversità, l-istabbilizzazzjoni tal-ħamrija, il-purifikazzjoni tal-arja u tal-ilma, is-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju, u potenzjalment jipprovdu prodotti tal-injam b'ħajja twila. Madankollu, in-natura u l-funzjoni tal-foresti jvarjaw ħafna madwar l-Unjoni, b'mod partikolari mit-Tramuntana, fejn il-produzzjoni tal-injam hija aktar prevalenti, in-Nofsinhar, fejn il-konservazzjoni tal-ħamrija hija prijorità u tipi speċifiċi oħra ta' foresti multifunzjonali, bħall-foresti Mediterranji jew Dehesa, sikwit jeħtieġu miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni u ekoloġiċi, kif ukoll perjodi twal ta' żmien għall-assorbiment tas-CO₂ f'bir. Tali foresti Mediterranji huma aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima minħabba impatti diretti, bħan-nixfa jew il-qerda tal-foresti*

kkawżata mit-temperatura jew l-evoluzzjoni tal-aridità. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jintuża indiċi tal-aridità bħala waħda mill-għodod meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-foresti tal-Unjoni.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8c) Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqies l-Artikolu 349 tat-TFUE, li jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà partikolari tar-reġjuni ultraperiferiċi minħabba d-daqs żgħir tagħhom, l-insularità, il-periferiċità mir-reġjuni kontinentali, it-topografija diffiċli u d-dipendenza tal-klima u l-ekonomija minn f'tit prodotti, taħlita li tfixkel ħafna l-iżvilupp tagħhom u tiġġenera kostijiet żejda sostanzjali f'ħafna oqsma, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport. L-isforzi li qed isiru u l-miri għat-tnaqqis ta' gassijiet serra, stabbiliti għall-Istati Membri b'reġjuni ultraperiferiċi – il-Portugall, Spanja u Franza – jenħtieġ li jiġu adattati għas-sitwazzjoni diffiċli ta' dawk ir-reġjuni, billi jibbilanċjaw l-oġettivi ambjentali mal-kostijiet soċjali għoljin għal dawn ir-reġjuni, u filwaqt li jitqies li madwar 80 % tal-bijodiversità tal-UE tinsab hawnhekk. Għalhekk, dawn l-Istati Membri jeħtiġilhom jinvolvu lill-awtoritajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi fit-fassil tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u tal-klima, biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekwa.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti **jeħtieġu inċentiv dirett biex** jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u fil-foresti tagħhom. **Fil-perjodu sal-2030, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq inċentivi ta' sekwestru** tal-karbonju **f'art agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbju l-mitigazzjoni** tat-tibdil fil-klima fil-bijoekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. Għalhekk, **jenħtieġ li jiġu introdotti** kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju **minbarra l-prodotti tal-injam maħsud. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħlqu wkoll opportunitajiet għal impjeġi ġodda u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.**

Emenda

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali, **is-sidien tal-art u tal-foresti** jew dawk li jiġġestixxu l-foresti **jenħtieġ li jiġu mħeġġa** jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u fil-foresti tagħhom, **filwaqt li jagħtu prijorità lill-approċċi bbażati fuq l-ekosistema u l-prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-bijodiversità, bħalma huma l-prattiki ta' forestrija qrib in-natura, il-proforestazzjoni, ir-restawr tal-ħażniet** tal-karbonju **tal-foresti, l-espansjoni tal-kopertura tal-agroforestrija, is-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija u r-restawr tal-artijiet mistaġħdra kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi oħra. Jenħtieġ ukoll li dawn l-inċentivi** jtejbju l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima **u t-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod ġenerali madwar is-setturi** fil-bijoekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. **Il-prodotti tal-injam maħsud b'ħajja twila u l-prodotti tal-ħżin tal-karbonju b'bażi bijoloġika minn sorsi sostenibbli jistgħu jikkontribwixxu għall-bijoekonomija ċirkolari billi jaġixxu bħala sostituti għall-għażliet ibbażati fuq il-fossili, iżda l-potenzjal għall-ħżin tal-karbonju f'dawk il-prodotti huwa ddeterminat mit-tul tal-ħajja ta' dawk il-prodotti. Il-benefiċċju li jintuża l-injam biex jissostitwixxi l-enerġiji jew il-materjali f'kompetizzjoni b'impronta tal-karbonju ogħla jiddependi wkoll mill-metodi tal-ħsad, it-trasport u l-ipproċessar. Għalhekk, kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju jistgħu jiġu introdotti biss jekk ikollhom ħajja twila, ikollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju pożittiv nett ibbażat fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż l-impatt fuq l-użu tal-art u t-tibdil fl-użu tal-art assoċjat ma' żieda fil-ħsad, u dment li**

d-data disponibbli tkun ibbażata fuq ix-xjenza, trasparenti u verifikabbli. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-ħtieġa li ċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawk il-prodotti ma jikkawżax ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Il-finanzjament pubbliku fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u programmi oħra tal-Unjoni diġà jista' jappoġġa approċċi ta' sekwestru tal-karbonju u favur il-bijodiversità fil-foresti u l-artijiet agrikoli. Sabiex is-sidien tal-art u tal-foresti jew dawk li jiġġestuhom jiġu pprovduti bl-appoġġ finanzjarju meħtieġ u mfassal apposta għalihom biex jintlaħqu l-miri miżjuda tal-LULUCF, jenħtieġ li jiġu mmobilizzati l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u sorsi pubbliċi jew privati oħra ta' finanzjament.

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Sabiex jiġi żgurat progress kostanti lejn l-ilħiq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri li jonqsu milli jilhqqu l-miri annwali tagħhom f'sentejn konsekuttivi jirrevedu l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u l-Istrateġiji fit-Tul tagħhom biex jiżguraw li tittieħed azzjoni addizzjonali biex jittejjbu l-bjar u r-riżervi kollha, u biex titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-art għad-disturbi naturali.

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10c) Biex tiġi ppreservata u mtejba l-koerenza soċjali, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jeħtieġ li jiġi implimentat b'mod ekonomikament sostenibbli u soċjalment sensittiv biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekwa u ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-livell miżjud ta' ambizzjoni fis-settur tal-użu tal-art u tal-forestrija jista' jkollu impatti soċjali, impatti fuq ix-xogħol u impatti ekonomiċi. Dan jista' joħloq opportunitajiet għal impjiegi ġodda ta' kwalità u jipprovdi inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti. Għaldaqstant huwa importanti li jiġu antiċipati l-impatti tal-politiki fuq l-impjiegi u l-eżiti relatati mal-impjiegi bil-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq l-Impjiegi, kif stipulat pereżempju permezz tal-Gwida ta' Referenza tal-ILO dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Impjiegi, u li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta tas-settur tal-użu tal-art u tal-forestrija biex isir aktar sostenibbli, bl-involviment sħiħ tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti kemm fil-fażijiet tal-ippjanar kif ukoll f'dawk tal-implimentazzjoni, biex b'hekk dawk li jiġġestixxu l-foresti u l-artijiet, il-bdiema, il-ħaddiema, l-ambjent u s-soċjetà jibbenefikaw b'mod aktar estensiv. Il-politiki nazzjonali jenħtieġ li jqisu dan kif xieraq.

Emenda

32

Proposta għal regolament Premessa 10d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10d) *Il-potenzjal għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti tal-injam huwa ddeterminat mit-tul tal-ħajja ta' dawg il-prodotti, li tista' tvarja minn ftit jiem f'każ ta' fuljett, sa għexieren ta' snin jew saħansitra mijiet ta' snin għal bini tal-injam. Għalkemm prodott tal-injam jirrappreżenta ħażna tal-karbonju, il-benefiċċju reali tal-ħsad ta' siġra jiddependi mit-tul tal-ħajja tal-prodott li jkun ġie prodott, li jrid jitqabbel ma' dak tal-injam fl-ekosistema li kieku dik is-siġra ma nqatgħetx.*

Emenda 33

**Proposta għal regolament
Premessa 10e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10e) *Id-definizzjoni ta' kultivazzjoni tal-għadajjar (jew biedja tat-torbieri mistagħdra) jenħtieġ li tiġi diskussa ulterjorment sabiex issir bidla rapida għal biedja favur il-klima li ssir fuq ħamrija organika kif ukoll biex jitwaqqaf id-drenaġġ tal-livell tal-ilma naturali u dan il-livell tal-ilma jiġi rrestawrat;*

Emenda 34

**Proposta għal regolament
Premessa 10f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10f) *F'konformità mal-objettiv tal-Unjoni ta' teħid tal-art żero nett sal-2050, jenħtieġ li tiġi evitata l-konverżjoni ta' art naturali u agrikola f'żoni mibnija. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu miżuri fil-pjanijiet tal-użu tal-art tagħhom imfassla biex jikkumpensaw*

għal kwalunkwe tnaqqis tal-art li jirriżulta mill-urbanizzazzjoni.

Emenda 35

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Meta wieħed iqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilhqg l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom, jenħtieġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri firxa ta' flessibbiltajiet, inkluż l-iskambjar tas-surpluses u l-estensjoni ta' flessibbiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

Emenda

(11) Meta wieħed iqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilhqg l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom, jenħtieġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri firxa ta' flessibbiltajiet, inkluż l-iskambjar tas-surpluses ***bi prezz minimu*** u l-estensjoni ta' flessibbiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

Emenda 36

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-waqfien tar-regoli kontabilistiċi attwali wara l-2025 joħloq hteġa ta' dispożizzjonijiet alternattivi għad-disturbi naturali bħan-nirien, il-pesti u l-maltempati, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi minħabba l-proċessi naturali jew ***bħala riżultat tat-tibdil*** fil-klima fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Mekkaniżmu ta' flessibbiltà marbut mad-disturbi naturali jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, diment li dawn ikunu eżawrew il-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u stabbilew miżuri xierqa biex ***inaqqsu l-vulnerabbiltà*** tal-art tagħhom għal dawn id-disturbi, u li l-Unjoni tkun laħqet il-mira tal-2030 għas-

Emenda

(12) Il-waqfien tar-regoli kontabilistiċi attwali wara l-2025 joħloq hteġa ta' dispożizzjonijiet alternattivi għad-disturbi naturali bħan-nirien, il-pesti u l-maltempati, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi minħabba l-proċessi naturali jew ***il-perturbazzjonijiet tal-ekosistemi kkawżati mit-tibdil*** fil-klima fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, ***diment li daww id-disturbi ma setgħux jiġu antiċipati jew evitati, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' adattament***. Mekkaniżmu ta' flessibbiltà marbut mad-disturbi naturali jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, diment li dawn ikunu eżawrew il-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha għad-

settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

dispożizzjoni tagħhom, u *wrew li s-surplus li jkun fadal huwa marbut direttament mal-impatt ta' disturbji naturali jew ta' perturbazzjonijiet tal-ekosistemi kkawżati mit-tibdil fil-klima*, stabbilew miżuri xierqa biex *itejbu l-bjar naturali tal-karbonju b'mod li jikkontribwixxi għat-titjib tal-bijodiversità, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà* tal-art tagħhom għal dawn id-disturbi, u li l-Unjoni tkun laħqet il-mira tal-2030 għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Malli jiġu stabbiliti l-miri annwali nazzjonali vinkolanti għall-assorbimenti ta' gassijiet serra bbażati fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli għall-konformità mal-miri. Il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 jenħtieġ li japplikaw mutatis mutandis, b'penali għan-nuqqas ta' konformità kkalkolat bil-mod li ġej: 108 % tad-distakk bejn il-mira assenjata u l-assorbimenti netti rrapportati fis-sena partikolari se jiżdiedu maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati fis-sena sussegwenti mill-Istat Membru.

Emenda 38

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Emenda

(13) Malli jiġu stabbiliti l-miri annwali nazzjonali vinkolanti għall-assorbimenti ta' gassijiet serra bbażati fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli għall-konformità mal-miri. Il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 jenħtieġ li japplikaw mutatis mutandis, b'penali għan-nuqqas ta' konformità kkalkolat bil-mod li ġej: 108 % tad-distakk bejn il-mira assenjata u l-assorbimenti netti rrapportati fis-sena partikolari se jiżdiedu maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati fis-sena sussegwenti mill-Istat Membru. *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mat-Trattati biex tiżgura l-konformità min-naħa tal-Istati Membri mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

(13a) L-iskrutinju pubbliku u l-aċċess għall-ġustizzja huma parti essenzjali mill-valuri demokratiċi tal-Unjoni u għodda għas-salvagwardja tal-istat tad-dritt. Is-soċjetà ċivili għandha rwol essenzjali bħala għassiesa fl-Istati Membri u tipprovdi appoġġ importanti biex tgħin fit-tweqqif tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom u jikkontestaw ksur tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi jkollhom aċċess għall-ġustizzja. Sabiex jiġi żgurat li dak id-dritt ikun jista' jiġi eżerċitat b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiżdied artikolu li jkopri l-aċċess għall-ġustizzja.

Emenda 39

Proposta għal regolament Premessa 14

(14) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-istabbiliment tal-allokkazzjonijiet tal-miri annwali għall-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷.

(14) Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment tal-allokkazzjonijiet tal-miri annwali għall-Istati Membri għas-settur tal-LULUCF kif ukoll il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri u għar-rieżami espert indipendenti, filwaqt li jiġu speċifikati l-kriterji minimi għall-inklużjoni tal-monitoraġġ tal-bijodiversità fis-sistema ta' monitoraġġ tal-art, u tiġi

adottata metodoloġija għall-valutazzjoni tal-impatt tal-perturbazzjonijiet tal-ekosistemi kkawżati mit-tibdil fil-klima. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jittwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016^{37a}. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

^{36a} ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

³⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Fl-Ewropa, l-Inventarji tal-Foresti Nazjonali (NFI) jintużaw biex jipprovdu informazzjoni għall-valutazzjonijiet tas-servizzi tal-ekosistemi tal-foresti. Is-sistema ta' monitoraġġ tal-inventarji tal-foresti tvarja minn pajjiż għall-ieħor, peress li kull pajjiż għandu s-sistema tiegħu ta' inventarji tal-foresti bil-metodoloġija tiegħu. Jenħtieġ li l-

***Kummissjoni u l-Istati Membri
jarmonizzaw l-indikaturi, id-definizzjoni u
s-sistemi differenti ta' inventarju u
jistabilixxu sistema konsistenti ta'
monitoraġġ tal-foresti madwar l-Unjoni.***

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

Emenda

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati ***u mkejla*** b'livell oġhla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, ***l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija^{39a}***, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, ***il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli^{40a}***, ***l-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bijoekonomija^{40b}***, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk jgħinu biex titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni, ***u biex jiġu iċċentivizzati sinerġiji bejn il-politiki tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità***. Il-monitoraġġ u r-rapportar ***bis-satellita u fuq il-post*** tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, ***u bl-użu sħiħ ta' għodod li diġà jeżistu bħall-istħarriġ statistiku LUCAS***, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni,

u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali. *F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi assistenza lill-Istati Membri biex japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 mill-2026 'il quddiem biex jiżguraw il-konsistenza u t-trasparenza tad-data, u titkompla l-ħidma fuq id-data ġeospazjali tal-GIS fil-livell tal-Unjoni.*

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna (COM(2020) 380 final).

³⁹ COM/2020/381 final.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna (COM(2020) 380 final).

³⁹ COM/2020/381 final.

^{39a} *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030-Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għannies, l-ikel, in-natura u l-klima (COM/2021/699 final).*

⁴⁰ [...]

⁴⁰ [...]

^{40a} *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli (COM/2021/800 final).*

^{40b} *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent (COM/2018/673 final).*

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM/2021/82 final.

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM/2021/82 final.

Emenda 42

Proposta għal regolament Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Sabiex jiġu ssodisfati l-impenji li saru fl-ambitu tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 u l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti għall-2030, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 biex iżżid kategoriji tal-art ġodda ma' dawk koperti fl-ambitu tas-sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għall-protezzjoni u ma' dawk koperti fl-ambitu tas-sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għar-restawr.

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Il-bidliet antropoġeniċi **mistennija fl-użu tal-ambjent** tal-baħar u tal-ilma ħelu permezz ta', pereżempju, l-espansjoni ppjanata tal-enerġija offshore, iż-żieda potenzjali fil-produzzjoni tal-akkwakultura u l-livelli dejjem jiżdiedu ta' protezzjoni tan-natura biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità **se jinfluwenzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sekwestru tagħhom**. Bħalissa dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti ma humiex inklużi fit-tabelli ta' rapportar standard fil-UNFCCC. Sussegwentement għall-adozzjoni tal-metodoloġija ta' rapportar, il-Kummissjoni se tqis **ir-**

(17) Il-bidliet antropoġeniċi **fl-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra fl-ekosistemi** tal-baħar, **kostali** u tal-ilma ħelu **jistgħu jkunu sinifikanti, u huma mistennija li jvarjaw fil-futur b'riżultat tal-bidliet fl-użu**, permezz ta', pereżempju, l-espansjoni ppjanata tal-enerġija offshore, iż-żieda potenzjali fil-produzzjoni tal-akkwakultura u l-livelli dejjem jiżdiedu ta' protezzjoni tan-natura **mehntieġa** biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità. **L-artijiet mistaġħdra kostali huma ta' interess speċifiku għall-bijodiversità tal-Unjoni kif ukoll għar-reġjuni u l-**

rapportar dwar il-progress, il-fattibbiltà tal-analiżi u l-impatt tal-estensjoni tar-rapportar għall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika ta' dawn il-flussi meta twettaq ir-rieżami f'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.

ekosistemi ultraperiferiċi kkonċernati mill-azzjoni esterna tal-Unjoni, u jistgħu jikkawżaw tnaqqis importanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra bħal l-hekk imsejħa ekosistemi tal-"karbonju blu". Bħalissa dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti ma humiex inklużi fit-tabelli ta' rapportar standard fil-UNFCCC. Sussegwentement għall-adozzjoni tal-metodoloġija ta' rapportar, il-Kummissjoni se tqis *li testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jinkludi l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-ekosistemi tal-baħar, kostali, inklużi l-artijiet mistagħdra tad-delta, u tal-ilma ħelu abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika ta' dawn il-flussi u l-kawżi tagħhom, u tapplika miri speċifiċi għal tali emissjonijiet u assorbimenti, meta twettaq ir-rieżami f'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.*

Emenda 44

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Ir-Regolament LULUCF jenħtieġ li jiġi emendat biex ikun allinjat mal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-eżitu tas-Summit dwar il-Klima fi Glasgow u jevita l-għadd doppju. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jħeġġu lis-sħab internazzjonali u lill-partijiet terzi biex huma wkoll jieħdu azzjoni addizzjonali fis-setturi tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art, u tal-forestrija fil-kuntest tal-Konferenzi tan-NU li jmiss dwar it-Tibdil fil-Klima u f'ambjenti internazzjonali oħra.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid))

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) miri sussidjarji għall-Unjoni kollha għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra mir-raba', mill-bwar u mill-artijiet mistagħdra sabiex daww il-kategoriji ta' art jikkontribwixxu għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u għall-oġettiv ta' newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119;

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt da (ġdid))

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) miri sussidjarji għall-Istati Membri kollha għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra mir-raba', mill-bwar u mill-artijiet mistagħdra sabiex daww il-kategoriji ta' art jikkontribwixxu għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u għall-oġettiv ta' newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet nazzjonali;

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt db (ġdid))

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-impenji tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni rilevanti u tal-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa għat-titjib tal-

assorbimenti netti tal-gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF mill-2031 'il quddiem sabiex jikkontribwixxu għall-Artikolu 5(1) tal-Ftehim ta' Pariġi u jiżguraw kontribut fit-tul sostenibbli u prevedibbli tal-bjar naturali biex jinkiseb l-objettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, u jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119;

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) l-impenji tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa lejn il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija inkluż l-emissjonijiet mill-agrikoltura mhux tas-CO₂”;

imħassar

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri mill-2031 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-art elenkati fil-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 2 u fi kwalunkwe wieħed mis-setturi li

imħassar

ġejjin:

- (a) *fermentazzjoni enterika;*
- (b) *ġestjoni tad-demel;*
- (c) *kultivazzjoni tar-ross;*
- (d) *ħamrija agrikola;*
ħruq awtorizzat ta' meddjet kbar ta' savana;
- (f) *ħruq fl-għelieqi ta' fdalijiet agrikoli;*
- (g) *trattament bil-ġir;*
- (h) *applikazzjoni tal-urea;*
- (i) *"fertilizzanti oħrajn li fihom il-karbonju";*
- (j) *"oħrajn".*

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta' **310** miljun tunnellata ta' ekwivalenti **għas-CO₂** bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data **tal-inventarju** tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018.

Emenda

2. Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra **fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija** hija ta' **mill-inqas 310** miljun tunnellata ta' ekwivalenti **ta' CO₂** bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data **tal-inventarji** tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018. **Din il-mira għandha tiġi amplifikata aktar b'miżuri u inizjattivi addizzjonali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jappoġġaw is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u li jwasslu għal mill-inqas 50 miljun tunnellata addizzjonali ta' ekwivalenti ta' CO₂ ta' assorbimenti netti sal-2030 fil-livell tal-Unjoni.**

Kull Stat Membru għandu jiżgura, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12, **13** u 13b, li s-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra tiegħu fit-territorju tiegħu u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), f'kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ma taqbiżx il-limitu stabbilit minn trajettorja lineari, li tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru fl-Anness IIa. It-trajettorja lineari ta' Stat Membru għandha tibda fl-2022.

Kull Stat Membru għandu jiżgura, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12 u 13b, li s-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra tiegħu fit-territorju tiegħu u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), f'kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ma taqbiżx il-limitu stabbilit minn trajettorja lineari, li tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru fl-Anness IIa. It-trajettorja lineari ta' Stat Membru għandha tibda fl-2022.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu** l-miri annwali bbażati fuq it-trajettorja lineari għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti **għas-CO₂**. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data **tal-inventarju** tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnelli ta' ekwivalenti **għas-CO₂** bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa **jista' jkun soġġett** għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. Il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri, għandu jiġi stabbilit f'dawn l-atti **ta' implimentazzjoni**. Għall-fini ta' dawk l-atti **ta' implimentazzjoni**, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-aktar data **tal-inventarju**

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi** l-miri annwali **għas-settur tal-LULUCF**, ibbażati fuq it-trajettorja lineari għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti **ta' CO₂**. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data **tal-inventarji** tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-assorbimenti netti ta' **mill-inqas** 310 miljun tunnelli ta' ekwivalenti **ta' CO₂** bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa **u, mill-inqas, 50 miljun tunnelli addizzjonali ta' ekwivalenti ta' CO₂ kif imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jkun soġġett** għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri, **soġġett għal rieżami minn esperti indipendenti li jikkonferma l-ħtieġa u l-**

nazzjonali reċenti għas-snin 2021, 2022 u 2023 *imressaq* mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16a.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

proporzjonalità tal-korrezzjoni teknika bbażata fuq l-akkuratezza mtejba tad-data mmonitorjata u rrapportata. Il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri *u għar-rieżami minn esperti indipendenti* għandu jiġi stabbilit f'dawn l-atti *delegati u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.* Għall-fini ta' dawk l-atti *delegati*, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-aktar data *tal-inventarji* nazzjonali reċenti għas-snin 2021, 2022 u 2023 *imressqa* mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

3a. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta metodoloġija għall-istabbiliment ta' miri sussidjarji għall-Unjoni u għall-Istati Membri għar-raba', għall-bwar u għall-artijiet mistagħdra biex tiżgura li dawk il-kategoriji tal-art jikkontribwixxu għall-mira klimatika tal-UE għall-2030 u għall-oġġettiv ta' newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet nazzjonali u l-potenzjal ta' sekwestru f'dawk il-kategoriji tal-art.*

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, rispettivament, biex ikomplu jtejbu l-assorbimenti netti tal-gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF mill-2031 'il quddiem sabiex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Ftehim ta' Pariġi u jiżguraw kontribut fit-tul sostenibbli u prevedibbli tal-bjar naturali għall-oġettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119.

Sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u l-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet serra stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, u abbażi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima mressqa mill-Istati Membri sat-30 ta' Ġunju 2024, skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, tressaq proposta biex temenda dan ir-Regolament ħalli tistabbilixxi miri tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-assorbimenti netti tal-gassijiet serra fl-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija mill-inqas għall-2035, l-2040, l-2045 u l-2050.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(3) għandhom jimmiraw li jkunu żero netti sal-2035 u l-Unjoni għandha tikseb emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira għall-2035. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima mressqa minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 sat-30 ta' Ġunju 2024, tagħmel proposti għall-kontribut ta' kull Stat Membru għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti.***";

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2024, abbażi ta' ***rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima mressqa minn kull Stat Membru skont l-Artikoli 14 u 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 sa dik id-data, u filwaqt li tqis il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u l-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet serra stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-progress miksub fiż-żieda tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra mir-raba', mill-bwar u mill-artijiet mistagħdra skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842, u tivvaluta jekk ix-xejriet attwali u l-projezzjonijiet futuri humiex konsistenti mal-objettiv li jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi kollha f'konformità mal-objettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika u l-miri klimatiċi intermedjarji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119.***

Dak ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-impatt li tesplora l-għażliet, inklużi l-miri nazzjonali u l-miri sussidjarji settorjali, biex jiġi żgurat kontribut ġust ta' kull settur u ta' kull Stat Membru għall-objettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika u għall-miri klimatiċi intermedjarji tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119, filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoekonomija tal-2018, il-produzzjoni sostenibbli ta' ikel lokali u s-sigurtà tal-ikel, l-Istrateġija "Mill-Għalqa

sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, il-Leġiżlazzjoni li jmiss dwar Sistema tal-Ikel Sostenibbli, filwaqt li tivvaluta s-sinerġiji u l-kompromessi tal-aċċellerazzjoni tas-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili bi prodotti b'bażi bijoloġika, u tivvaluta l-impatti sal-livell tal-azjendi agrikoli.

Wara dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti leġiżlattivi fejn jidhrilha li jkun xieraq biex tiżgura kontributi mis-setturi kollha f'konformità mal-objettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika u l-miri klimatiċi intermedjarji tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Meta jieħdu miżuri biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u s-salvagwardji minimi skont it-tifsira tal-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, filwaqt li jqisu l-prinċipji minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida biex tispeċifika regoli u metodoloġiji komuni biex jinkiseb l-objettiv stabbilit f'dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi kriterji minimi għall-inklużjoni tal-monitoraġġ tal-bijodiversità fis-sistemi ta' monitoraġġ tal-art.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assorbiment tas-CO₂ mill-atmosfera jkun immirat bl-aħjar mod biex iżomm il-popolamenti tal-foresti f'fażi ta' età ta' tkabbir għoli permezz ta' ġestjoni intelliġenti fil-livell klimatiku u sostenibbli, peress li tali ġestjoni flimkien mal-miżuri li jżidu t-tkabbir jikkontribwixxu b'mod attiv għall-assorbiment tal-karbonju.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

"Artikolu 4a

Appoġġ finanzjarju u tranżizzjoni ġusta għal żieda fl-azzjoni ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih fis-settur tal-LULUCF

1. *Sa... [erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jivvaluta d-disponibbiltà u l-konsistenza tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti kollha tal-Unjoni biex jiżiedu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih fis-settur tal-LULUCF sabiex jikkontribwixxu għall-miri stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(3), f'konformità mal-Artikolu 4(4a). F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn applikabbli, toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar kif il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jeħtieġ li jiġu emendati skont l-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jipprovdu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ mis-sidien tal-art u tal-foresti jew dawk li jiġġestuhom, u mfassal apposta għalihom, biex jintlaħqu l-miri stabbiliti skont l-Artikolu 4(3), f'konformità mal-Artikolu 4(4a), bi prijorità mogħtija lill-promozzjoni ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistemi fil-foresti, fl-art agrikola u fl-agroforestrija. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet għandhom iqisu l-ħtieġa li tiġi żgurata l-permanenza tal-assorbimenti li jkunu qed jiġu ġġenerati permezz ta' tali appoġġ finanzjarju, u r-riskju li dawk l-assorbimenti jiġu rilaxxati fi kwalunkwe punt fl-atmosfera, aċċidentalment jew intenzjonalment.*

2. *Meta l-Istati Membri jużaw id-dħul pubbliku ġġenerat mill-irkant tal-kwoti tal-EU ETS fl-ambitu tad-Direttiva 2003/87/KE biex jappoġġaw il-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih adottati mis-sidien tal-art u tal-foresti jew minn dawk li jiġġestuhom biex jintlaħqu l-miri stabbiliti skont l-Artikolu 4(3), f'konformità mal-Artikolu 4(4a), għandha tingħata prijorità lill-promozzjoni ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistemi fil-foresti u fl-art agrikola. Il-*

proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' kriterji komuni oġġettivi, ibbażati fuq ix-xjenza u trasparenti, u għandhom jippremjaw prattiki li l-benefiċċji klimatiċi u ambjentali tagħhom ikunu ppruvati xjentifikament u li jwasslu għaż-żieda sostenibbli u fit-tul fis-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija u fil-bijomassa filwaqt li jiżguraw kobenefiċċji soċjetali.

3. Għall-fini tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida biex tistabbilixxi kriterji komuni għall-għażla ta' proġetti, ibbażati, fost l-oħrajn, fuq linji gwida eżistenti adottati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1119, kif ukoll lis-soċjetà ċivili u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, qabel l-adozzjoni ta' dawk il-linji gwida.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġislattiva, fejn ikun xieraq, biex tistabbilixxi qafas regolatorju għaċ-ċertifikazzjoni ta' assorbimenti tal-karbonju xjentifikament robusti, sostenibbli, affidabbli u permanenti, inkluż permezz ta' prattiki ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, li jiżguraw l-integrità ambjentali u jirrispettaw prinċipji ekoloġiċi favorevoli għall-bijodiversità.

5. Sa... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jevalwaw l-impatti soċjali u fuq ix-xogħol, inkluż fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, li l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament ikollhom fi kwalunkwe mill-kategoriji u s-setturi tal-art koperti bl-Artikolu 2."

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Kull Stat Membru għandu jħejji u jżomm kontijiet li jirriflettu b'mod preċiż l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2. L-Istati Membri għandhom **jżgura** li l-kontijiet tagħhom u data oħra pprovduta skont dan ir-Regolament ikunu preċiżi, **kompleti**, konsistenti, komparabbli u trasparenti. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-emissjonijiet b'sinjal pożittiv (+) u l-assorbimenti b'sinjal negattiv (-).

(32018R0841, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R0841&rid=1>)

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3c (ġdid)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. L-Istati Membri, fil-kontijiet tagħhom għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art, għandhom jinkludu kwalunkwe bidla fil-ħażna ta' karbonju tar-raggruppamenti ta' karbonju elenkati fit-Taqsima B tal-Anness I. Stati Membri jistgħu jagħżlu li ma jinkludux fil-kontijiet tagħhom bidliet fil-ħażniet ta' karbonju tar-

Emenda

(3b) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jħejji u jżomm kontijiet li jirriflettu b'mod preċiż l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2. L-Istati Membri għandhom **jżguraw** li l-kontijiet tagħhom u data oħra pprovduta skont dan ir-Regolament ikunu preċiżi, **kompluti**, konsistenti, **aċċessibbli għall-pubbliku**, komparabbli u trasparenti. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-emissjonijiet b'sinjal pożittiv (+) u l-assorbimenti b'sinjal negattiv (-).

Emenda

(3c) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri, fil-kontijiet tagħhom għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art, għandhom jinkludu kwalunkwe bidla fil-ħażna ta' karbonju tar-raggruppamenti ta' karbonju elenkati fit-Taqsima B tal-Anness I. Stati Membri jistgħu jagħżlu li ma jinkludux fil-kontijiet tagħhom bidliet fil-ħażniet ta' karbonju tar-

raggruppamenti ta' karbonju sakemm ir-raggruppament ta' karbonju mhux sors. Madankollu, dik l-għażla li ma jinkludux il-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju fil-kontijiet ma għandhiex tapplika fir-rigward tar-raggruppamenti ta' karbonju tal-bijomassa tal-wiċċ, injam mejjet u l-prodotti tal-injam maħsud, fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art tal-art forestali ġestita.

raggruppamenti ta' karbonju sakemm ir-raggruppament ta' karbonju mhux sors. Madankollu, dik l-għażla li ma jinkludux il-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju fil-kontijiet ma għandhiex tapplika fir-rigward tar-raggruppamenti ta' karbonju tal-bijomassa tal-wiċċ, **karbonju minerali u organiku tal-ħamrija**, injam mejjet u l-prodotti tal-injam maħsud, fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art tal-art forestali ġestita.

(Regolament (UE) 2018/841 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R0841&rid=1>)

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3d (ġdid)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3d) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mhux aktar tard minn sena wara [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jistabbilixxi valur ikkalibrat mill-ġdid tal-ħażna tal-karbonju għall-kategoriji ewlenin ta' foresti primarji u verġni tal-Unjoni fil-kategorija ta' art tal-foresti ġestita abbażi tad-data mkejla.

Il-Kummissjoni għandha tuża settijiet tad-data pprovduti minn proġetti ta' riċerka ffinalizzati jew li jinsabu għaddejnin bħalissa għal tipi rilevanti ta' foresti primarji u verġni u għandha tuża strumenti oħra tal-Unjoni biex tiffinanzja l-proġetti għal tipi ta' foresti b'lakuni fid-data. Jekk ikun rilevanti, tista' tinħoloq sejħa speċjalizzata fl-ambitu tal-Missjonijiet tal-UE f'Orizzont Ewropa relatata mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih."

Ġustifikazzjoni

Fl-ambitu tal-proġett REMOTE, ix-xjenzjati stabbilew li l-qafas tal-immudellar globali jissottovaluta l-ħażna tal-karbonju tal-foresti Karpazjani tal-fagu. Il-valuri prestabbiliti li jissottovalutaw il-potenzjal ta' dawn l-ekosistemi għall-evitar tal-emissjonijiet jistgħu jwasslu għal teħid żbaljat ta' deċiżjonijiet relatati magħhom. Dan għandu jiġi rrimedjat. Qegħdin ngħixu fl-era tad-data, u għandna l-obbligu li nibbażaw l-azzjoni klimatika tagħna fuq data korretta, mhux fuq ipoteżijiet żbaljati.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3e (ġdid)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3e) fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Il-ġbir tad-data għandu jittejjeb aktar permezz ta' monitoraġġ armonizzat fl-Unjoni kollha tal-evoluzzjoni tal-kontenut ta' karbonju organiku fil-ħamrija u l-fatturi li għandhom impatt fuq il-kundizzjoni tal-ħamrija u l-ħażniet tal-karbonju tagħha permezz tal-istħarriġ annwali LUCAS imwettaq mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea."

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Prodotti għall-ħżin tal-karbonju;

Prodotti **sostenibbli** għall-ħżin tal-karbonju;

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jżiedu kategoriji ġodda ta' prodotti tal-injam maħsud li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, **abbażi tal-Linji** Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqqha tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiġi żgurata l-integrità ambjentali..

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jżiedu kategoriji ġodda ta' prodotti tal-injam maħsud, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, **dment li l-metodoloġiji għal kategoriji ġodda jkunu bbażati fuq ix-xjenza, trasparenti, verifikabbli, jevitaw l-għadd doppju, u jkunu bbażati fuq il-Linji** Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqqha tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiġi żgurata l-integrità ambjentali.

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ba (ġdid)

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'2a. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv dwar qafas regolatorju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju abbażi ta' rekwiżiti xjentifikament robusti u regoli tal-kontabbiltà f'termini ta' kwalità tal-kejl, standards ta' monitoraġġ, protokollu ta' rapportar u mezzi ta' verifika, l-iżgurar tal-integrità ambjentali u l-evitar ta' impatti negattivi fuq il-bijodiversità u l-

ekosistemi, u fejn ġew adottati Linji Gwida ġodda tal-IPCC mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-benefiċċji u l-kompromessi possibbli f'termini tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament u l-protezzjoni tal-bijodiversità tal-inklużjoni ta' prodotti tal-ħżin tal-karbonju b'bażi bijoloġika b'ħajja twila miksuba b'mod sostenibbli li għandhom effett ta' sekwestru tal-karbonju pożittiv nett ibbażat fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż l-impatt fuq l-użu tal-art u t-tibdil fl-użu tal-art assoċjat ma' żieda fil-ħsad, u dment li d-data disponibbli tkun ibbażata fuq ix-xjenza, trasparenti u verifikabbli. Ir-rapport tal-Kummissjoni jista' jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq, filwaqt li tiġi żgurata l-integrità ambjentali, jiġi evitat l-għadd doppju, u jiġi żgurat li r-riżorsi naturali jintużaw u jiġu riċiklati għall-itwal żmien possibbli, u allokati għall-aktar finijiet siewja possibbli f'kull stadju. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-ħtieġa li ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tal-ħżin tal-karbonju ma jagħmilx ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852."

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt aa (ġdid)

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 11 – paragrafu -1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jiddaħħal il-paragrafu -1 li ġej

qabel il-paragrafu 1:

'-1. Fejn il-Kummissjoni ssib li Stat Membru naqas milli jilħaq il-mira annwali tiegħu kif stabbilita fl-Artikolu 4(3) għal sentejn konsekuttivi, hija għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru li jidentifikaw miżuri addizzjonali adegwati fis-settur tal-LULUCF biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tali rakkomandazzjonijiet disponibbli pubblikament. Il-Kummissjoni tista' tipprowdi wkoll appoġġ tekniku addizzjonali lil dak l-Istat Membru.

Meta jinħarġu rakkomandazzjonijiet skont l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fi żmien sitt xhur minn meta jirċievi r-rakkomandazzjonijiet, jemenda l-Pjan Nazzjonali tiegħu għall-Enerġija u l-Klima u l-Istrateġija fit-Tul kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999 biex jadotta miżuri adegwati addizzjonali, filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri għandhom ikunu motivati u sostanzjati kif xieraq.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u l-Istrateġija fit-Tul riveduti lill-Kummissjoni, akkumpanjati minn dikjarazzjoni li tistabbilixxi kif ir-reviżjoni proposta se tirrorredja n-nuqqas ta' konformità mal-miri annwali u kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jindirizza ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tiegħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati";

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Ir-Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Stat Membru jista' juża:
- (a) il-flessibbiltajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 12; kif ukoll
- (b) sabiex jikkonforma **mal-impenn** fl-Artikolu 4, il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita **fl-Artikoli** 13 u 13b.

Il-Finlandja tista', minbarra l-flessibbiltajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, tuża kumpensi addizzjonali skont l-Artikolu 13a.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt ba (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Jekk Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fil-punt (da) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-Amministratur Ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE ("l-Amministratur Ċentrali") għandu jipprojbixxi temporanjament dak l-Istat Membru milli jittrasferixxi **jew ifaddal** skont l-Artikolu 12(2) **u (3)** ta' dan ir-Regolament jew bl-użu tal-flessibbiltà tal-art forestali ġestita skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament."

Emenda

1. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu -1**, Stat Membru jista' juża:
- (a) il-flessibbiltajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 12; kif ukoll
- (b) sabiex jikkonforma **mal-impenni u l-miri stabbiliti** fl-Artikolu 4, il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita **fl-Artikolu** 13 u **l-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu** 13b.

Il-Finlandja tista', minbarra l-flessibbiltajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, tuża kumpensi addizzjonali skont l-Artikolu 13a.

Emenda

- (ba) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

‘2. Jekk Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fil-punt (da) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-Amministratur Ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE ("l-Amministratur Ċentrali") għandu jipprojbixxi temporanjament dak l-Istat Membru milli jittrasferixxi skont l-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament jew bl-użu tal-flessibbiltà tal-art forestali ġestita skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament."

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt -a (ġdid)

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Sa fejn l-assorbimenti totali jaqġbu l-emissjonijiet totali fi Stat Membru **u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842**, dak l-Istat Membru jista' jittrasferixxi l-kwantità tal-assorbimenti li jifdallu lil Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Istat Membru riċeventi mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(-a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

‘2. Sa fejn l-assorbimenti totali jaqġbu l-emissjonijiet totali fi Stat Membru **għall-perjodu mill-2021 sal-2025, jew l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fl-2030 fi Stat Membru jaqġbu l-mira annwali stabbilita fl-Artikolu 4(3)**, dak l-Istat Membru jista' jittrasferixxi l-kwantità tal-assorbimenti li jifdallu lil Stat Membru ieħor **soġġett għall-pagament mill-Istat Membru riċeventi ta' kontribuzzjoni ekwivalenti għal mill-inqas il-medja tal-prezzijiet tal-għeluq tal-kwoti tal-EU ETS fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant tul is-sena li għaliha japplika t-trasferiment**. Il-kwantità trasferita għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Istat Membru riċeventi mal-impenn **u l-miri** tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri **jistgħu** jużaw id-dħul **iġġenerat** mit-trasferimenti skont il-paragrafu 2 biex **jindirizzaw it-tibdil** fil-klima fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni **bi kwalunkwe azzjoni bħal din** meħuda.

Emenda

5. L-Istati Membri **għandhom** jużaw id-dħul **kollu ġġenerat** mit-trasferimenti skont il-paragrafu 2 biex **jiffinanzjaw miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil** fil-klima **fis-settur tal-LULUCF** fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi, **inklużi approċċi bbażati fuq l-ekosistema, filwaqt li jqisu l-**

prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u s-salvagwardji minimi kif stabbiliti rispettivament fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE) 2020/852. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-użu ta' dak id-dħul u l-azzjonijiet meħuda fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 13

Flessibbiltà tal-art forestali ġestita

1. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1), [ikkontabbilizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament,] fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex ikun konformi mal-Artikolu 4(1).

2. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 8(1) ikun ċifra pożittiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat li jikkompensa l-emissjonijiet li jkunu rriżultaw mill-kalkolu dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jkun inkluda fl-istrateġija tiegħu mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti; kif ukoll

Emenda

Artikolu 13

Flessibbiltà tal-art forestali ġestita

1. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1), [ikkontabbilizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament,] fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex ikun konformi mal-Artikolu 4(1).

2. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 8(1) ikun ċifra pożittiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat li jikkompensa l-emissjonijiet li jkunu rriżultaw mill-kalkolu dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jkun inkluda fl-istrateġija tiegħu mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti ***b'mod li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-bijodiversità, u titnaqqas il-***

vulnerabbiltà tal-art għal disturbi naturali; kif ukoll

(aa) l-Istat Membru jikkonforma mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u mad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; kif ukoll**

(b) l-emissjonijiet totali fl-Unjoni ma jaqbżux l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 7(1) jew 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/842.

3. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jkopri biss bjar ikkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti ta' dak l-Istat Membru u ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

4. L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali kkalkolati skont l-Anness VI sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom, sal-ammont sħiħ tal-kumpens mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati.”;

(b) l-emissjonijiet totali fl-Unjoni ma jaqbżux l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 7(1) jew 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/842.

3. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jkopri biss bjar ikkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti ta' dak l-Istat Membru u ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

4. L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali kkalkolati skont l-Anness VI **u l-miżuri li jipplanaw li jadottaw biex jipprevjenu jew jimmitigaw effetti simili fil-futur** sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom, sal-ammont sħiħ tal-kumpens mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati. **Il-Kummissjoni għandha**

tagħmel l-evidenza ppreżentata mill-Istati Membri disponibbli għall-pubbliku";

** Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).*

*** Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 020, 26.1.2010, p. 7).*

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13b

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 13b

Mekkaniżmu ta' **flessibilità fl-użu tal-art** għall-perjodu mill-2026 sal-2030

1. Mekkaniżmu **ta' flessibilità fl-użu tal-art** li jikkorrispondi għal kwantità ta' mhux aktar minn 178 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għandu jiġi stabbilit fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999, soġġett għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-mekkaniżmu **ta' flessibilità** għandu jkun disponibbli flimkien mal-flessibiltajiet previsti fl-Artikolu 12.

2. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, id-differenza bejn is-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra fit-territorju ta' Stat Membru

Emenda

Artikolu 13b

Mekkaniżmu ta' **disturbi naturali** għall-perjodu mill-2026 sal-2030

1. Mekkaniżmu li jikkorrispondi għal kwantità ta' mhux aktar minn 178 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għandu jiġi stabbilit fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999 **biex jitqies l-impatt tad-disturbi naturali, jew tal-perturbazzjonijiet tal-ekosistema xprunati mit-tibdil fil-klima sakemm dawn ma setgħux jiġu antiċipati jew evitati, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-adattament**, soġġett għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-mekkaniżmu għandu jkun disponibbli flimkien mal-flessibiltajiet previsti fl-Artikolu 12.

2. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, id-differenza bejn is-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra fit-territorju ta' Stat Membru

u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-mira korrispondenti, tkun pożittiva, ikkontabbilizzata u rrapportata f'konformità ma' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru jista' juża ***l-flessibbiltà stabbilita*** f'dan l-Artikolu sabiex jikkonforma mal-mira tiegħu stabbilita skont l-Artikolu 4(2).

3. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 ikun pożittiv, l-Istat Membru ***kkonċernat għandu jkun intitolat li jikkompensa l-emissjonijiet żejda dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:***

u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-mira korrispondenti, tkun pożittiva, ikkontabbilizzata u rrapportata f'konformità ma' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru jista' juża ***l-mekkaniżmu stabbilit*** f'dan l-Artikolu sabiex jikkonforma mal-mira tiegħu stabbilita skont l-Artikolu 4(2).

3. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 ikun pożittiv, l-Istat Membru ***jista' juża l-mekkaniżmu stabbilit f'dan l-Artikolu dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni jew fil-punt (-a) jew (-aa), kif xieraq, u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha fil-punti (a) sa (c):***

(-a) l-Istat Membru pprovda lill-Kummissjoni biżżejjed evidenza li r-riżultat pożittiv huwa marbut direttament mal-impatt tad-disturbi naturali kkalkulati skont l-Anness VI. il-Kummissjoni għandha tagħmel l-evidenza ppreżentata mill-Istati Membri disponibbli għall-pubbliku u tista' tirrifjuta l-evidenza ppreżentata mill-Istat Membru jekk, wara li tivverifika l-informazzjoni li tirċievi mill-Istat Membru, tqis li ma tkunx ġustifikata biżżejjed jew tkun sproporzjonata; jew

(-aa) l-Istat Membru jkun ipprovda lill-Kummissjoni b'evidenza suffiċjenti li r-riżultat pożittiv huwa marbut direttament mal-impatt tal-perturbazzjonijiet tal-ekosistema xprunati mit-tibdil fil-klima u li dawk ma setgħux jiġu antiċipati jew evitati, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' adattament suffiċjenti biex tiġi żgurata r-reżiljenza taż-żona affettwata għat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 5a. il-Kummissjoni tista' tirrifjuta l-evidenza ppreżentata mill-Istat Membru jekk, wara li tivverifika l-informazzjoni li tirċievi mill-Istat Membru, tqis li ma tkunx ġustifikata biżżejjed jew tkun

(a) l-Istat Membru jkun **inkluda fil-pjan** nazzjonali integrat **aġġornat tiegħu għall-enerġija u l-klima mressaq** skont l-Artikolu **14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati** biex **jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, tal-bjar u r-riżervi kollha tal-art**, u biex **tnaqqas** il-vulnerabbiltà tal-art għal disturbi naturali;

(b) l-Istat Membru jkun eżawrixxa l-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha disponibbli skont dan l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842;

(c) id-differenza fl-Unjoni bejn is-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti kollha ta' gassijiet serra fit-territorju tagħha u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-mira tal-Unjoni **[ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂]**, tkun negattiva, fil-perjodu mill-2026 sal-2030.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali kif imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk tinkludix 20 % tal-assorbimenti netti li ma jkunux innegożjati mill-Istati Membri mill-perjodu mill-2021 sal-2025 abbażi tal-impatt tad-disturbi naturali u bl-applikazzjoni tal-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. F'dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842.

sproporzjonata; kif ukoll

(a) l-Istat Membru jkun **effettivament irrevoda l-pjan** nazzjonali integrat **għall-enerġija u l-klima u l-istrateġija fit-tul tiegħu** skont l-Artikolu **11(-I) u jkun adotta miżuri ġodda** biex **itejjeb il-bjar u r-riżervi kollha tal-art b'mod li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-bijodiversità**, u biex **inaqqas** il-vulnerabbiltà tal-art għal disturbi naturali **u l-impatt tat-tibdil fil-klima**;

(b) l-Istat Membru jkun eżawrixxa l-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha disponibbli skont dan l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842;

(ba) l-Istat Membru jikkonforma mad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE;

(c) id-differenza fl-Unjoni bejn is-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti kollha ta' gassijiet serra fit-territorju tagħha u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-mira tal-Unjoni **kif stabbilita fl-Artikolu 4(2), wara li teżawrixxi l-flessibbiltajiet l-oħra kollha disponibbli skont l-Artikolu 12**, tkun negattiva, fil-perjodu mill-2026 sal-2030.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali kif imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk tinkludix 20 % tal-assorbimenti netti li ma jkunux innegożjati mill-Istati Membri mill-perjodu mill-2021 sal-2025 abbażi tal-impatt tad-disturbi naturali u bl-applikazzjoni tal-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. F'dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842.

4. L-ammont tal-kumpens imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jista' jkopri biss bjar ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-mira tal-Istat Membru fl-Anness IIa ta' dan ir-Regolament u ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2026 sal-2030.

5. ***L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali kkalkolati skont l-Anness VI, sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-mira ta' Stat Membru kkonċernat stabbilita fl-Anness IIa, sal-ammont sħiħ tal-kumpens mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2026 sal-2030.*** F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont ***tal-kumpens mhux użat*** disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati.

4. L-ammont tal-kumpens imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jista' jkopri biss bjar ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-mira tal-Istat Membru fl-Anness IIa ta' dan ir-Regolament u ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2026 sal-2030.

5. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont ***ta' 178 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂*** disponibbli ***skont il-mekkaniżmu***, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati.

5a. Sa... [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta metodoloġija għall-valutazzjoni tal-impatt tal-perturbazzjonijiet tal-ekosistema xprunati mit-tibdil fil-klima msemmija fil-punt (-aa) tal-paragrafu 3.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Ir-Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 13c

Test propost mill-Kummissjoni

"Artikolu 13c

Emenda

"Artikolu 13c

Jekk *l-emissjonijiet u l-assorbimenti rieżaminati ta' gassijiet serra ta' Stat Membru fl-2032 jaqbżu l-miri annwali ta' dak l-Istat Membru* għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu mill-2026 sal-2030, *filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 12 u 13b*, għandha tapplika l-miżura li ġejja:

Ammont ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂ tal-emissjonijiet netti żejda ta' gassijiet serra, immultiplikati b'fattur ta' 1,08, għandu jidded maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra *rrapportata* minn dak l-Istat Membru fis-sena ta' wara, f'konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 15.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
 Ir-Regolament (UE) 2018/841
 Artikolu 13d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk, *b'riżultat tar-rieżami komprensiv li jsir mill-Kummissjoni fl-2032 skont l-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni ssib li l-miri u l-impenji ta' Stat Membru stabbiliti skont l-Artikolu 4 ma jintlaħqux* għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu mill-2026 sal-2030, għandha tapplika l-miżura li ġejja:

Ammont ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂ tal-emissjonijiet netti żejda ta' gassijiet serra, immultiplikati b'fattur ta' 1,08, għandu jidded maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra *għal dawk il-kategoriji ta' art irrapportata* minn dak l-Istat Membru fis-sena ta' wara, f'konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 15.

Fejn il-Kummissjoni ssib li l-Istati Membri ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa f'konformità mat-Trattati.

Emenda

(14a) għandu jiddaħħal l-Artikolu 13d li ġejj:

Artikolu 13d

Kooperazzjoni internazzjonali

Meta Stat Membru jiddeċiedi li jawtorizza l-użu ta' krediti tal-karbonju mis-settur tal-LULUCF għall-kumpens minn entitajiet pubbliċi jew privati, inkluż permezz tal-Artikoli 6.2 jew 6.4 tal-Ftehim ta' Pariġi, l-ammont ta' assorbimenti trasferiti jew użati ma għandux jitqies għall-objettiv li jintlaħqu l-miri annwali ta' dak l-Istat Membru kif stabbilit fl-

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

‘1. Sal-15 ta' Marzu 2027 għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u sal-15 ta' Marzu 2032 għall-perjodu mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni rapport tal-konformità li jkun fih il-bilanċ tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali għall-perjodu rilevanti fuq kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art speċifikata fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 2(1) għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2) għall-perjodu mill-2026 sal-2030, bl-użu tar-regoli kontabilistiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Ir-rapport tal-konformità għandu jinkludi valutazzjoni ta':

(a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi;

(b) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni ta' u l-adattament għat-tibdil fil-klima;

(c) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità.

Dan ir-rapport għandu jkun fih ukoll, meta

Emenda

‘1. Sal-15 ta' Marzu 2027 għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u sal-15 ta' Marzu 2032 għall-perjodu mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni rapport tal-konformità li jkun fih il-bilanċ tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali għall-perjodu rilevanti fuq kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art speċifikata fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 2(1) għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2) għall-perjodu mill-2026 sal-2030, bl-użu tar-regoli kontabilistiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Ir-rapport tal-konformità għandu jinkludi valutazzjoni ta':

(a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi ***possibbli ma' objettivi u strateġiji ambjentali oħra tal-Unjoni, bħal dawk stabbiliti fit-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali u fl-Istrateġiji tal-UE għall-Bijodiversità u l-Bijoeconomija;***

(aa) il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(4a);

(b) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni ta' u l-adattament għat-tibdil fil-klima, ***inklużi politiki u miżuri biex titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-art għad-disturbi naturali u l-klima;***

(c) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità;

Dan ir-rapport għandu jkun fih ukoll, meta

jkun applikabbli, dettalji dwar l-intenzjoni li jintużaw il-flessibbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 11 u l-ammonti relatati jew dwar l-użu ta' dawn il-flessibbiltajiet u l-ammonti relatati.”;

jkun applikabbli, dettalji dwar l-intenzjoni li jintużaw il-flessibbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 11 u l-ammonti relatati jew dwar l-użu ta' dawn il-flessibbiltajiet u l-ammonti relatati. ***Ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u f'forma faċilment aċċessibbli.***

Ir-rapport ta' konformità għandu jkun ibbażat fuq settijiet ta' data annwali, inkluż informazzjoni miksuba minn sistemi ta' monitoraġġ tal-ħamrija bħall- "Istħarriġ tal-Qafas tal-Użu tal-Art/Żona ta' Kopertura tal-Art" (LUCAS), bl-użu ta' kampjuni ta' fond ta' mill-inqas 30 cm u li jinkludu l-parametri rilevanti kollha li jaffettwaw il-potenzjal tal-ħamrija li tissekwestra l-karbonju.

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"Artikolu 15a

Aċċess għall-ġustizzja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, ikollhom aċċess għal rimedju quddiem qorti, jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi legali previsti fl-Artikoli 4 sa 10.

2. Il-membri tal-pubbliku kkonċernat għandu jkollhom aċċess għall-proċedura ta' rieżami msemmija fil-paragrafu 1 meta:

(a) ikollhom interess suffiċjenti; jew

(b) jallegaw it-tfixkil ta' dritt, meta l-liġi tal-proċedura amministrattiva tal-Istati Membri tirrikjedi dan bħala prekondizzjoni.

Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-objettivi li l-membri tal-pubbliku kkonċernat jingħataw aċċess wiesa' għall-ġustizzja u f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.

Għal dan l-iskop, l-interess ta' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandha titqies li jkollha interess suffiċjenti għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jeskludu l-possibbiltà li tkun tista' ssir proċedura ta' rimedju ġudizzjarju quddiem awtorità amministrattiva u ma għandhomx jaffettwaw ir-rekwiżit tal-eżawriment ta' proċeduri ta' rieżami amministrattivi qabel ma jsir rikors għal proċeduri ta' rimedju ġudizzjarju, meta jkun jeżisti tali rekwiżit skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe proċedura bħal din għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li infurmazzjoni Prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrattivi u ta' rimedju ġudizzjarju tkun faċilment disponibbli għall-pubbliku.";

Ġustifikazzjoni

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 dwar it-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u l-Istati Membri tagħha ssottolinjat il-hteġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-proposti leġiżlattivi tal-UE u fil-liġi ġdida jew riveduta tal-UE li tikkonċerna kwistjonijiet ambjentali. Il-formulazzjoni tirrifletti d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-leġiżlazzjoni relatata bħall-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE.

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) *jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:*

imħassar

Artikolu 16a

Proċedura ta' Kunitat

1. *Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kunitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit permezz tal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Dan il-kunitat għandu jkun kunitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴.*

2. *Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011;*

⁴⁴ *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. *Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew*

2. *Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport **dwar il-progress** lill-*

u lill-Kunsill, *mhux aktar tard minn sitt xhur wara [...] bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi*, dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, *inkluż, meta jkun rilevanti, valutazzjoni tal-impatti tal-flessibiltajiet* stabbiliti fl-Artikolu 11, *kif ukoll* dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament *għall-mira globali tal-Unjoni għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa* ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni.

Parlament Ewropew u lill-Kunsill *fl-2025, fl-2027 u fl-2032* dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament *u l-progress imwettaq lejn il-kisba tal-miri* stabbiliti fl-Artikolu 4.

2a. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara kull rendikont globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament *għall-objettiv tan-newtralità klimatika u l-miri klimatiċi intermedjarji tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119, għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u għal objettivi ambjentali oħra tal-Unjoni u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrategġiji u l-leġiżlazzjonijiet rilevanti li jakkumpanjawh, inkluża valutazzjoni tal-impatti tal-flessibiltajiet imsemmija fl-Artikolu 11 dwar il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jivvaluta l-ħtieġa* ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni *u l-ħtieġa li jinkisbu l-objettivi ambjentali tal-Unjoni, u b'kont meħud ta' kwalunkwe titjib futur tas-sistema ta' monitoraġġ, ġbir ta' data u sistema ta' rappurtar dwar il-foresti u l-ħamrija. Ir-rapport għandu jqis l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-IPCC, tal-IPBES u tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima kif stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1119.*

Wara *r-rapport*, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq. B'mod partikolari, il-proposti għandhom jistabbilixxu *miri annwali u governanza li jkollhom il-mira tan-newtralità klimatika għall2035 kif stabbilit* fl-Artikolu 4(4), *politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni, u qafas għal wara l-2035, filwaqt li jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn setturi addizzjonali, bħall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu.*

Wara *dak ir-rapport*, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq. B'mod partikolari, il-proposti għandhom jistabbilixxu *politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni biex jinkisbu l-miri tal-LULUCF għal wara l-2030 imsemmija* fl-Artikolu 4(3), u *biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jinkludi l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-ekosistemi tal-baħar, tal-kosta u tal-ilma ħelu, abbażi ta' metodoloġiji xjentifiċi robusti, u jiġu stabbiliti miri addizzjonali għal assorbimenti netti għal daww l-ekosistemi.*

2b. Wara d-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv dwar qafas regolatorju tal-Unjoni għar-restawr tan-natura, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-konsistenza ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari tal-impenji u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 4, mal-oġettivi ta' dak l-att Leġiżlattiv. Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposti leġiżlattivi biex jiġi emendat dan ir-Regolament".

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (EU) 2018/1999

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

l-impenji tal-Istat Membru u l-miri nazzjonali għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/841 u l-kontributi tiegħu jimmiraw lejn l-ilħuq tal-oġettiv tal-Unjoni li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu għal żero netti sal-2035 u lejn il-kisba ta' emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem skont l-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament;

Emenda

l-impenji tal-Istat Membru u l-miri nazzjonali għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/841;

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Regolament (EU) 2018/1999

Artikolu 26 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Fl-Artikolu 26(6) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) temenda l-punti (b) u (c) tal-Parti 3 tal-Anness V biex iżżid kategoriji tal-art ma' dawk koperti mis-sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għall-protezzjoni u ma' dawk koperti mis-sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għar-restawr, rispettivament, f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni.";

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 –punt c

Regolament (EU) 2018/1999

Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Malli jitlesta r-rieżami komprensiv imwettaq skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, **permezz ta' atti ta' implimentazzjoni**, tiddetermina s-somma totali tal-emissjonijiet għas-snin rilevanti li jirriżultaw mid-data tal-inventarju kkorreġuta għal kull Stat Membru maqsuma bejn id-data tal-emissjonijiet rilevanti għall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 u d-data tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, u tiddetermina s-somma totali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti rilevanti għall-Artikolu 4 tar-Regolament

Malli jitlesta r-rieżami komprensiv imwettaq skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha **tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 43, li jissupplimenta dan ir-Regolament billi** tiddetermina s-somma totali tal-emissjonijiet għas-snin rilevanti li jirriżultaw mid-data tal-inventarju kkorreġuta għal kull Stat Membru maqsuma bejn id-data tal-emissjonijiet rilevanti għall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 u d-data tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, u tiddetermina s-somma totali tal-

(UE) 2018/841.;

emissjonijiet u tal-assorbimenti rilevanti
għall-Artikolu 4 tar-Regolament
(UE) 2018/841.

Emenda 81

Proposta għal regolament

Anness II

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Anness IIa – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

Il-mira tal-Unjoni u l-miri nazzjonali tal-Istati Membri tal-assorbimenti netti tal-gassijiet serra skont l-Artikolu 4(2) li għandhom jinkisbu fl-2030

Stat Membru	Valur ta' tnaqqis nett fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'kt ta' ekwivalenti ta' CO ₂ fl-2030
Il-Belġju	-1 352
Il-Bulgarija	-9 718
Iċ-Ċekja	-1 228
Id-Danimarka	5 338
Il-Ġermanja	-30 840
L-Estonja	-2 545
L-Irlanda	3 728
Il-Greċja	-4 373
Spanja	-43 635
Franza	-34 046
Il-Kroazja	-5 527
L-Italja	-35 758
Ċipru	-352
Il-Latvja	-644
Il-Litwanja	-4 633
Il-Lussemburgu	-403
L-Ungerija	-5 724
Malta	2
In-Netherlands	4 523
L-Awstrija	-5 650

Il-Polonja	-38 098
Il-Portugall	-1 358
Ir-Rumanija	-25 665
Is-Slovenja	-146
Is-Slovakkja	-6 821
Il-Finlandja	-17 754
L-Iżvezja	-47 321
UE-27	-310 000

Emenda

Il-mira tal-Unjoni u l-miri nazzjonali tal-Istati Membri tal-assorbimenti netti tal-gassijiet serra skont l-Artikolu 4(2) li għandhom jinkisbu fl-2030

Stat Membru	Valur ta' tnaqqis nett fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'kt ta' ekwivalenti ta' CO2 fl-2030
Il-Belġju	<i>Mill-inqas</i> -1352
Il-Bulgarija	<i>Mill-inqas</i> -9718
Iċ-Ċekja	<i>Mill-inqas</i> -1228
Id-Danimarka	<i>Mill-inqas</i> 5338
Il-Ġermanja	<i>Mill-inqas</i> -30 840
L-Estonja	<i>Mill-inqas</i> -2545
L-Irlanda	<i>Mill-inqas</i> 3728
Il-Greċja	<i>Mill-inqas</i> -4373
Spanja	<i>Mill-inqas</i> -43635
Franza	<i>Mill-inqas</i> -34 046
Il-Kroazja	<i>Mill-inqas</i> -5527
L-Italja	<i>Mill-inqas</i> -35 758
Ċipru	<i>Mill-inqas</i> -352
Il-Latvja	<i>Mill-inqas</i> -644
Il-Litwanja	<i>Mill-inqas</i> -4633
Il-Lussemburgu	<i>Mill-inqas</i> -403
L-Ungerija	<i>Mill-inqas</i> -5724
Malta	<i>Mill-inqas</i> 2
In-Netherlands	<i>Mill-inqas</i> 4523
L-Awstrija	<i>Mill-inqas</i> -5650

Il-Polonja	<i>Mill-inqas</i> -38 098
Il-Portugall	<i>Mill-inqas</i> -1358
Ir-Rumanija	<i>Mill-inqas</i> -25 665
Is-Slovenja	<i>Mill-inqas</i> -146
Is-Slovakkja	<i>Mill-inqas</i> -6821
Il-Finlandja	<i>Mill-inqas</i> -17 754
L-Iżvezja	<i>Mill-inqas</i> -47 321
UE-27	<i>Mill-inqas</i> -310 000

Emenda 82

Proposta għal regolament

Anness III

Regolament (EU) 2018/1999

Artikolu V – Parti 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Parti 3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG's tal-IPCC tal-2006. L-inventarju tal-gassijiet serra għandu jopera abbażi ta' bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, u jinkludi:

- (a) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art għal art b'ħażna għolja ta' karbonju, kif definit fl-Artikolu 29(4) tad-Direttiva 2018/2001;
- (b) sistema għall-monitoraġġ ta' unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għall-protezzjoni, definiti bħala art koperta minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
 - Art b'valur għoli ta' bijodiversità kif

Emenda

Il-Parti 3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG's tal-IPCC tal-2006, ***is-Supplimentar tiegħu tal-2013 u l-Irfinament tiegħu tal-2019.*** L-inventarju tal-gassijiet serra għandu jopera abbażi ta' bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, ***li għalihom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ser jipprovdu appoġġ u assistenza adegwati lill-Istati Membri sabiex jiżguraw il-konsistenza u t-trasparenza tad-data miġbura,*** u jinkludi:

- (a) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art għal art b'ħażna għolja ta' karbonju, kif definit fl-Artikolu 29(4) tad-Direttiva 2018/2001;
- (b) sistema għall-monitoraġġ ta' unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għall-protezzjoni, definiti bħala art koperta minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
 - Art b'valur għoli ta' bijodiversità kif

definita fl-Artikolu 29(3) tad-Direttiva 2018/2001;

– Siti ta' Importanza Komunitarja u Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni kif definiti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE 4 u unitajiet ta' art barra minn dawn li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni u konservazzjoni skont l-Artikolu 6(1) u (2) ta' dik id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;

– Siti tat-tgħammir jew postijiet tal-mistrieħ tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni skont l-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva;

– Il-ħabitats naturali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE u l-ħabitats tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE li jinsabu barra mis-siti ta' importanza Komunitarja jew miż-żoni speċjali ta' konservazzjoni u li jikkontribwixxu għal dawn il-ħabitats u l-ispeċijiet li jilhq status ta' konservazzjoni favorevoli skont l-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva jew li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri preventivi u ta' rimedju skont id-Direttiva 2004/35/KE 5 ;

– Żoni ta' protezzjoni speċjali kklassifikati skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 6 u l-unitajiet tal-art barra minn dawn li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni u konservazzjoni skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;

– Unitajiet tal-art li huma soġġetti għal miżuri għall-preservazzjoni tal-għasafar irrappurtati li mhumiex fi stat sigur skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KEE sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva li ssir ħidma biex jiġi evitat it-tniġġis jew id-deterjorazzjoni tal-ħabitats jew jiġi

definita fl-Artikolu 29(3) tad-Direttiva 2018/2001;

– Siti ta' Importanza Komunitarja u Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni kif definiti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE 4 u unitajiet ta' art barra minn dawn li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni u konservazzjoni skont l-Artikolu 6(1) u (2) ta' dik id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;

– Siti tat-tgħammir jew postijiet tal-mistrieħ tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni skont l-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva;

– Il-ħabitats naturali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE u l-ħabitats tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE li jinsabu barra mis-siti ta' importanza Komunitarja jew miż-żoni speċjali ta' konservazzjoni u li jikkontribwixxu għal dawn il-ħabitats u l-ispeċijiet li jilhq status ta' konservazzjoni favorevoli skont l-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva jew li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri preventivi u ta' rimedju skont id-Direttiva 2004/35/KE 5 ;

– Żoni ta' protezzjoni speċjali kklassifikati skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 6 u l-unitajiet tal-art barra minn dawn li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni u konservazzjoni skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;

– Unitajiet tal-art li huma soġġetti għal miżuri għall-preservazzjoni tal-għasafar irrappurtati li mhumiex fi stat sigur skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KEE sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva li ssir ħidma biex jiġi evitat it-tniġġis jew id-deterjorazzjoni tal-ħabitats jew jiġi

ssodisfat ir-rekwiżit skont l-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva li jiġu ppreżervati u mantnuti biżżejjed diversità u żoni ta' habitats għall-ispeċijiet tal-għasafar;

– Kwalunkwe habitat ieħor li l-Istat Membru jaħtar għal finijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttivi 92/42/KEE u 2009/147/KE;

– Unitajiet tal-art soġġetti għal miżuri meħtieġa biex jiproteġu u jiżguraw li ma jiddeterjorax l-istatus ekoloġiku ta' dawk il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imsemmija fl-Artikolu 4(iii) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 7 ;

– Pjanuri tal-għargħar naturali jew żoni għaż-żamma tal-ilma tal-għargħar protetti mill-Istati Membri b'rabta mal-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar skont id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 8 ;

(c) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għar-restawr, iddefiniti bħala art koperta minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

– Siti ta' importanza komunitarja, żoni ta' konservazzjoni speċjali u żoni ta' protezzjoni speċjali kif deskritt fil-punt (b) hawn fuq, flimkien mal-unitajiet tal-art barra minn dawn li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' restawr jew ta' miżuri ta' kumpens immirati biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;

– Il-habitats tal-ispeċijiet ta' għasafar selvaġġi msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2009/147/KE jew elenkati fl-Anness I tagħha, li jinsabu barra miż-żoni ta' protezzjoni speċjali u li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' restawr għall-finijiet tad-Direttiva 2009/147/KE;

– Il-habitats naturali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE u l-habitats tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness II

ssodisfat ir-rekwiżit skont l-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva li jiġu ppreżervati u mantnuti biżżejjed diversità u żoni ta' habitats għall-ispeċijiet tal-għasafar;

– Kwalunkwe habitat ieħor li l-Istat Membru jaħtar għal finijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttivi 92/42/KEE u 2009/147/KE;

– Unitajiet tal-art soġġetti għal miżuri meħtieġa biex jiproteġu u jiżguraw li ma jiddeterjorax l-istatus ekoloġiku ta' dawk il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imsemmija fl-Artikolu 4(iii) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 7 ;

– Pjanuri tal-għargħar naturali jew żoni għaż-żamma tal-ilma tal-għargħar protetti mill-Istati Membri b'rabta mal-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar skont id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 8 ;

– ***Iż-żoni protetti magħżula mill-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri taż-żoni protetti;***

(c) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għar-restawr, iddefiniti bħala art koperta minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

– Siti ta' importanza komunitarja, żoni ta' konservazzjoni speċjali u żoni ta' protezzjoni speċjali kif deskritt fil-punt (b) hawn fuq, flimkien mal-unitajiet tal-art barra minn dawn li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' restawr jew ta' miżuri ta' kumpens immirati biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;

– Il-habitats tal-ispeċijiet ta' għasafar selvaġġi msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2009/147/KE jew elenkati fl-Anness I tagħha, li jinsabu barra miż-żoni ta' protezzjoni speċjali u li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' restawr għall-finijiet tad-Direttiva 2009/147/KE;

– Il-habitats naturali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE u l-habitats tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness II

tad-Direttiva 92/43/KEE barra mis-siti ta' importanza Komunitarja jew miż-żoni speċjali ta' konservazzjoni u li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' restawr għall-finijiet tal-kisba ta' status ta' konservazzjoni favorevoli skont id-Direttiva 92/43/KEE u/jew li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' rimedju għall-finijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/35/KE;

– Żoni identifikati bħala fil-bżonn ta' restawr skont pjan ta' restawr tan-natura applikabbli fi Stat Membru;

– Unitajiet tal-art soġġetti għall-miżuri meħtieġa biex jiġu restawrati għal status ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ imsemmija fl-Artikolu 4(iii) tad-Direttiva 2000/60/KE, jew għall-miżuri meħtieġa biex dawn il-korpi jiġu restawrati għal status ekoloġiku **tajjeb** fejn meħtieġ bil-liġi;

– Unitajiet tal-art soġġetti għal miżuri għar-rikreazzjoni u r-restawr taż-żoni mistagħdra, kif imsemmi fl-Anness VI.B(vii) tad-Direttiva 2000/60/KE;

– Żoni li jeħtieġu restawr tal-ekosistema biex tinkiseb kundizzjoni tajba tal-ekosistema skont ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 9 ;

(d) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art b'riskju għoli għall-klima:

– Żoni soġġetti għal kumpens għal disturbi naturali skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 13b tar-Regolament (UE) 2018/841

– Żoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2007/60/KE

– Żoni identifikati fl-istrateġija nazzjonali ta' adattament tal-Istati Membri b'riskji naturali u riskji kkawżati mill-

tad-Direttiva 92/43/KEE barra mis-siti ta' importanza Komunitarja jew miż-żoni speċjali ta' konservazzjoni u li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' restawr għall-finijiet tal-kisba ta' status ta' konservazzjoni favorevoli skont id-Direttiva 92/43/KEE u/jew li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' rimedju għall-finijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/35/KE;

– Żoni identifikati bħala fil-bżonn ta' restawr **jew li huma soġġetti għal miżuri biex jiġi żgurati li ma jiddeterjorawx** skont pjan ta' restawr tan-natura applikabbli fi Stat Membru;

– Unitajiet tal-art soġġetti għall-miżuri meħtieġa biex jiġu restawrati għal status ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ imsemmija fl-Artikolu 4(iii) tad-Direttiva 2000/60/KE, jew għall-miżuri meħtieġa biex dawn il-korpi jiġu restawrati għal status ekoloġiku **għoli** fejn meħtieġ bil-liġi;

– Unitajiet tal-art soġġetti għal miżuri għar-rikreazzjoni u r-restawr taż-żoni mistagħdra, kif imsemmi fl-Anness VI.B(vii) tad-Direttiva 2000/60/KE;

– Żoni li jeħtieġu restawr tal-ekosistema biex tinkiseb kundizzjoni tajba tal-ekosistema skont ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 9 ;

(d) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art b'riskju għoli għall-klima:

– Żoni soġġetti għal kumpens għal disturbi naturali skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 13b tar-Regolament (UE) 2018/841

– Żoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2007/60/KE

– Żoni identifikati fl-istrateġija nazzjonali ta' adattament tal-Istati Membri b'riskji naturali u riskji kkawżati mill-

bniedem għoljin, soġġetti għal azzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.

L-inventarju tal-gassijiet serra għandu jippermetti l-iskambju u l-integrazzjoni tad-data bejn il-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografika.

Għall-perjodu bejn l-2021 u l-2025, il-metodoloġija tal-Grad 1 skont il-linji gwida tal-IPCC tal-2006 għall-inventarji nazzjonali tal-GHG. Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti għal raggruppament tal-karbonju li jiffirma mill-inqas 25-30 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li tkun prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu jkollha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' GHGs ta' pajjiż f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, u mill-2026 għall-istimi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tar-raggruppamenti tal-karbonju kollha, mill-inqas metodoloġija tal-Grad 2 skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

bniedem għoljin, soġġetti għal azzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.

(da) sistema għall-monitoraġġ tal-ħażniet tal-karbonju fil-ħamrija, bl-użu, fost l-oħrajn, ta' settijiet ta' data annwali "Stħarriġ tal-Qafas tal-Użu tal-Art/Żona Koperta tal-Art (LUCAS).

L-inventarju tal-gassijiet serra għandu jippermetti l-iskambju u l-integrazzjoni tad-data bejn il-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografika, **kif ukoll il-komparabbiltà u l-aċċessibbiltà tagħhom għall-pubbliku.**

Għall-perjodu bejn l-2021 u l-2025, il-metodoloġija tal-Grad 1 skont il-linji gwida tal-IPCC tal-2006 għall-inventarji nazzjonali tal-GHG, **is-Supplimentar tiegħu tal-2013 u l-Irfinar tiegħu tal-2019.** Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti għal raggruppament tal-karbonju li jiffirma mill-inqas 25-30 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li tkun prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu jkollha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' GHGs ta' pajjiż f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, u mill-2026 għall-istimi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tar-raggruppamenti tal-karbonju kollha, mill-inqas metodoloġija tal-Grad 2 skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006, **is-Supplimentar tiegħu tal-2013 u l-Irfinar tiegħu tal-2019.**

Mill-2026, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 għall-istimi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tar-raggruppamenti tal-karbonju kollha li jaqgħu f'żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art b'ħażna għolja tal-karbonju msemmija fil-punt (c) hawn fuq, f'żoni tal-użu tal-art taħt protezzjoni jew taħt restawr imsemmija fil-punti (d) u (e) hawn fuq, u żoni ta' unitajiet

tal-użu tal-art taħt riskji klimatiċi futuri msemmija fil-punt (f) hawn fuq, skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG's tal-IPCC tal-2006, *is-Supplimentar tiegħu tal-2013 u l-Irfinar tiegħu tal-2019.*"

NOTA SPJEGATTIVA

L-objettiv tan-newtralità klimatika minqax fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima jistabbilixxi obbligu ġdid għall-UE u għall-Istati Membri biex iżidu l-bjar tal-karbonju biex jiksbu bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra minn sorsi u l-assorbimenti mill-bjar sa mhux aktar tard mill-2050, u jiksbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Reviżjoni ambizzjuża tar-Regolament LULUCF hija għalhekk meħtieġa biex jiġi żgurat kontribut sostenibbli, prevedibbli u fit-tul tal-bjar naturali tal-karbonju għall-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE.

1. L-iżgurar ta' kontribut ambizzjuż, sostenibbli, prevedibbli u fit-tul tal-bjar naturali għall-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE

Is-sitwazzjoni attwali hija inkwetanti. Primarjament minħabba l-ħsad għoli rekord fil-foresti tal-UE u l-prattiki agrikoli intensivi, il-bjar tal-UE ilhom jonqsu kontinwament mill-2013. Din is-sitwazzjoni hija inkonsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE u għandha titreġġa' lura. Il-bjar tal-karbonju qed jiddeterjoraw filwaqt li mhux biss għandhom jiġu ppreservati iżda għandhom jissaħħu, jekk l-UE trid tilħaq kemm l-objettivi klimatiċi kif ukoll dawk ambjentali tagħha. Ir-rapporteur iqis li r-Regolament LULUCF rivedut għandu jistabbilixxi miri ambizzjużi fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali għaż-żieda fl-assorbimenti netti mis-settur tal-LULUCF, filwaqt li jiżgura li din iż-żieda fl-assorbimenti netti ma tagħmilx ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra tal-UE, b'mod partikolari l-objettivi tal-UE dwar il-bijodiversità.

Abbażi ta' stimi xjentifiċi differenti tal-potenzjal li jiżdiedu l-bjar naturali tal-karbonju tal-UE, ir-rapporteur jipproponi li tiġi stabbilita mira għall-Unjoni kollha ta' 490 miljun tunnellata ta' assorbimenti netti sal-2030, bħala somma tal-miri nazzjonali stabbiliti fl-Anness IIa. Il-mira tal-UE tista' tintlaħaq billi jiġu implimentati, pereżempju, il-miżuri li ġejjin:

- Miri nazzjonali biex jiġi żgurat li r-raba', il-bwar u l-artijiet mistagħdra progressivament isiru sors ta' assorbimenti netti ta' gassijiet serra fil-livell tal-UE, pereżempju permezz tal-konverżjoni tar-raba' fuq ħamrija organika f'artijiet mistagħdra, foresti u bwar;
- Tranżizzjoni lejn nutrizzjoni li tirrispetta aktar il-klima;
- L-introduzzjoni ta' metodi ta' ġestjoni tal-foresti aktar sostenibbli bħall-ġestjoni tal-foresti eqreb in-natura;
- L-allokazzjoni ta' dħul pubbliku addizzjonali biex jiġu appoġġati l-bdiewa individwali u dawk li jiġġestixxu l-foresti biex jistabbilixxu approċċi bbażati fuq l-ekosistema u Prattiki li jirrispettaw il-bijodiversità;
- Iż-żieda fis-sehem ta' prodotti tal-injam b'ħajja itwal;
- Ir-restawr ta' art degradata f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u l-Liġi futura dwar ir-Restawr;
- It-twaqqif tad-deforestazzjoni fl-UE;
- L-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni skont approċċi bbażati fuq l-ekosistema.

Il-miri tal-LULUCF għal wara l-2030 għandhom jiġu stabbiliti fi żmien xieraq biex tiġi żgurata żieda gradwali tal-assorbimenti netti mis-settur tal-LULUCF, filwaqt li jitqies il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Baġit tal-UE ta' Gassijiet Serra allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi li għandu jittressaq mill-Kummissjoni sa nofs l-2024.

Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) u l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), u b'rispett għall-"Wegħda ekoloġika" tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, ir-rapporteur jinsisti wkoll li ż-żieda fil-bjar naturali tal-karbonju tal-UE għandha ssir b'mod li jippreserva u jsaħħaħ il-bijodiversità.

2. Nimxu lejn sistema ta' rappurtar aktar preċiża u trasparenti għas-settur tal-LULUCF

Ir-rapporteur jappoġġa bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni biex nimxu lejn sistema bbażata fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti kif irrappurtat mill-Istati Membri lill-UNFCCC fl-inventarji tagħhom tal-gassijiet serra. Din is-sistema tiżgura trasparenza sħiħa, affidabbiltà u verifikabbiltà, u hija konformi mal-impenji internazzjonali tagħna. Ir-rapporteur jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata sistema ta' kontabbiltà u rappurtar kredibbli u trasparenti, ibbażata fuq data ta' kwalità oġġla, bl-użu ta' satelliti, meta jkun possibbli, u li tinkludi s-setturi kollha tal-użu tal-art, inkluż ir-rappurtar obbligatorju tal-emissjonijiet u l-assorbimenti minn artijiet mistagħdra mill-2026.

Filwaqt li r-rapporteur jappoġġa bis-sħiħ l-oġġettiv li jiġi inċentivat l-użu ta' prodotti tal-injam b'ħajja twila minflok użi għal perjodi iqsar, huwa jenfasizza li l-benefiċċji addizzjonali potenzjali mis-sostituzzjoni materjali x'aktarx li ma jikkumpensawx għat-tnaqqis tal-bir nett tal-foresti assoċjati maż-żieda fil-ħsad, kif indikat reċentement mill-Kummissjoni nnifsha fl-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030. Barra minn hekk, ir-rapporteur jenfasizza li ma hemm ebda kunsens xjentifiku internazzjonali f'dan l-istadju dwar il-kontabbiltà xierqa tal-assorbimenti tal-karbonju fit-tul f'firxa ta' prodotti materjali. Ir-rapporteur għalhekk ma jappoġġax il-proposta tal-Kummissjoni biex il-kategorija tal-Prodotti tal-Injam Maħsud tiġi estiża għal prodotti oħra għall-ħżin tal-karbonju.

3. Il-preservazzjoni tal-integrità ambjentali tar-Regolament LULUCF

L-assorbimenti ta' gassijiet serra minn bjar naturali tal-karbonju huma fraġli u potenzjalment riversibbli, u dan iwassal għal żieda fl-inċertezza fil-kejl tal-emissjonijiet u l-assorbimenti fis-settur tal-art meta mqabbel ma' setturi oħra. Ir-riskju tat-treġġiġh lura tal-assorbimenti minn bjar naturali tal-karbonju huwa aggravat aktar mit-tibdil fil-klima, u jqajjem il-kwistjoni tal-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-obbligu u l-akkontabbiltà f'każ ta' riversibbiltà jew tnixxija. Ix-xjenza klimatika turi wkoll li r-rispons klimatiku għall-emissjonijiet u l-assorbimenti huwa asimmetriku, li jfisser li tunnellata gassijiet serra emessi fl-atmosfera ma tistax titqabbel ma' tunnellata ta' gassijiet serra assorbiti. Għalhekk ir-rapporteur jenfasizza li ż-żieda fl-assorbimenti netti ta' gassijiet serra mis-settur tal-LULUCF għandha tiġi segwita f'qafas separat, u fl-ebda każ ma għandha tintuża biex tikkumpensa għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-industrija fossili, inkluż mis-settur agrikolu.

Ir-rapporteur ma jara ebda benefiċċju li l-emissjonijiet mhux tas-CO₂ tal-agrikoltura jiddaħħlu

fl-LULUCF, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea. Għall-kuntrarju, b'dan il-mod jiġi stabbilit riskju li l-emissjonijiet mis-settur agrikolu jinħbew wara l-bjar tal-foresti, mingħajr inċentivi għas-settur agrikolu biex inaqqas l-emissjonijiet.

Għandhom jiġu stabbiliti regoli komuni għan-negozjar tal-eċċessi ta' assorbimenti netti bejn l-Istati Membri, kif ukoll għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità minn Stat Membru kkonċernat, sabiex jiġi applikat il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE.

Ir-rapporteur jemmen ukoll li r-Regolament LULUCF għandu jkoll l-iżviluppi reċenti fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jawtorizza l-użu ta' krediti tal-karbonju mis-settur tal-LULUCF għall-kumpens minn entitajiet pubbliċi jew privati, l-ammont ta' assorbimenti trasferiti jew użati għandu jitnaqqas mill-ammont ta' assorbimenti netti meqjusa għall-fini ta' konformità mal-mira tal-LULUCF ta' dak l-Istat Membru.

4. L-appoġġ lil dawk li jiġġestixxu l-art biex iżidu l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema

Filwaqt li l-ilhūq tal-miri tal-LULUCF hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-bdiewa individwali u dawk li jiġġestixxu l-foresti jistgħu jibbenefikaw minn inċentivi biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art u l-foresti tagħhom filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-bijodiversità u kobenefiċċji soċjetali oħra. Il-finanzjament pubbliku fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni u programmi oħra tal-UE (LIFE, il-Fondi ta' Koeżjoni, Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta) għandu jiġi mobilizzat aktar biex jappoġġa approċċi bbażati fuq l-ekosistema fil-foresti u l-artijiet agrikoli. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jonfqu mill-inqas 5 % tad-dħul pubbliku ġġenerat mill-irkantar tal-kwoti tal-EU ETS għal programmi li jappoġġaw l-espansjoni tal-approċċi bbażati fuq l-ekosistema fil-foresti u l-artijiet agrikoli.

26.4.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn favur il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fil-qasam tal-użu tal-art, il-forestrija u l-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, ir-rappurtar, it-traċċar tal-progress u r-rieżami
(COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Norbert Lins

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal "Rieżami tar-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF)" bħala parti mill-"pakkett lesti għall-mira ta' 55" taħt il-"Patt Ekoloġiku Ewropew" tal-14 ta' Lulju 2021 għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-kisba tal-mira ta' tnaqqis ta' 55 % tal-emissjonijiet fil-livell tal-UE bħala pass importanti fit-triq lejn in-newtralità klimatika madwar l-UE fl-2050.

Il-bidliet li saru fil-LULUCF jipprovdu inċentivi importanti għal aktar protezzjoni tal-klima fil-politika tal-forestrija u agrikola, filwaqt li għanijiet oħra għandhom ifasslu qafas ta' politika ġust, flessibbli u integrat, sabiex jissimplifika l-implimentazzjoni, u jtejjeb l-monitoraġġ u r-rappurtar. Għall-ewwel darba, ġiet proposta mira Ewropea obbligatorja ta' bjar għall-2030 u mill-2031 'il quddiem, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament LULUCF se jiġi estiż sabiex jinkludi l-emissjonijiet mhux tas-CO₂ mis-settur agrikolu, u b'hekk ikopri l-qafas kollu tas-settur tal-art għall-ewwel darba bi strument ta' politika wieħed dwar il-klima. L-agrikoltura u l-forestrija jissodisfaw funzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali għas-soċjetà. Dan ir-rwol multifunzjonali tal-agrikoltura sostenibbli u l-ġestjoni tal-foresti jrid jiġi rikonoxxut u ppremjat b'mod adegwat fil-politika Ewropea dwar il-klima. L-inċentivi biex jitnaqqsu l-gassijiet serra jridu għalhekk ikunu konformi mal-garanzija tas-sigurtà tal-provvista u impenn ċar lejn l-Ewropa bħala post ta' produzzjoni tal-ikel u tal-bijomassa sostenibbli. L-agrikoltura u l-użu sostenibbli tal-bijomassa m'humiex f'kontradizzjoni mal-ambizzjonijiet tal-klima, iżda għandhom jitqiesu bħala parti mis-soluzzjoni.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tirrikonoxxi għall-ewwel darba l-prestazzjoni tal-klima tal-agrikoltura u l-forestrija billi tintroduċi mira netta li tinkludi assorbimenti fis-settur tal-LULUCF. Sa 225 miljun tunnellata ta' CO₂ ekwivalenti mil-LULUCF jistgħu jingħaddu għall-mira tal-klima. Dan ġie introdott sabiex wieħed jiffoka fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet

tal-fossili, filwaqt li jittejbu l-kundizzjonijiet tal-foresti sabiex jiżdied l-assorbiment tal-karbonju fuq terminu twil. Għall-ewwel darba, huwa ċar li l-agrikoltura u l-forestrija jikkontribwixxu espliċitament għall-ħarsien tal-klima u huma l-ewwel settur li għandu l-potenzjal li jsir newtrali għall-klima. Billi jaħżen il-karbonju fil-foresti, fil-ħamrija u fil-prodotti tal-injam, is-settur mhux biss qed jikkontribwixxi b'mod attiv għall-protezzjoni tal-klima, iżda wkoll għall-bijodiversità u l-bijoeconomija f'konformità mal-ekonomija ċirkolari Ewropea u s-sostituzzjoni tal-materja prima fossili.

L-emendi li ġejjin għall-proposta tal-Kummissjoni għandhom għalhekk jiġu enfasizzati:

- Il-mira tal-2030 għall-bjar tal-karbonju trid tkun realistika, ambizzjuża, ibbażata fuq iċ-ċifri l-aktar aġġornati u fuq analiżi xjentifika. Għandha tkun konformi mal-ġestjoni attiva sostenibbli tal-foresti u tinċentiva s-sekwestru, l-ħażna tal-karbonju u s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili. Is-settur tal-LULUCF ma jridx jintuża biss biex jikkompensa għall-emissjonijiet minn setturi oħra, iżda għandu jiffaċilita l-qerda tal-emissjonijiet u l-prodotti fossili.
- Il-ħolqien ta' settur tal-art, jiġifieri l-kombinazzjoni ta' emissjonijiet tas-CO₂ u dawk mhux tas-CO₂ mil-LULUCF u l-agrikoltura, huwa koerenti u jwassal għal qafas ta' politika olistiku. Bl-inklużjoni tal-metan, issir meħtieġa valutazzjoni mill-ġdid tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra bijoġeniċi ta' ħajja qasira. Barra minn hekk, trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq is-sigurtà tal-ikel, il-bijoeconomija, u s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili. Ma jrid ikun hemm l-ebda impatt negattiv jew effetti ta' tnixxija.
- Sabiex tintlaħaq in-newtralità klimatika fis-settur kollu tal-art sal-2035, l-assorbiment tal-karbonju għandu jibbilanċja l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu kollu tal-art, tal-bhejjem u tal-fertilizzanti. Iridu jiġu stabbiliti ċikli tal-karbonju sostenibbli u reżiljenti għall-klima permezz ta' azzjonijiet li jżidu soluzzjonijiet għall-assorbiment tal-karbonju, li jneħħu s-CO₂ mill-arja u jaħżnuh għal żmien twil. Trid tinholq sistema ta' inċentivi volontarji u bbażati fuq is-suq fil-livell tal-maniġer tal-art individwali sabiex jiżdied l-assorbiment tal-karbonju. Il-Kummissjoni għandha ttipponi l-qafas meħtieġ b'taħlita ta' investiment pubbliku u privat.
- Il-kontribuzzjonijiet għall-mira tal-2030 u l-għan tan-newtralità klimatika għandhom ikunu bbilanċjati b'mod ġust bejn is-setturi u l-Istati Membri.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019²⁸. Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Emenda

(2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019. ***Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jikkombina sett komprensiv ta' miżuri effettivi u inizjattivi ekwi biex tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, filwaqt li jistabbilixxi l-ħtieġa għal tranżizzjoni effiċjenti u ġusta sabiex l-investituri jingħataw il-prevedibbiltà u tiġi żgurata l-irreversibbiltà tal-proċess biex tinkiseb in-newtralità klimatika.*** Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

²⁸ COM(2019)640 final.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119

PE699.175

Emenda

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119

88/188

RR\1256694MT.docx

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 fil-leġislazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, **inkluż** is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdedu għal livelli ogħla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ fis-settur **tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija**.

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 fil-leġislazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu **b'mod proporzjonat** għall-ilħuq ta' dik il-mira **għall-emissjonijiet kollha, fejn l-ogħla prijorità tkun it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-fossili**. **Rigward** is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (**LULUCF**), **jista' jikkontribwixxi b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, u jinżammu u jiżdedu l-bjar u l-ħażniet tal-karbonju, billi l-enerġiji fossili jiġu ssostitwiti b'enerġiji rinnovabbli u billi jintuża l-potenzjal ta' assorbiment tal-materjali organiċi mill-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll il-potenzjal ta' sostituzzjoni tagħhom għall-materjali fossili, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu kollu tal-ħajja ta' dawn il-materjali, mill-produzzjoni tal-materja prima sal-istadji tal-ipproċessar u tal-manifattura. Il-bijoekonomija u l-bijoenerġija huma triq indispensabbli lejn ekonomija ekoloġika u ħielsa mill-fjuwils fossili. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi żgurata l-produzzjoni lokali tal-ikel fl-Unjoni, u l-provvista stabbli tal-materjali meħtieġa, bħar-riżorsi naturali prodotti fl-Unjoni minn sorsi sostenibbli. Dan jinkludi l-produzzjoni tal-Unjoni ta' kostitwenti vitali ta' materjal tat-tkabbir sostenibbli u riċiklabbli**. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill³¹, f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdiedu għal livelli oġhla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ fis-settur **LULUCF**. **Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi miri għall-bjar sinifikanti għas-settur tal-LULUCF kif ukoll ir-regoli tal-kontabbiltà rilevanti, filwaqt li l-kundizzjonijiet għall-miżuri u r-regoli f'dak is-settur jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'atti leġislattivi relatati oħra.**

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)."

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċizzjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)."

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċizzjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) L-effett ta' sostituzzjoni miksub permezz tal-użu ta' materja prima għall-agrikoltura u l-forestrija, speċjalment l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam, minflok il-materja prima tal-fjuwil fossili jirrappreżenta l-prestazzjoni tal-protezzjoni tal-klima tas-settur u bħala

tali huwa rikonoxxut u kkreditat għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Is-settur LULUCF ilu bir tal-karbonju sinifikanti mill-bidu tal-perjodu ta' rappurtar fl-1990. Il-forestrija waħedha ssekwestrat madwar 400 miljun tunnellata ta' CO₂ ekwivalenti kull sena fi ħdan l-Unjoni f'dan il-perjodu.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri **annwali vinkolanti** għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u

(5) Sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030 **u jenħtieġ li jitqiesu l-iżviluppi l-aktar riċenti, kif ukoll il-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti 2020, kif miftiehem minn Forest Europe u l-FAO 2020, u l-impatti osservati u mistennija tat-tibdil fil-klima li**

tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità.

huma meħtieġa għat-tkabbir tal-bijomassa, u għalhekk, il-mira tal-ġenerazzjoni tas-CO₂/ħa fil-perjodu speċifikat. Il-mira għall-2030 jenħtieġ li tkun konformi mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti li tippermetti l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima fuq terminu twil, il-promozzjoni ta' effetti ta' sostituzzjoni għolja permezz tal-bijoeconomija, iż-żieda fil-bjar u l-ħolqien ta' ħażna tal-karbonju fil-prodotti. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017, 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità. ***Il-mira għall-2030 jenħtieġ li tiġi rieżaminata u, jekk meħtieġ, adattata fl-2025 u l-2027.***

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Filwaqt li jitqies il-fatt li l-kapaċità tal-ekosistemi agrikoli u tal-foresti li jissekwestraw il-karbonju tiddependi fuq il-ġestjoni sostenibbli tal-art, tal-foresti u tal-agroforestrija u din toffri forma ta' protezzjoni tal-klima peress li l-ġestjoni sostenibbli ssaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti hija waħda mill-għodod biex jiġi żgurati li tiżdied il-kapaċità tagħhom li jassorbu s-CO₂. Dawk l-effetti pożittivi jistgħu jissaħħu billi jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bjar tal-karbonju tal-popolazzjonijiet tal-foresti. Barra minn hekk, l-użu ta' prodotti tal-injam b'ħajja twila jista' jiżgura li l-emissjonijiet jiġu differiti.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-miri **annwali vinkolanti** għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru. Għall-Istati Membri li jtejbju l-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett **tal-bidla fil-metodoloġija** fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

Emenda

(6) Il-miri għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari **filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari f'kull Stat Membru u wara valutazzjonijiet tal-impatt**. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tassenja appoġġ speċifiku għat-titjib tas-sistemi ta' kalkolu, u** għall-Istati Membri li jtejbju l-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett **tal-grad ta' akkuratizza mtejba tal-metodoloġija użata** fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu,

sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030³³ iddeskriviet għażla li l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-CO₂ jingħaqdu flimkien mal-assorbimenti netti tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid. Din il-kombinazzjoni tista' tippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u tippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. ***Għal dan il-għan***, jenħtieġ li jissaħħaħ l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art.

Emenda

(7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030³³ iddeskriviet għażla li l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-CO₂ jingħaqdu flimkien mal-assorbimenti netti tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid. Din il-kombinazzjoni tista' tippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u tippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni ***kif ukoll issaħħaħ l-inċentivi għall-konformità mal-miri ta' tnaqqis bl-użu tal-assorbimenti tal-karbonju f'art agrikola u tas-CO₂. Madankollu, meta titqies is-sensittività tas-settur tal-agrikoltura u tal-forestrija, kif ukoll ir-riversibbiltà potenzjali tal-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-bjar tal-karbonju naturali, il-metodi għall-kalkolu tal-piżijiet relattivi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti*** jenħtieġ li ***jigū kkunsidrati wara analiżi fil-fond, qabel ma*** jissaħħaħ l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art. ***Barra minn hekk, il-miri ta' tnaqqis jenħtieġ li jkunu ekwi u fattibbli għall-Istati Membri. Il-fatt li jsir progress f'settur wieħed jenħtieġ li ma jikkumpensax in-nuqqas ta' progress f'setturi oħra, u għalhekk il-progress li sar fis-settur LULUCF jenħtieġ li ma jikkumpensax in-nuqqas ta' progress f'setturi oħra.***

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, il-Kummissjoni indikat li l-mira ġenerali miżjuda għall-2030 tista' tinkiseb biss bil-kontribut tas-setturi kollha li joffru soluzzjonijiet fattibbli speċifiċi, filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv tagħhom u l-effetti tagħhom fuq il-kompetittività fid-diversi setturi. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jinstab bilanċ bejn l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika minn naħa waħda u protezzjoni effettiva u adegwata tal-foresti min-naħa l-oħra, filwaqt li tiġi żgurata ġestjoni aktar sostenibbli tal-foresti u tal-ħamrija, flimkien mal-kultivazzjoni ta' prodotti sostenibbli u ta' kwalità għolja fi kwantitajiet suffiċjenti.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Fid-dawl tad-deterjorament li għaddej tal-klima u r-rilaxx mhux imnaqqas tas-CO₂ fossili permezz tal-isfruttament tad-depożiti taħt l-art ta' faħam, żejt u gass naturali, l-attenzjoni tas-settur agrikolu u forestali teħtieġ li tiġi diretta mill-ġdid lejn il-ħarsien tal-għajxien fiż-żoni rurali u s-sigurtà tal-provvista alimentari fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-isforzi kollha jiġu diretti lejn it-twaqqif

tar-rilaxx annwali ta' 3 000 miljun tunnellata ta' CO₂ fossili mill-ħruq tal-faħam, ta' prodotti petrolifiċi u ta' gass naturali fl-iqsar żmien possibbli.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina s-sistema attwali ta' rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-CO₂ u dawk mhux tas-CO₂ fi skema waħda ta' rappurtar qabel ma tiġi sottomessa kwalunkwe proposta leġiżlattiva ġdida f'dak il-qasam. Dan irrieżami jenħtieġ li jirrifletti d-differenza bejn gassijiet ta' ċiklu ta' ħajja qasira bħall-metan u gassijiet ta' ċiklu ta' ħajja twila bħall-karbonju li jibqgħu fl-atmosfera għal aktar minn 1000 sena. In-natura ċiklika tal-emissjonijiet tal-metan bijoġeniku teħtieġ ukoll li tiġi kkunsidrata fi ħdan il-qafas tar-rappurtar u kif l-emissjonijiet tal-metan bijoġeniku huma differenti mill-metan fossili estratt.

Ġustifikazzjoni

Il-metan huwa gass ta' ħajja qasira li huwa differenti mis-CO₂ fl-impatt tiegħu fuq it-tiħin globali. Barra minn hekk, għadhom għaddejjin diskussjonijiet xjentifiċi dwar l-impatt tal-metan bijoġeniku fuq it-temperatura globali. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni l-ġdid jirrikjedi analiżi mill-Kummissjoni rigward id-differenza bejn l-emissjonijiet tal-metan bijoġeniku u fossili u l-impatt attwali tiegħu fuq it-tiħin globali.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li

(8) Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li

jsir newtrali għall-klima malajr sal-2035 b'mod kosteffettiv, u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet. Impenn kollettiv bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovdi ċ-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art f'qasir żmien, meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tieħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' ġġib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050. Sa nofs l-2024, l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri relevanti li **bihom**, kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-mira kollettiva tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fil-livell tal-UE fl-2035. Fuq il-bażi ta' **dawn** il-pjanijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li **tipproponi miri nazzjonali, filwaqt li tiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-Unjoni** u l-assorbimenti fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u l-emissjonijiet mis-setturi mhux CO₂ agrikoli jkunu għall-inqas ibbilanċjati **sal-2035. Kontrarjament għall-mira fil-livell tal-UE tan-newtralità klimatika għas-settur tal-art sal-2035, tali miri nazzjonali se jkunu vinkolanti u infurzabbli fuq kull Stat Membru.**

jimxi lejn in-newtralità karbonika sal-2035 permezz tal-assorbiment tal-karbonju u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet **fi żmien qasir u twil. Il-kombinazzjoni tal-assorbimenti ta' gassijiet serra u l-emissjonijiet mil-LULUCF u l-emissjonijiet agrikoli f'sistema ta' kontabbiltà unika skont il-linji gwida ta' rapportar tal-IPCC, wara t-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt favorevoli, tista' tissimplifika l-kontabbiltà tal-gassijiet serra u tagħmilha aktar effiċjenti.** Impenn kollettiv **bil-kontribuzzjonijiet nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltà effiċjenti u l-ispeċifiċitajiet fit-territorji tal-Istati Membri** bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovdi ċ-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art f'qasir żmien, meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tieħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' ġġib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050, **filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni effettiva u adegwata tal-foresti, u ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-ħamrija, flimkien mal-kultivazzjoni ta' materja prima sostenibbli u ta' kwalità għolja fi kwantitajiet suffiċjenti, u jitqiesu l-Istrateġija tal-Unjoni dwar il-Ħamrija u l-miżuri għall-protezzjoni tal-art mill-issiġillar, l-urbanizzazzjoni u t-tifrix urban tal-ħamrija.** Sa nofs l-2024, l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri relevanti **għal kull settur, biex jiġi żgurat li żieda fil-qbid tal-karbonju fil-**

*forestrija ma tippermettix ambizzjoni mnaqqsa f'setturi oħra u b'dawn il-miżuri kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-mira kollettiva tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fil-livell tal-UE fl-2035. Fuq il-bażi ta' **dawk** il-pjanijiet, u **filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima**, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-għan tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fid-dawl tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE, il-bijoekonomija tal-Unjoni u s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili. Madankollu, l-ewwel għan tal-agrikoltura tal-Unjoni jenħtieġ li jibqa' l-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja u sostenibbli. Il-Kummissjoni jenħtieġ li mbagħad tagħmel proposti għal miżuri nazzjonali u tal-Unjoni li jimmiraw lejn emissjonijiet netti ta' gassijiet serra żero netti fl-2035, li jfisser li l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u l-emissjonijiet mis-setturi mhux CO₂ agricoli jkunu għall-inqas ibbilanċjati u proporzjonati sa dik is-sena. Il-kontribuzzjonijiet sabiex jintlaħaq dak l-għan jenħtieġ li jitqassmu b'mod ġust fost is-setturi u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina l-impatti mhux intenzjonati tal-politika dwar il-klima fuq l-ambjent, il-bijodiversità, u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel kif ukoll l-impatti soċjali u l-effetti fuq l-introjtu tal-manigġers tal-art, il-forestiera u l-bdiewa u n-negozji assoċjati, sabiex tippermetti li l-objettivi tal-Unjoni jintlaħaq b'mod ibbilanċjat.*

³⁴ Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE,

³⁴ Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE,

2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 8 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-foresti jipprovdu benefiċċji importanti għall-bijodiversità, l-istabbilizzazzjoni tal-ħamrija, il-purifikazzjoni tal-arja u tal-ilma, is-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju, u potenzjalment jipprovdu prodotti tal-injam b'ħajja twila. Madankollu, in-natura u l-funzjoni tal-foresti jvarjaw ħafna madwar l-Unjoni, b'mod partikolari mit-Tramuntana, fejn il-produzzjoni tal-injam hija aktar prevalenti, lejn in-Nofsinhar, fejn il-konservazzjoni tal-ħamrija hija prijorità u tipi speċifiċi oħra ta' foresti multifunzjonali, bħall-foresti Mediterranji jew Dehesa, sikwit jeħtieġu miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni u ekoloġiċi, kif ukoll perjodi twal ta' żmien għall-assorbiment tas-CO₂ f'bir. Tali foresti Mediterranji huma aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima minħabba impatti diretti, bħan-nixfa jew il-qerda tal-foresti kkawżata mit-temperatura jew l-evoluzzjoni tal-aridità. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jintuża indiċi tal-aridità bħala waħda mill-għodod meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-foresti tal-Unjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Il-kontribut tal-agrikoltura u l-forestrija għas-sostituzzjoni tas-sorsi tal-enerġija fossili, li tinkiseb bl-użu ta' materja prima rinnovabbli, speċjalment injam u prodotti bbażati fuq l-injam minflok materja prima fossili, jenħtieġ li jiġi kkreditat lis-settur, peress li jikkontribwixxi wkoll għall-ħarsien tal-klima. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu promossi l-ġestjoni attiva sostenibbli tal-foresti u l-provvista ta' prodotti u prodotti sekondarji agrikoli biex tiġi promossa l-bijoekonomija, jiġifieri s-sostituzzjoni ta' materja prima fossili b'materja prima rinnovabbli, filwaqt li fl-istess ħin jiġi ottimizzat l-assorbiment tal-karbonju.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u fil-foresti tagħhom. Fil-perjodu sal-2030, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq inċentivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbju l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima **fil-bijoekonomija**, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. **Għalhekk**, jenħtieġ li **jiġu introdotti kategoriji ġodda** ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju **minbarra l-prodotti**

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u fil-foresti tagħhom **li fl-istess ħin jipprovdni benefiċċji oħra tas-soċjetà u jipproteġi l-bijodiversità**. Fil-perjodu sal-2030 **u wara**, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq inċentivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. **L-inċentivi finanzjarji jenħtieġ li jiġu minn sorsi pubbliċi jew privati, u jippremjaw lill-manijers tal-art għall-prattika tal-ġestjoni tagħhom jew l-ammont attwali ta' karbonju sekwestrat, u għaż-żieda tal-ħażna tal-karbonju atmosferiku. Il-finanzjament pubbliku fl-**

tal-injam maħsud. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħlqu wkoll opportunitajiet għal impjiegi ġodda u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.

ambitu tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u programmi oħra tal-Unjoni, bħal LIFE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-programm Orizzont Ewropa, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, diġà jista' jappoġġa s-sekwestru tal-karbonju u approċċi favur il-bijodiversità fil-foresti u l-artijiet agrikoli u jenħtieġ li jiżded. Madankollu, il-finanzjament għall-PAK jenħtieġ li jibqa' prinċipalment immirat lejn il-produzzjoni tal-ikel u jiżgura s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni. Fl-2022, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta qafas legali b'qafas finanzjarju ċar, regoli tal-kontabilità u disinn ibbażat fuq is-suq. Il-mudelli ta' negozju ġodda jenħtieġ li jkunu volontarji u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq regoli ċari u infurzabbli u b'ċertifikati ta' kwalità għolja li jistgħu jiżguraw il-kisba ta' kriterji ta' addizzjonalità, permanenza, ebda għadd doppju sostenibbiltà u awtentiċità biex tiġi żgurata l-kredibilità u jiġu evitati ħlasijiet frodulenti. Il-kontabbiltà jenħtieġ li tkun konformi mal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi u l-eżiti tas-Summit 2021 fi Glasgow, sabiex jiġi evitat l-għadd doppju u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' kontabbiltà globali robusta u armonizzata tal-assorbimenti tal-karbonju. Kwalunkwe proposta tal-Kummissjoni dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li tkun ibbażata fuq korp solidu ta' xjenza evalwata bejn il-pari rigward l-effettività tal-prattiki tal-komponenti għas-sekwestru u ż-żamma tal-karbonju jew għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbju l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'bijoekonomija ċirkolari u sostenibbli, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud u permezz tas-sostituzzjoni tal-materja prima bbażata fuq il-fjuwil fossili, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. Jenħtieġ li tiġi introdotta kategorija ġdida ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju flimkien

*mal-prodotti tal-injam maħsud, inklużi prodotti li għandhom bażi bijoloġika rilevanti u prodotti innovattivi, magħmula wkoll minn prodotti sekondarji u residwi, fejn ikun hemm effett ta' sekwestru tal-karbonju ppruvat xjentifikament, ġenwin u verifikabbli, kif ukoll l-iżvilupp tal-bijoenerġija b'teknoloġiji għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju (BECCS). Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll il-potenzjal ta' sostituzzjoni tal-prodotti tal-ħżin tal-karbonju. L-użu sostenibbli tal-bijomassa u d-domanda akbar għal prodotti rinnovabbli jagħmlu indispensabbli l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti **f'konformità ma' inċentivi għal approċċi favur il-biodiversità** jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħlqu wkoll opportunitajiet għal impjegi ġodda u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.*

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Sabiex jipprovdu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ għall-bdiewa fl-Unjoni, l-Istati Membri, meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali rispettivi tagħhom f'konformità mal-qafas legali għall-politika agrikola komuni (PAK) għas-snin 2023-2027 li fi ħdanu għandu jiffassal l-appoġġ għall-Pjanijiet Strateġiċi mill-Istati Membri u li huwa ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR, jenħtieġ li jistabbilixxu l-oġġettivi speċifiċi tagħhom u l-azzjonijiet konkreti sabiex jiżguraw il-kisba tal-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dan ifisser li tinholq rabta ċara bejn l-oġġettivi tal-LULUCF u

inċentivi finanzjarji sostanzjali mill-PAK f'soluzzjonijiet imfassla apposta għall-bdiewa f'kull Stat Membru biex jagħżlu l-aħjar approċċ possibbli tagħhom: fi ħdan ekoskemi u miżuri jew investimenti agroambjentali ta' żvilupp rurali, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikoli (EIP-AGRI), kif ukoll appoġġ għal servizzi ta' konsulenza għall-azzjendi agrikoli. Sabiex jiġu żviluppati u sostnuti inċentivi finanzjarji fi kwantità suffiċjenti u fit-tul, jeħtieġ li jiġu żblukkati linji baġitarji addizzjonali permezz ta' strumenti finanzjarji u fondi pubbliċi, bħall-programm LIFE u l-programm Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jassenjaw baġits speċifiċi għal fondi u investimenti fl-infrastruttura għal teknoloġiji ġodda ta' dekarbonizzazzjoni u ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inklużi fondi speċifiċi għal intrapriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju u għas-sidien tal-foresti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni u nazzjonali jaħdmu mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiżviluppaw ambjent abilitanti u mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju adegwati għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità karbonika.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) F'konformità mal-objettiv tal-Unjoni ta' l-ebda teħid tal-art nett sal-2050, jenħtieġ li tiġi evitata l-bidla ta' art naturali u agrikola f'żoni mibnija. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu miżuri fil-pjanijiet tal-użu tal-art tagħhom orjentati biex jikkumpensaw għal kwalunkwe tnaqqis tal-art li jirriżulta

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(10c) *Hemm benefiċċji evidenti tal-
ġestjoni sostenibbli tal-foresti fiż-żieda tal-
miri tal-bjar tal-karbonju billi jissaħħu l-
bjar tal-karbonju, il-prevenzjoni ta'
disturbi naturali u ż-żieda fil-bijodiversità.***

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Meta wieħed iqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilhqgħu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom, jenħteġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri ***firxa ta' flessibiltajiet***, inkluż l-iskambjar tas-surpluses u l-estensjoni ta' flessibiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

(11) Meta wieħed iqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru ***kkawżati minn disturbi naturali, volatilitàjiet ekonomiċi u bidliet demografiċi jew soċjali***, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilhqgħu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom ***b'mod kosteffiċjenti, firxa ta' flessibiltajiet fis-settur tal-LULUCF u bejn il-LULUCF u r-Regolament ESR*** jenħteġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, inkluż l-iskambjar tas-surpluses u l-estensjoni ta' flessibiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 12

(12) **Il-waqfien tar-regoli kontabilistiċi attwali wara l-2025 joħloq ħtieġa ta'** dispożizzjonijiet alternattivi għad-disturbi naturali bħan-nirien, il-pesti u l-maltempati, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi minħabba l-proċessi naturali jew bħala riżultat tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Mekkaniżmu ta' flessibilità marbut mad-disturbi naturali jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, diment li dawn ikunu eżawrew il-flessibilitajiet l-oħrajn kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u stabbilew miżuri xierqa biex inaqqsu l-vulnerabbiltà tal-art tagħhom għal dawn id-disturbi, u li l-Unjoni tkun laħqet il-mira tal-2030 għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

(12) **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa ta'** dispożizzjonijiet alternattivi għad-disturbi naturali bħan-nirien, il-pesti u l-maltempati, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi minħabba l-proċessi naturali jew bħala riżultat tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Mekkaniżmu ta' flessibilità marbut mad-disturbi naturali **dejjem aktar frekwenti** jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, diment li dawn ikunu eżawrew il-flessibilitajiet l-oħrajn kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u stabbilew miżuri xierqa biex inaqqsu l-vulnerabbiltà tal-art tagħhom għal dawn id-disturbi, u li l-Unjoni tkun laħqet il-mira tal-2030 għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 13

(13) Malli jiġu stabbiliti l-miri **annwali nazjonali vinkolanti** għall-assorbimenti ta' gassijiet serra bbażati fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli għall-konformità mal-miri. Il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 jenħtieġ li japplikaw mutatis mutandis, b'penali għan-nuqqas ta' konformità kkalkolat bil-mod li ġej: **108** % tad-distakk bejn il-mira assenjata u l-assorbimenti netti rrapportati **fis-sena partikolari** se jiżdedu maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati **fis-sena sussegwenti mill-Istat Membru**.

(13) Malli jiġu stabbiliti l-miri vinkolanti **tal-2030** għall-assorbimenti ta' gassijiet serra bbażati fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli għall-konformità mal-miri. Il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 jenħtieġ li japplikaw mutatis mutandis, b'penali għan-nuqqas ta' konformità kkalkolat bil-mod li ġej: **103** % tad-distakk bejn il-mira assenjata u l-assorbimenti netti rrapportati **fl-2030** se jiżdedu maċ-ċifra **tal-assorbimenti** tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati **fil-perjodu ta' konformità wara l-2030**.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Il-kisba tal-miri ambizzjużi għall-irduppar tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni tirrikjedi l-espansjoni estremament dinamika tat-teknoloġiji kollha tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll l-użu akbar tas-sorsi tal-enerġija bijoġeniċi b'mod partikolari. Sorsi ta' enerġija bijoġeniċi, speċjalment l-injam jirrappreżentaw l-akbar kontribut għall-portafoll tal-enerġija rinnovabbli, fejn 60 % tal-enerġija rinnovabbli fl-UE-27 ġejjin mill-bijoenerġija u 80 % tal-bijoenerġija hija bbażata fuq l-injam, u se jkomplu jagħmlu dan fil-futur biex jinkisbu l-miri tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Fid-dawl tal-istabbiliment ***tal-miri*** tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżerċita rieżami komprensiv biex tivverifika d-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023. ***Għal dan il-fini***, jenħtieġ li jsir rieżami komprensiv fl-2025, ***minbarra r-rieżamijiet komprensivi li l-Kummissjoni għandha twettaq fl-2027 u fl-2032 f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999.***

(15) Fid-dawl tal-istabbiliment ***tat-trajettorja lineari*** tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżerċita rieżami komprensiv biex tivverifika d-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023. Jenħtieġ li jsir rieżami komprensiv fl-2025, ***fl-2027 u fl-2032 biex tiġi rieżaminata l-mira stabbilita għall-2030, l-għan tan-newtralità klimatika fl-2035 u t-trajettorja ġenerali għall-impenn tal-2050 tal-Ftehim ta' Pariġi u tiġi adattata, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-provvista, is-sigurtà tal-ikel, il-bijoekonomija, il-biodiversità, jew il-ħolqien ta' effetti ta'***

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (COM(2020) 380 final).

³⁹ COM/2020/381 final.

Emenda

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, ***l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija aġġornata***, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (COM(2020) 380 final).

³⁹ COM/2020/381 final.

⁴⁰ [...]

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM/2021/82 final.

⁴⁰ [...]

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM/2021/82 final.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jittqies l-Artikolu 349 tat-TFUE, li jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà partikolari tar-reġjuni ultraperiferiċi li tirriżulta mill-pożizzjoni remota tagħhom mir-reġjuni kontinentali, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija diffiċli u d-dipendenza fuq il-klima u d-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, kombinament li jfixxkel ħafna l-iżvilupp tagħhom u jiġġenera kostijiet żejda sostanzjali f'ħafna oqsma, b'mod partikolari għat-trasport. L-isforzi li qed isiru u l-miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra jeħtieġ li jiġu adattati għal din is-sitwazzjoni diffiċli, filwaqt li l-objettivi ambjentali jiġu bbilanċjati mal-kostijiet soċjali għoljin għal dawn ir-reġjuni.

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) ***il-miri*** għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-użu tal-art, tat-

(d) ***it-trajettorji lineari*** għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-

tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030;

settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030;

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) *prodotti għall-ħżin tal-karbonju;*

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri mill-2031 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-art elenkati fil-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 2 u fi kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:

3. Dan ir-Regolament japplika wkoll, ***soġġett għar-reqwiżiti msemmija fit-tieni subparagrafu***, għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri mill-2031 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-art elenkati fil-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 2 u fi kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt (j)

(j) **"oħrajn".**

imħassar

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Qabel l-2025, il-Kummissjoni għandha:

(a) tivvaluta l-firxa tal-emissjonijiet tal-metan agrikolu u tippubblika liema prattiki jistgħu jintużaw biex jinkiseb dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet;

(b) tivvaluta d-differenza bejn is-sorsi u è-ċikli tal-emissjonijiet bijoġeniċi u fossili tal-metan;

(c) tipproponi, skont il-Ftehim ta' Pariġi, mudell ta' kalkolu tal-metan ibbażat fuq l-impatt nett tat-tisħin globali, aktar milli fuq iċ-ċifri tal-input tal-emissjonijiet, li ma jqisux l-effett tat-tkessiħ tat-tnaqqis fl-emissjonijiet ċikliċi tal-metan;

(d) tesplora l-iżvilupp ta' indiċi tal-effiċjenza tal-metan li jqabbel kilos ta' metan iġġenerati għal kull unità ta' output prodott għal prodotti agrikoli differenti;

(e) twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament rigward l-oġettivi tal-Artikolu 39 tat-TFUE, il-bijoekonomija tal-Unjoni u s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili, inkluża valutazzjoni fil-livell tal-Istati Membri u sal-livell ta' azjendi agrikoli, biex jiġu identifikati l-implikazzjonijiet rigward ir-rekwiżiti amministrattivi, il-kost tal-isforzi li jridu jsiru, l-effetti probabbli fuq l-

introjtu mill-inċentivi, kif ukoll id-dispożizzjonijiet speċifiċi, il-governanza u l-miri li għandhom jiġu adottati.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni ġusta bejn is-setturi permezz ta' politiki xierqa. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi distribuzzjoni ġusta u fattibbli fost l-Istati Membri u tanalizza l-miżuri nazzjonali tal-Istati, filwaqt li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-provvista, is-sigurtà tal-ikel, il-bijodiversità tal-bijoekonomija, jew toħloq effetti ta' spostament.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018.

Emenda

Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018 ***u għandha tiġi rieżaminata f'konformità mal-Artikolu 4(4a).***

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Dan ir-Regolament jistabilixxi l-miri tal-bjar għas-settur tal-LULUCF inklużi regoli u kriterji preċiżi għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra skont il-linji gwida tal-IPCC.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jiżgura, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12, 13 u 13b, li s-somma **annwali** tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra tiegħu fit-territorju tiegħu u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), **f'kull sena** fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ma taqbiżx il-limitu stabbilit minn trajettorja lineari, li tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru fl-Anness IIa. It-trajettorja lineari ta' Stat Membru għandha tibda fl-2022.

Emenda

Kull Stat Membru għandu jiżgura, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12, 13 u 13b, li s-somma tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra tiegħu, **bl-użu tal-metodi kontabilistiċi eżistenti**, fit-territorju tiegħu u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ma taqbiżx il-limitu stabbilit minn trajettorja lineari, li tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru fl-Anness IIa. It-trajettorja lineari ta' Stat Membru għandha tibda fl-2022.

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu **l-miri annwali bbażati fuq it-trajettorja** lineari

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu **t-trajettorja** lineari għall-assorbimenti netti

għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, **għal kull sena** fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO₂. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa jista' jkun soġġett għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. Il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri, għandu jiġi stabbilit f'dawn l-atti ta' implimentazzjoni. Għall-fini ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-aktar data tal-inventarju nazzjonali reċenti għas-snin 2021, 2022 u 2023 imressaq mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO₂. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa jista' jkun soġġett għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. Il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri, għandu jiġi stabbilit f'dawn l-atti ta' implimentazzjoni. Għall-fini ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-aktar data tal-inventarju nazzjonali reċenti għas-snin 2021, 2022 u 2023 imressaq mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

3a. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, rispettivament, biex ikomplu jżidu l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF mill-2031 sabiex jikkontribwixxu għall-Artikolu 5(1) tal-Ftehim ta' Pariġi u jiżguraw kontribut fit-tul sostenibbli u prevedibbli tal-bjar naturali għall-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050, kif stabbilit

fir-Regolament (UE) 2021/1119.

Sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u l-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet serra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119, u abbażi tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima ppreżentati mill-Istati Membri sat-30 ta' Ġunju 2024 skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, tippreżenta proposta biex temenda dan ir-Regolament biex tistabbilixxi miri tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fl-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija mill-inqas għall-2035, l-2040, l-2045 u l-2050.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(3) għandhom jimmiraw li jkunu zero netti sal-2035 **u l-Unjoni għandha tikseb emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem.** L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira għall-2035.

Emenda

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-punti (a) sa (i) tal-Artikolu 2(3) għandhom jimmiraw li jkunu zero netti sal-2035. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri **ġusti u proporzjonati** meħtieġa biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira **zero netta** għall-2035, **filwaqt li jiżguraw l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE, billi jagħtu prijorità lis-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u l-ilħuq ta' bilanċ bejn it-tnaqqis u l-assorbimenti tal-emissjonijiet.**

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, sal-
31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' pjanijiet
nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima
mressqa minn kull Stat Membru skont l-
Artikolu 14 tar-Regolament
(UE) 2018/1999 sat-30 ta' Ġunju 2024,
**tagħmel proposti għall-kontribut ta' kull
Stat Membru għat-tnaqqis fl-emissjonijiet
netti.**

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punti a sa e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sal-
31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' pjanijiet
nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima
mressqa minn kull Stat Membru skont l-
Artikolu 14 tar-Regolament
(UE) 2018/1999 sat-30 ta' Ġunju 2024:

*(a) twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-
mira ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra
zero netti għall-2035, fid-dawl tal-objettivi
stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE, il-
bijoekonomija tal-Unjoni u s-sostituzzjoni
tal-fjuwils fossili;*

*(b) abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt
imsemmija fil-punt (a) ta' dan is-
subparagrafu, tagħmel proposti għall-
kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għat-
tnaqqis nett tal-emissjonijiet, kif ukoll
għal politiki li jinċentivaw b'mod ugwali l-
assorbimenti u t-tnaqqis ibbilanċjati tal-
emissjonijiet biex jiżguraw
kontribuzzjonijiet mis-setturi kollha
stabbiliti fil-punti (a) sa (i) tal-
Artikolu 2(3), sabiex nimxu lejn il-kisba
kollettiva ta' zero nett fl-2035;*

*(c) sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni
ġusta, fattibbli u proporzjonata fost l-
Istati Membri, il-Kummissjoni għandha,
abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha,
tivvaluta l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta'*

flessibiltajiet li jippermettu t-trasferiment ta' kwoti bejn l-Istati Membri filwaqt li tqis l-ispeċifitàjiet nazzjonali fil-produzzjoni agrikola u l-forestrija;

(d) tintroduċi mekkaniżmu ta' kumpens ġust, ibbażat fuq is-suq u volontarju għal sistema ta' skambju ta' ċertifikazzjoni tal-karbonju, li tippromwovi ċertifikati tal-karbonju ta' kwalità għolja li jistgħu jiżguraw il-kisba tal-kriterji ta' addizzjonalità, permanenza, l-ebda għadd doppju, u awtentiċità, u biex tinċentiva prattiki mtejba ta' ġestjoni tal-art, li jirriżulta fi qbid imsaħħaħ tal-karbonju;

(e) timmonitorja t-tibdil fl-użu tal-art u kwalunkwe kapaċità mnaqqa ta' bjar li tirriżulta, b'mod partikolari, mill-espansjoni taż-żoni urbani u l-użu tal-art għall-faċilitajiet tat-trasport u infrastruttura oħra, mhux relatati mas-setturi stabbiliti fl-Artikolu 2(3), u tiżgura kalkoli separati għall-konsegwenzi ta' tali bidla fl-użu tal-art mill-kalkoli għal daww is-setturi stabbiliti fl-Artikolu 2(3).

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-miri stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u (4) għandhom ikunu soġġetti għal rieżamijiet fl-2025, l-2027 u l-2032 u għandhom jiġu adattati jekk jiġu skoperti impatti negattivi fuq l-oġettivi tal-Artikolu 39 tat-TFUE, il-bijoekonomija jew is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assorbiment tas-CO₂ mill-atmosfera jkun immirat bl-aħjar mod biex iżomm il-foresti f'fażi ta' età ta' tkabbir għoli permezz ta' ġestjoni intelliġenti fil-livell klimatiku u sostenibbli, peress li l-ġestjoni flimkien mal-miżuri li jżidu t-tkabbir jikkontribwixxu b'mod attiv għall-assorbiment tal-karbonju.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi **jiżdiedu kategoriji ġodda** ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, **inkluż** prodotti **tal-injam maħsud**, li **jkollhom** effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati **sa ... [3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]** f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi **tiżdied kategorija ġdida** ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, **inklużi** prodotti **b'bażi bijoloġika rilevanti** li **għandhom** effett ta' sekwestru tal-karbonju **ppruvat xjentifikament, ġenwin u verifikabbli b'metodi ta' kalkolu preċiżi biex tiġi żgurata l-kredibilità u biex tiġi evitata l-frodi, u billi tiġi introdotta valutazzjoni olistika taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawk il-prodotti, inkluż il-potenzjal ta' flussi sekondarji u residwi, u l-inklużjoni ta' teknoloġiji ta' qbid, ħżin u utilizzazzjoni tal-karbonju tal-bijoenerġija fi prodotti tal-ħżin tal-karbonju bbażati fuq evidenza xjentifika** u abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-

Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-effett ta' sostituzzjoni tal-prodotti tal-ħżin tal-karbonju bl-użu ta' evidenza xjentifika. Meta l-Linji Gwida tal-IPCC ikunu disponibbli, dawn għandhom jitqiesu wkoll.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***jitħassar*** il-paragrafu 3;

(a) il-paragrafu 3 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***

“3. Sa fejn l-assorbimenti totali jaqbżu l-emissjonijiet totali fi Stat Membru fil-perjodu mill-2021 sal-2025, u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842 jew tiġi trasferita lil Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dak l-Istat Membru jista' jfaddal il-kwantità tal-assorbimenti li jifdallu għall-perjodu mill-2026 sal-2030.”;

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw il-flessibbiltajiet, bħala l-fluttwazzjonijiet annwali kkawżati mill-bidliet fin-natura u d-domanda fl-ekonomija u s-soċjetà. Huwa għalhekk li l-paragrafu 3 huwa importanti li jinżamm kif inhu fil-leġiżlazzjoni attwali.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali **kkalkolati** skont l-Anness VI sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom, sal-ammont sħiħ tal-kumpens mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali, **inċidenti kkawżati minn temp estrem u impatti fuq il-klima, li jistgħu jfixklu ż-żieda fil-bjar naturali, ikkalkolati** skont l-Anness VI sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom, sal-ammont sħiħ tal-kumpens mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-emissjonijiet maħluqa permezz ta' bidla storika minn art forestali għal kwalunkwe kategorija oħra ta' użu tal-art li

Emenda

(b) l-emissjonijiet maħluqa permezz ta' bidla storika minn art forestali **jew art mistagħdra** għal kwalunkwe kategorija

tkun seħħet mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017;

oħra ta' użu tal-art li tkun seħħet mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017;

Ġustifikazzjoni

Għadd ta' Stati Membri għandhom sehem għoli ta' foresti tat-torbiera li għandhom jiġu inklużi minħabba effetti ta' legat li jirriżultaw f'emissjonijiet netti.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13c – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk l-emissjonijiet u l-assorbimenti rieżaminati ta' gassijiet serra ta' Stat Membru fl-2032 jaqtbu ***l-miri annwali*** ta' dak l-Istat Membru ***għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu mill-2026 sal-2030***, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 12 u 13b, għandha tapplika l-miżura li ġejja:

Emenda

Jekk l-emissjonijiet u l-assorbimenti rieżaminati ta' gassijiet serra ta' Stat Membru fl-2032 jaqtbu ***l-mira*** ta' dak l-Istat Membru ***għas-sena*** 2030, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 12 u 13b, għandha tapplika l-miżura li ġejja:

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ammont ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂ tal-emissjonijiet netti żejda ta' gassijiet serra, immultiplikati b'fattur ta' ***1,08***, għandu jiżdied maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportata minn dak l-Istat Membru fis-sena ta' wara, f'konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 15.

Emenda

Ammont ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂ tal-emissjonijiet netti żejda ta' gassijiet serra, immultiplikati b'fattur ta' ***1,03***, għandu jiżdied maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportata minn dak l-Istat Membru fis-sena ta' wara, f'konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 15.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 15

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi;

Emenda

(a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi ***possibbli mal-objettivi tal-Artikolu 39 tat-TFUE, il-bijoekonomija tal-Unjoni jew is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili***;

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 15

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tal-klima u l-iżvilupp tal-bijoekonomija, inklużi l-istimi tal-iffrankar tal-gassijiet serra assoċjati mal-effetti ta' sostituzzjoni ta' materjali intensivi fil-karbonju u l-fjuwils fossili meta mqabbla ma' materjali b'bażi bijoloġika.

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sitt xhur wara [...] bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sitt xhur wara [...] bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-

operazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż, meta jkun rilevanti, valutazzjoni tal-impatti tal-flessibiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 11, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-mira globali tal-Unjoni għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni.

operazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż, meta jkun rilevanti, valutazzjoni tal-impatti tal-flessibiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 11, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-mira globali tal-Unjoni għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, ***partikolarment meta jitqies kwalunkwe titjib futur tas-sistema ta' monitoraġġ, ġbir ta' data u rappurtar***, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni. ***Dak ir-rapport għandu jkoll l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-IPCC, tal-IPBES u tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima kif stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1119. Barra minn hekk, fl-2025, l-2027 u l-2032, il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-Artikolu 4(4a) ta' dan ir-Regolament, teżamina mill-ġdid il-progress lejn il-mira stabbilita fl-Artikolu 4(3) u (4) ta' dan ir-Regolament.***

Wara r-rapport, ir-rieżamijiet u l-valutazzjoni tal-impatt imwettqa skont l-Artikolu 4(4a), il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta leġiżlattiva jekk tqis li dan ikun xieraq. Dik il-proposta għandha tistabbilixxi s-sistema ta' governanza bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira tan-newtralità klimatika għall-2035 kif stabbilita fl-Artikolu 4(4), fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti tal-gassijiet serra fl-Unjoni.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 4 – punt a – punt 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

l-impenji tal-Istat Membru u l-miri nazzjonali għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/841 u l-kontributi tiegħu jimmiraw lejn l-ilħuq tal-objettiv tal-Unjoni li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu għal zero netti sal-2035 u lejn ***il-kisba ta' emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem*** skont l-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament;

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Minħabba l-potenzjal ta' tisħin globali għoli u t-tul ta' ħajja atmosferika relattivament qasira tal-metan, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-implikazzjonijiet tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri intenzjonati biex inaqqsu l-impatt fuq żmien qasir u medju tal-emissjonijiet tal-metan fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Filwaqt li tqis kif xieraq l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra għażliet ta' politika biex tindirizza b'mod rapidu l-emissjonijiet tal-metan u għandha tressaq pjan strateġiku tal-Unjoni għall-metan bħala parti integrali mill-istrateġija fit-tul tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15.

Emenda

l-impenji tal-Istat Membru u l-miri nazzjonali għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/841 u l-kontributi tiegħu jimmiraw lejn l-ilħuq tal-objettiv tal-Unjoni li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu għal zero netti sal-2035 u lejn ***is-segwitu tat-trajettorja ġenerali tal-impenn tal-2050 tal-Ftehim ta' Pariġi*** skont l-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament;

Emenda

(2a) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Minħabba l-potenzjal ta' tisħin globali għoli u t-tul ta' ħajja atmosferika relattivament qasir tal-metan, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-implikazzjonijiet tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri intenzjonati biex inaqqsu l-impatt fuq żmien qasir u medju tal-emissjonijiet tal-metan fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Filwaqt li tqis kif xieraq l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra għażliet ta' politika biex tindirizza b'mod rapidu l-emissjonijiet tal-metan u għandha tressaq pjan strateġiku tal-Unjoni għall-metan bħala parti integrali mill-istrateġija fit-tul tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15. ***Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tas-sistema ta' kontabbiltà attwali għall-metan biex tivvaluta d-differenza bejn is-sorsi u ċ-ċikli ta' emissjonijiet bijoġeniċi u fossili tal-metan***

u biex tirrifletti b'mod preċiż il-potenzjal tat-tisħin globali tagħhom, filwaqt li tqis l-emissjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-effetti tal-bjar.";

(32018R1999)

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 38 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-2025, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tad-data tal-inventarju nazzjonali mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu ddeterminati l-miri **annwali** ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/841 u sabiex jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet **annwali** tal-emissjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842

Emenda

Fl-2025, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tad-data tal-inventarju nazzjonali mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) ta' dan ir-Regolament, sabiex **tiġi vvalutata l-mira stabbilita fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842 f'konformità mal-Artikolu 4(4a) ta' dak ir-Regolament u sabiex** jiġu ddeterminati l-miri ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/841 u sabiex jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Anness III – paragrafu 1

Regolament (UE) 2018/1999

Anness V – Parti 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006. **L-inventarju** tal-

Emenda

Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006. **L-Istati Membri**

gassijiet serra **għandu** jopera abbażi ta' bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, u jinkludi:

għandhom jiġu mħeġġa jiżviluppaw aktar inventarju tal-gassijiet serra **biex** jopera abbażi ta' bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, u jinkludi:

Emenda 55

Proposta għal regolament

Anness III – paragrafu 1

Regolament (UE) 2018/1999

Anness V – Parti 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Mill-2026, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 għall-istimi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tar-raggruppamenti tal-karbonju kollha li jaqgħu f'żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art b'ħażna għolja tal-karbonju msemmija fil-punt (c) hawn fuq, f'żoni tal-użu tal-art taħt protezzjoni jew taħt restawr imsemmija fil-punti (d) u (e) hawn fuq, u żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art taħt riskji klimatiċi futuri msemmija fil-punt (f) hawn fuq, **skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.**".

Emenda

Mill-2026, l-Istati Membri għandhom **jimmiraw li** japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3, **skont il-linji gwida tal-IPCC tal-2006 għall-inventarji nazzjonali tal-GHG** għall-istimi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tar-raggruppamenti tal-karbonju kollha li jaqgħu f'żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art b'ħażna għolja tal-karbonju msemmija fil-punt (c) hawn fuq, f'żoni tal-użu tal-art taħt protezzjoni jew taħt restawr imsemmija fil-punti (d) u (e) hawn fuq, u żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art taħt riskji klimatiċi futuri msemmija fil-punt (f) hawn fuq.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-ġbir u l-analiżi tad-data ġeospazjali tal-GIS fil-livell tal-Unjoni b'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u korpi oħra, kif kif ukoll il-Programm Ewropew għall-Osservazzjoni tad-Dinja Copernicus, tuża d-data tagħom u tipprovdi assistenza lill-Istati Membri biex jimmiraw għal metodi tal-Grad 3, sabiex jiġi żgurat li d-data mill-2026 'il quddiem tkun konsistenti u trasparenti.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli ta' konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn favur il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fil-qasam tal-użu tal-art, il-forestrija u l-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, ir-rappurtar, it-traċċar tal-progress u r-rieżami
Referenzi	COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.9.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 13.9.2021
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	11.11.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Norbert Lins 27.9.2021
Eżami fil-kumitat	25.1.2022
Data tal-adozzjoni	31.3.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 –: 9 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Drağoş Benea, Benoît Biteau, Mara Bizzotto, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Julie Lechanteux, Norbert Lins, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Bronis Ropé, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Marc Tarabella, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anna Deparnay-Grunenberg, Anja Hazekamp, Tonino Picula, Michaela Šojdrová, Tom Vandenkendelaere

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

32	+
ECR	Mazaly Aguilar, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
NI	Dino Giarrusso
PPE	Álvaro Amaro, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Michaela Šojdrová, Tom Vandenkendelaere
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Ulrike Müller
S&D	Clara Aguilera, Carmen Avram, Adrian-Draagoș Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Tonino Picula, Marc Tarabella

9	-
ID	Ivan David
The Left	Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp, Chris MacManus
Verts/ALE	Benoît Biteau, Anna Deparnay-Grunenberg, Martin Häusling, Bronis Ropé, Sarah Wiener

5	0
ID	Mara Bizzotto, Angelo Ciocca, Gilles Lebreton, Julie Lechanteux
S&D	Attila Ara-Kovács

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet

7.4.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami
(COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Andris Ameriks

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan ġenerali ta' din il-proposta tal-Kummissjoni huwa li temenda r-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) biex tipprovdi inċentivi aktar b'saħħithom għall-Istati Membri ħalli jżidu u jtejbu l-bjar tal-karbonju naturali tagħhom, kif stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Il-qafas regolatorju inizjali għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF) kien stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/841 u jkopri l-emissjonijiet u l-assorbimenti tas-CO₂ u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-CH₄ u tal-N₂O li jirriżultaw mill-ġestjoni tal-art, tal-foresti u tal-bijomassa matul il-perjodu mill-2021 sal-2030. Dan jikkontribwixxi għall-mira preċedenti tal-Unjoni ta' tnaqqis fl-emissjonijiet b'mill-inqas 40 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990, billi jiġi żgurat li s-somma tal-emissjonijiet totali ma taqbiżx is-somma tal-assorbimenti totali ġġenerati mis-settur wara l-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi u tal-flessibbiltà mas-settur tal-"kondiviżjoni tal-isforzi" (Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (UE) 2018/842). Skont ir-regoli attwali dwar il-LULUCF, l-ammont minimu ta' assorbimenti li s-settur tal-LULUCF għandu jipprovdi fil-livell tal-UE fl-2030 huwa ta' madwar -225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂.

Il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima" adottata fl-2020 stabbiliet mira ġdida u aktar ambizzjuża għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030, meta mqabbla mal-mira preċedenti tal-UE għat-tnaqqis ta' 40 %, u naqqxet fil-liġi l-oġettiv tal-Unjoni li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050. Bħala parti mill-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", din il-proposta għandha l-għan li tagħmel ir-Regolament LULUCF adatt biex jilħaq il-mira l-ġdida għall-2030. F'dan ir-rigward, il-proposta tistabbilixxi l-mira ġenerali tal-Unjoni ta' assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF għal -310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ fl-2030, li żżid il-mira f'dawk li huma l-assorbimenti b'15 %

meta mqabbla ma' dik stabbilita fir-Regolament (UE) 2018/841 preċedenti. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tissimplifika r-regoli kontabilistiċi billi tagħmilhom aktar trasparenti u li tagħmel is-settur tal-art newtrali għall-klima sal-2035 (il-kombinazzjoni tas-settur tal-LULUCF u tas-settur agrikolu mhux tas-CO₂).

Ir-Rapporteur jilqa' l-qafas rivedut, li jipprovdi stabbiltà regolatorja filwaqt li fl-istess ħin jistabbilixxi t-triq għal settur tal-art newtrali għall-klima. Ir-Rapporteur ħa approċċ li jiffoka fuq l-aspetti tal-proposta tal-Kummissjoni rilevanti għall-attivitajiet u għall-mandat tal-Kumitat għat-Trasport.

Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, inkluż is-settur tat-trasport, li konsegwentement għandu jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu b'mill-inqas 90 % sal-2050. Iż-żieda fl-isforzi tal-Unjoni biex taqleb għal sistema ta' trasport sostenibbli u intelliġenti għandha l-potenzjal li tnaqqas kemm l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija. Bħala parti minn dawn l-isforzi, il-fjuwils fossili għandhom jiġu eliminati gradwalment u jiġu sostitwiti minn fjuwils rinnovabbli sostenibbli prodotti fis-setturi tal-bijekonomija tal-Unjoni.

Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-Istati Membri jqisu bis-sħiħ l-effetti possibbli tal-infrastruttura tat-trasport fuq l-użu tal-art u jiżguraw li l-ippjanar, l-awtorizzazzjoni u l-varar tal-infrastruttura tat-trasport jitwettqu f'konformità mal-assorbimenti meħtieġa ta' gassijiet serra.

Ir-Rapporteur jilqa' l-obbligi l-ġodda ta' monitoraġġ u rapportar mill-Istati Membri li jinkludu l-użu ta' teknoloġiji diġitali ta' monitoraġġ tal-art, bħal Copernicus, li se jiggwida l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni lejn iż-żoni bl-akbar potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet filwaqt li fl-istess ħin se jintroduċi kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha fir-rigward ta' approċċ komparabbli u standardizzat.

Ir-Rapporteur jirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-mekkaniżmi ta' flessibbiltà previsti fl-Artikoli 12 u 13 biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-Istati Membri mal-ambizzjoni akbar wara l-2025. B'mod partikolari, il-mekkaniżmu ta' kumpens propost reċentement għall-Istati Membri milquta minn disturbi naturali huwa milqugħ tajjeb.

Madankollu, bħala kwistjoni ta' prinċipju, ir-Rapporteur jemmen li l-Istati Membri kollha għandhom iżidu fuq bażi kontinwa l-isforzi tagħhom u jiksbu n-newtralità klimatika fis-settur tal-art fit-territorju tagħhom sal-2035. Din hija kemm kwistjoni ta' ġustizzja kif ukoll ta' ekwità fl-isforzi meħtieġa, kif ukoll opportunità biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi"). ***Il-Partijiet fih qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.***

Emenda

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi"). ***Fir-Rapport Speċjali tiegħu tal-2018 dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, fir-Rapporti Speċjali tiegħu tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Art u dwar l-Oċean u l-Krijosfera fi Klima li qed Tinbidel, u fir-Rapport tiegħu tal-2021 dwar il-Bażi tax-Xjenza Fiżika, il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) ipprova l-aħħar evidenza xjentifika dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima u ssottolinja l-ħtieġa li jitnaqqsu b'mod urġenti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi kollha tal-ekonomija biex titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-bjar tal-karbonju sabiex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C. Bl-adozzjoni tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow, il-Partijiet tiegħu rrikonoxxew li l-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura medja globali għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u impenjaw ruħhom li jsaħħu l-miri tagħhom għall-2030 sa tmiem l-2022 biex inaqqsu d-diskrepanza fl-ambizzjoni.***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira tan-newtralità

Emenda

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira tan-newtralità

klimatika fl-ekonomija kollha *sal*-2050 fil-leġiżlazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, ***inkluż is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdedu għal livelli ogħla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.***

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

klimatika fl-ekonomija kollha ***sa mhux aktar tard mill***-2050 fil-leġiżlazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, ***bit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-fjuwils fossili li jkun l-akbar prijorità. Dan, għalhekk, jikkonċerna wkoll is-settur tat-trasport, li konsegwentement jenħtieġ li jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu b'mill-inqas 90 % sal-2050, kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur". L-istrateġija tistabbilixxi pjan direzzjonali għal futur sostenibbli u intelliġenti għat-trasport Ewropew, bi pjan ta' azzjoni li għandu l-objettiv li jwassal it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet mis-settur tat-trasport.***

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Iż-żieda fl-isforzi tal-Unjoni biex taqleb għal sistema ta' trasport sostenibbli u intelliġenti għandha l-potenzjal li tnaqqas kemm l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija. Bħala parti minn dawk l-isforzi, il-fjuwils fossili fil-forma gassuża jew likwida jenħtieġ li jiġu eliminati gradwalment u jiġu sostitwiti minn fjuwils rinnovabbli sostenibbli, inklużi bijokarburanti avvanzati prodotti mis-settur tal-forestrija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Il-bini ta' infrastruttura ġdida tat-trasport huwa meħtieġ biex jissaħħu l-konnessjonijiet bejn, minn naħa, iż-żoni urbani u, min-naħa l-oħra, iż-żoni rurali u remoti madwar l-Unjoni u bejn l-Istati Membri. Madankollu, tali kostruzzjoni tista', fl-istess ħin, tikkontribwixxi għall-artifiċjalizzazzjoni tal-art li, min-naħa tagħha, tista' tnaqqas il-kapaċità tal-ħamrija li tassorbi l-gassijiet serra. Kwalunkwe użu tal-art bħal dan għandu jittqies f'termini tal-potenzjal tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-impatt tiegħu fuq il-klima, filwaqt li jittqies il-ħtieġa li jinżamm bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħeġġu jiżguraw li l-ippjanar, l-awtorizzazzjoni u l-użu tal-infrastruttura tat-trasport u tat-turiżmu

jikkontribwixxu għall-ilħuq sostenibbli tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, u jiżguraw manutenzjoni tajba tal-infrastruttura eżistenti u użu effiċjenti tal-art mill-perspettiva tal-klima, speċjalment fin-networks tat-trasport bit-triq.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) Aktar minn 75 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni huma relatati mal-enerġija^{1a}, li proporzjon rilevanti minnhom jintuża għall-modi differenti tat-trasport. Għalhekk, il-miżuri kollha li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluża l-bidla għat-trasport pubbliku, il-mobbiltà attiva u t-trasport elettrifikat, u li jnaqqsu d-domanda ġenerali għall-enerġija jenħtieġ li jiġu prijoritizzati, promossi u debitament integrati fl-azzjonijiet tal-politika dwar il-klima fis-setturi kollha, inkluż is-settur tat-trasport u t-turiżmu.

1a

*<https://ec.europa.eu/eurostat/web/product-s-eurostat-news/-/ddn-20210507-1>;
https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Energy_statistics_-_an_overview*

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4d) Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF) għandu rwol essenzjali fl-ilħuq tal-

objettivi klimatiċi tal-Unjoni u jenħtieġ li jikkontribwixxi b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jnaqqas l-emissjonijiet, iżomm u jżid il-bjar u l-ħażniet tal-karbonju u billi juża l-potenzjal ta' assorbiment tal-materjali organiċi mill-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll il-potenzjal ta' sostituzzjoni tagħhom għall-fjuwils fossili, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu kollu tal-ħajja ta' dawn il-materjali, mill-produzzjoni tal-materja prima sal-istadji tal-ipproċessar u tal-manifattura. Il-bijoekonomija u l-bijoenerġija jikkonstitwixxu triq indispensabbli lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli. Konsegwentement, il-produzzjoni ta' materja prima għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li tkun konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 4e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4e) Il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti hija kruċjali għall-assorbiment kontinwu tal-gassijiet serra mill-atmosfera u tippermetti wkoll il-provvista ta' materja prima rinnovabbli u li ma tagħmilx ħsara lill-klima għall-prodotti tal-injam li jaħżnu l-karbonju u li jistgħu jissostitwixxu l-materjali u l-fjuwils fossili. Ir-rwol triplu tal-foresti, jiġifieri bħala bjar tal-karbonju, fil-qbid u l-ħżin tal-karbonju u fis-sostituzzjoni tal-materjali, jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju rilaxxati fl-atmosfera, filwaqt li jiżgura li l-foresti jkomplu jikbru u jipprovdu ħafna servizzi

oħra.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 4f (għdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4f) *Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂. Meta jimplimentaw il-mira klimatika għall-2030, l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri ħadu l-impenn li jagħtu prijorità lil tnaqqis tal-emissjonijiet rapidu u prevedibbli u, fl-istess ħin, isaħħu l-assorbimenti minn bjar naturali. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li ttipponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'konformità mal-ambizzjoni li, sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdiedu għal livelli ogħla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Huwa imperattiv li r-Regolament (UE) 2018/841 ikompli bħala qafas ta' kontabbiltà tal-klima għall-emissjonijiet u għall-assorbimenti tal-karbonju f'konformità mal-linji gwida ta' rappurtar tal-IPCC.*

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet

(5) Sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet

netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' Prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità.

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030 ***u jenħtieġ li jitqiesu l-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif miftiehem minn Forest Europe u l-FAO***. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' Prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità.

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru. Għall-Istati Membri li jtejbu l-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett tal-bidla fil-metodoloġija fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Il-miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru. Għall-Istati Membri li jtejbu l-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett tal-bidla fil-metodoloġija *użata* fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

Emenda 12

Emenda

(7a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina s-sistema attwali ta' rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-CO₂ u dawk mhux tas-CO₂ fi skema waħda ta' rapportar qabel ma tiġi sottomessa kwalunkwe proposta leġiżlattiva ġdida f'dak il-qasam. Dan irrieżami jenħtieġ li jirrifletti d-differenza bejn gassijiet ta' ċiklu ta' ħajja qasira bħall-metan u gassijiet ta' ċiklu ta' ħajja twila bħall-karbonju. Irrieżami jenħtieġ li jqis ukoll il-potenzjal li jinqabad metan bijoġeniku bħala sors ta' enerġija għat-trasport.

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li jsir newtrali għall-klima malajr sal-2035 b'mod kosteffettiv, u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet. Impenn kollettiv bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovdi ċ-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art f'qasir żmien, meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tieħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' ġġib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti sal-2050. Sa nofs l-2024, l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri relevanti li bihom, kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-mira kollettiva tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fil-livell tal-UE fl-2035. Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi miri nazzjonali, filwaqt li tiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-Unjoni u l-assorbimenti fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u l-emissjonijiet mis-setturi mhux CO₂ agrikoli jkunu għall-inqas ibbilanċjati sal-2035. Kontrarjament għall-mira fil-livell tal-UE tan-newtralità klimatika għas-settur tal-art sal-2035, tali miri nazzjonali se jkunu vinkolanti u infurzabbli fuq kull Stat Membru.

Emenda

(8) Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li jsir newtrali għall-klima malajr sal-2035 b'mod kosteffettiv, u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jilħqu dak il-potenzjal b'mod bilanċjat u kooperattiv.*** Impenn kollettiv ***bil-kontribuzzjonijiet nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltajiet effiċjenti u l-ispeċifiċitajiet fit-territorji tal-Istati Membri,*** bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovdi ċ-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art f'qasir żmien, meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tieħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' ġġib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti sal-2050. Sa nofs l-2024, l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri relevanti li bihom, kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-mira kollettiva tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fil-livell tal-UE fl-2035. Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi miri nazzjonali, filwaqt li tiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-Unjoni u l-assorbimenti fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u l-emissjonijiet mis-setturi mhux CO₂ agrikoli jkunu għall-inqas ibbilanċjati

sal-2035. Kontrarjament għall-mira fil-livell tal-UE tan-newtralità klimatika għas-settur tal-art sal-2035, tali miri nazzjonali se jkunu vinkolanti u infurzabbli fuq kull Stat Membru.

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u ***fil-foresti tagħhom***. Fil-perjodu sal-2030, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq inċentivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejjbu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-bijoekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' prodotti

Emenda

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra ***u t-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet mas-setturi kollha***, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti ***u s-sidien*** jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom, ***fil-foresti tagħhom u biex jimplimentaw prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti. L-Unjoni jenħtieġ li tallinja l-qafas ta' kontabbiltà tal-LULUCF mal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi u l-eżiti tas-Summit 2021 fi Glasgow, sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, u jenħtieġ li jissaħħaħ l-iżvilupp ta' kontabbiltà globali robusta u armonizzata tal-assorbimenti tal-karbonju***. Fil-perjodu sal-2030, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq

għall-ħżin tal-karbonju minbarra l-prodotti tal-injam maħsud. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħolqu wkoll opportunitajiet għal impjiegi ġodda u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.

inċentivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbju l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-bijoekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-biodiversità u l-ekonomija ċirkolari ***u jkollhom potenzjal għoli li jwasslu prodotti innovattivi u sostenibbli bħal materjali tal-batteriji bbażati fuq il-linjin, bijokarburanti avanzati u bijokomposti li jistgħu jintużaw ukoll fis-settur tat-trasport, u jiffaċilitaw id-dekarbonizzazzjoni f'setturi oħra wkoll.*** Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju minbarra l-prodotti tal-injam maħsud. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħolqu wkoll opportunitajiet għal impjiegi ġodda u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Meta wieħed iqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilhqgħu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom, jenħtieġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri firxa ta' flessibbiltajiet, inkluż l-iskambjar tas-surpluses u l-estensjoni ta' flessibbiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

Emenda

(11) Meta wieħed iqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru, ***ikkawżati minn varjazzjonijiet fin-natura, l-ekonomija u s-soċjetà,*** kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilhqgħu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom, jenħtieġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri firxa ***massima*** ta' flessibbiltajiet ***fis-settur tal-LULUCF u bejn il-LULUCF u r-Regolament (UE) 2018/842,*** inkluż l-iskambjar tas-surpluses u l-estensjoni ta'

flessibbiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk tiġhares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

Emenda

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, ***l-Istrateġija dwar il-Bioekonomija tal-UE aġġornata^{1a}***, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk tiġhares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

37a Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, A sustainable bioeconomy for Europe: strengthening the connection between economy, society and the environment : updated bioeconomy strategy

(Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu l-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija aġġornata dwar il-bijoekonomija), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet 2018, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/478385>

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (COM(2020) 380 final).

³⁹ COM/2020/381 final.

⁴⁰ [...]

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM/2021/82 final.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (COM(2020) 380 final).

³⁹ COM/2020/381 final.

⁴⁰ [...]

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM/2021/82 final.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) prodotti għall-ħżin tal-karbonju;

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta'

Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta'

310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018.

310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018. ***Il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' miżuri għall-kisba ta' dawk il-miri fis-setturi tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għandhom jiġu stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra relatata kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi r-regoli tal-kontabbiltà u l-ambizzjoni ġenerali u jiżgura li kull Stat Membru jnaqqas l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra tiegħu u jżid il-bjar tal-karbonju kif xieraq.***

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(3) għandhom jimmiraw li jkunu żero netti sal-2035 u l-Unjoni għandha tikseb emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira għall-2035.

Emenda

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(3) għandhom jimmiraw li jkunu żero netti sal-2035 u l-Unjoni għandha tikseb emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira għall-2035, ***filwaqt li jagħtu prijorità lis-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u l-kisba ta' bilanċ bejn tnaqqis u assorbimenti tal-emissjonijiet.***

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima mressqa minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 sat-30 ta' Ġunju 2024, tagħmel proposti għall-kontribut ta' kull Stat Membru għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti.";

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima mressqa minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 sat-30 ta' Ġunju 2024, tagħmel proposti għall-kontribut ta' kull Stat Membru għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti."; ***Meta tagħmel dan, u sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta u proporzjonata fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' flessibbiltajiet li jippermettu t-trasferiment ta' kwoti bejn l-Istati Membri filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet nazzjonali fil-produzzjoni agrikola u l-forestrija;***

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Ir-Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Il-Kummissjoni*** għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, inkluż prodotti tal-injam maħsud, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.;

Emenda

2. ***Fi żmien ... [3 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] il-Kummissjoni*** għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, inkluż prodotti tal-injam maħsud ***u l-prodotti b'bażi bijoloġika rilevanti kollha***, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali. ***Il-Kummissjoni għandha tqis***

l-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, l-effett ta' sostituzzjoni, il-potenzjal ta' flussi u residwi sekondarji u l-inklużjoni ta' teknoloġiji ta' bjoenerġija bil-qbid, il-ħżin u l-utilizzazzjoni tal-karbonju fi prodotti għall-ħżin tal-karbonju;

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Wara r-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq. B'mod partikolari, il-proposti għandhom jistabbilixxu miri annwali u governanza li jkollhom il-mira tan-newtralità klimatika għall-2035 kif stabbilit fl-Artikolu 4(4), politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni, u qafas għal wara l-2035, *filwaqt li jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn setturi addizzjonali, bħall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu.*";

Emenda

Wara r-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq. B'mod partikolari, il-proposti għandhom jistabbilixxu miri annwali u governanza li jkollhom il-mira tan-newtralità klimatika għall-2035 kif stabbilit fl-Artikolu 4(4), politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni, u qafas għal wara l-2035.";

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli ta' konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn favur il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fil-qasam tal-użu tal-art, il-forestrija u l-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, ir-rappurtar, it-traċċar tal-progress u r-rieżami
Referenzi	COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.9.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 13.9.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Andris Ameriks 4.11.2021
Eżami fil-kumitat	25.1.2022
Data tal-adozzjoni	31.3.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 5 0: 10
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Carlo Fidanza, Mario Furore, Søren Gade, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, João Pimenta Lopes, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Henna Virkkunen, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Zlotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Leila Chaibi, Ignazio Corrao, Maria Grapini, Roman Haider, Jutta Paulus, Patrizia Toia

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

34	+
ECR	Carlo Fidanza, Peter Lundgren, Roberts Zīle
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Lukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Maria Grapini, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Vera Tax, Patrizia Toia, István Ujhelyi, Petar Vitanov

5	-
ID	Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Roman Haider, Julie Lechanteux, Philippe Olivier

10	0
ECR	Tomasz Piotr Poręba, Kosma Złotowski
The Left	Leila Chaïbi, Elena Kountoura, João Pimenta Lopes
Verts/ALE	Ignazio Corrao, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Jutta Paulus

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

23.3.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami
(COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Henna Virkkunen

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan ewlieni tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-klima huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li sal-2050 l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima. Il-bjar u l-assorbimenti pprovduti mis-settur tal-LULUCF jaqdu rwol importanti iżda limitat biex dan l-għan jintlaħaq. L-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal "Reviżjoni tar-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF)" huwa li jittejjbu r-regoli dwar kif l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija, flimkien mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-agrikoltura li mhumiex CO₂, jikkontribwixxu għall-qafas ta' politika tal-UE dwar il-klima.

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u temmen li t-tranżizzjoni mil-livelli ta' referenza għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra rrappurtati se tissimplifika l-proċessi tal-kontabbiltà u twassal għal trasparenza u disponibbiltà mtejjba tad-data. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa aktar biex itejbu l-metodoloġiji għall-kejl tal-flussi tal-karbonju, inkluż il-kalkolu tal-effetti ta' sostituzzjoni. It-titjibiet li jsiru fil-metodoloġiji għandhom jiġu riflessi fil-valutazzjoni tal-issodisfar tal-miri. Speċjalment fir-rigward tal-emissjonijiet agrikoli, hemm bżonn ta' aktar investimenti fir-riċerka sabiex jiġu identifikati l-prattiki agrikoli l-aktar sostenibbli u l-modi l-aktar kosteffiċjenti għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mis-settur. B'mod ġenerali, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tar-regoli tal-LULUCF u jiġi evitat piż regolatorju bla bżonn, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għandu jibqa' bħala qafas ta' kontabbiltà għall-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-karbonju.

Ir-Rapporteur tinnotta li s-settur tal-forestrija u tal-użu tal-art jikkontribwixxi għall-politiki dwar il-klima b'mod uniku u doppju – kemm permezz tal-bjar tal-karbonju kif ukoll bħala sors ta' materja prima u prodotti rinnovabbli. L-għarfien espert u l-possibilitajiet innovattivi offruti mill-industrija tal-foresti għandhom rwol kruċjali fis-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u fit-

tranżizzjoni lejn bijoekonomija ċirkolari. Il-qafas tal-LULUCF għandu jirrikonoxxi dan u jqis bis-sħiħ il-benefiċċji klimatiċi u ambjentali tas-sostituzzjoni.

Filwaqt li jsaħħa il-bjar tal-karbonju, ir-Regolament għandu jirrikonoxxi fl-istess ħin ir-rwol li taqdi l-produzzjoni sostenibbli tal-bijoenerġija fl-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili. Il-bijoenerġija tirrappreżenta madwar 60 fil-mija tal-produzzjoni totali tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni Ewropea (Eurostat 2020). Peress li l-produzzjoni sostenibbli tal-bijoenerġija tiddependi primarjament mir-residwi u l-produzzjoni tal-iskart minn attivitajiet oħra tal-forestrija, il-miri għoljin bla bżonn tal-LULUCF jistgħu jxekklu b'mod konsiderevoli l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa. Barra minn hekk, miri proporzjonali żżejjed fi ħdan l-Unjoni Ewropea jistgħu jżidu l-persjoni fuq l-użu tal-foresti barra mill-Ewropa u jikkontribwixxu għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

B'mod ġenerali, skont ir-Rapporteur huwa kruċjali li jiġu rikonoxxuti l-benefiċċji tal-ġestjoni attiva tal-foresti kemm għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll għall-adattament għalih. Il-qafas tal-kontabbiltà tal-LULUCF għandu jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jsegwu miżuri attivi u innovattivi biex iżidu l-bjar u l-assorbimenti tal-karbonju tagħhom fil-perspettiva fit-tul.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi"). Il-Partijiet fih *qablu* li *jżommu ż-żieda* fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

Emenda

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi"). ***Bl-adozzjoni tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow***, il-Partijiet fih ***irrikonoxxew*** li ***l-limitazzjoni taż-żieda*** fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. ***tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u impenjaw ruħhom li jsaħħu l-miri tagħhom għall-2030 sa tmiem l-2022 biex jeliminaw id-***

diskrepanza fl-ambizzjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-Patt Klimatiku ta' Glasgow, iffirmat f'Novembru 2021 minn 197 pajjiż, jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tan-natura u l-ekosistemi biex jintlaħaq l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-tiġin globali tiġi limitata għal 1,5 °C, inkluż permezz ta' foresti u ekosistemi oħra terrestri u tal-baħar li jaġixxu bħala bjar u riżervi ta' gassijiet serra u billi tiġi protetta l-bijodiversità, filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji soċjali u ambjentali. Bid-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art, iffirmata f'Novembru 2021, 141 pajjiż impenjaw ruħhom li jaħdmu kollettivament biex iwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-foresti u d-degradazzjoni tal-art sal-2030, filwaqt li jwettqu żvilupp sostenibbli u jippromwovu trasformazzjoni rurali inklużiva.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira ***tan-newtralità*** klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 fil-leġislazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, l-Unjoni naqqxet il-mira ***li tinkiseb newtralità*** klimatika fl-ekonomija kollha, ***li tfisser li jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti u l-assorbimenti minn bjar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni*** sal-2050 fil-leġislazzjoni. Dak ir-Regolament

livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, **inkluż is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija**. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdiedu għal livelli oġhla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija **li** jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, **fejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-fossili jkun l-akbar prijorità. Meta jkunu qed jimplimentaw il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030, l-istituzzjonijiet rilevanti u l-Istati Membri tal-Unjoni impenjaw ruħhom li jagħtu prijorità lil tnaqqis tal-emissjonijiet rapidu u prevedibbli u, fl-istess ħin, isaħħu l-assorbimenti minn bjar naturali. Dik l-ambizzjoni sottostanti jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tibbilanċja l-kompetenza nazzjonali dwar il-forestrija mal-miri ġenerali tal-Unjoni rigward iż-żieda fl-assorbiment nett tal-gassijiet serra u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent skont l-Artikoli 191 u 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Barra minn hekk, il-miżuri jenħtieġ li primarjament jimmiraw lejn setturi fejn l-isforzi huma l-aktar kosteffiċjenti, kif iddeterminat minn kull Stat Membru**. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ **mingħajr preġudizzju għall-objettiv li jissaħħaħ il-bir tal-karbonju nett tal-Unjoni bil-ħsieb li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050**. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdiedu għal livelli oġhla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)."

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)."

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-foresti tal-Unjoni joffru assorbiment nett konsiderevoli tad-diossidu tal-karbonju kif ukoll valur ekonomiku, dħul mill-esportazzjoni u impjiegi madwar l-Unjoni. Mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar mill-1990 'il quddiem, il-foresti tal-Unjoni waħidhom issekwestraw madwar 400 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ kull sena fl-Unjoni. Madankollu, l-assorbimenti netti totali tal-Unjoni mil-LULUCF naqsu bejn l-2013 u l-2019. Il-foresti tal-Unjoni jistgħu jiġu żviluppati aktar u jipprovdu firxa vasta ta' prodotti b'bażi bijoloġika li jikkontribwixxu għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju. Madankollu, il-forestrija u l-industrija tal-forestrija huma attivitajiet fit-tul b'ċikli tal-investment fuq diversi deċennji. Il-ġestjoni tal-foresti tiddependi ħafna minn fatturi ġeografiċi u barra

minn hekk hija marbuta ma' strutturi industrijali li huma differenti bejn l-Istati Membri. Bidliet għall-għarrieda fil-politiki tal-forestrija jew żieda fil-piż regolatorju, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, jistgħu jimminaw il-kontribut tas-settur fir-rigward tal-assorbiment tal-karbonju.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex **jikkontribwixxu** għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkun ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità.

Emenda

(5) Sabiex **ikun possibbli li s-settur tal-użu tal-art, tal-bidla fl-użu tal-art u tal-forestrija jikkontribwixxi fuq żmien qasir u fit-tul b'mod sostenibbli u prevedibbli għall-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u jikkontribwixxi** għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni

tiegħu fis-settur permezz ta' prattiki tal-
ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li
jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-
bijodiversità ***u jenħtieġ li ssaħħaħ il-
ġestjoni sostenibbli tal-foresti, bir-rispett
sħiħ tar-reżiljenza tal-bijodiversità u tal-
ekosistemi, li tippermetti l-adattament tal-
foresti għat-tibdil fil-klima fit-tul.***

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-
30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali
vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet
serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-
2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni
klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru
fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-
Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU
L 156, 19.6.2018, p. 26).

³² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-
30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali
vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet
serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-
2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni
klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru
fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-
Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU
L 156, 19.6.2018, p. 26).

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-miri annwali vinkolanti għall-
assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ
li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru
permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja
jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-
emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati
minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-
2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-
mira stabbilita għal dak l-Istat Membru.
Għall-Istati Membri li jtejbju l-
metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-
emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li
jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni
teknika. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni
teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li
tikkorrispondi għall-effett ***tal-bidla*** fil-
metodoloġija fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat
Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi
rrispettata l-integrità ambjentali.

Emenda

(6) Il-miri annwali vinkolanti għall-
assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ
li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru
permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja
jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-
emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati
minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-
2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-
mira stabbilita għal dak l-Istat Membru.
***Jenħtieġ tqis li l-fatt li fil-passat kien
hemm użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u
użu forestali ta' gassijiet serra fuq skala
kbira, ma jggarantixxix li se jkun hemm
kapaċità għolja fil-futur, billi perċentwal
dejjem akbar ta' foresti tal-Unjoni qed
jilhqqu l-maturità tagħhom.*** Għall-Istati
Membri li jtejbju l-metodoloġija tagħhom
għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-
assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott
kunċett ta' korrezzjoni teknika, ***soġġett***

għal rieżami xjentifiku indipendenti.

Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett **ta' preċiżjoni mtejba** fil-metodoloġija fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar ***It-tisħiħ*** tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030³³ ***iddeskriviet għażla li l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-CO₂ jingħaqdu flimkien mal-assorbimenti netti tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid. Din il-kombinazzjoni tista' tippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u tippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jissaħħaħ l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art.***

³³ COM(2020)0562.

Emenda

(7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar ***"It-tisħiħ*** tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030"³³ ***saħqet li l-kisba tan-newtralità klimatika ser tirrikjedi li l-azzjoni tal-Unjoni tiżdied b'mod sinifikanti fis-setturi kollha tal-ekonomija. Il-fatt li jsir progress f'settur wieħed jenħtieġ li ma jikkumpensax għan-nuqqas ta' progress f'setturi oħra. Dawn is-setturi jenħtieġ li jiġu appoġġati fil-konverżjoni tagħhom lejn attivitajiet aktar ambjentalment sostenibbli. Barra minn hekk, l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn bjar naturali tal-karbonju huma fraġli u potenzjalment reversibbli, u dan iwassal għal żieda fl-inċertezza fil-kejl tal-emissjonijiet u l-assorbimenti fis-settur tal-art meta mqabbel ma' setturi oħra.***

³³ COM(2020)0562.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li

Emenda

(8) Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li

jsir newtrali għall-klima malajr sal-2035 b'mod kosteffettiv, u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet. *Impenn kollettiv bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovi ċ-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art* f'qasir żmien, *meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tieħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' għib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti sal-2050. Sa nofs l-2024, l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri rilevanti li bihom, kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-mira kollettiva tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fil-livell tal-UE fl-2035. Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi miri nazzjonali, filwaqt li tiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-Unjoni u l-assorbimenti fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u l-emissjonijiet mis-setturi mhux CO2 agrikoli jkunu għall-inqas ibbilanċjati sal-2035. Kontrarjament għall-mira fil-livell tal-UE tan-newtralità klimatika għas-settur tal-art sal-2035, tali miri nazzjonali se jkunu vinkolanti u infurzabbli fuq kull Stat Membru.*

34 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni

jimxi lejn newtralità klimatika b'mod kosteffettiv, *permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, iż-żamma u t-tisħiħ tal-bjar u tal-ħażniet tal-karbonju, bis-sostituzzjoni gradwali tal-fjuwils fossili b'enerġija rinnovabbli mill-bijomassa tal-foresti u billi jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tneħħija ta' materjali organiċi mill-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Il-bijoekonomija u l-bijoenerġija huma indispensabbli għal ekonomija ħielsa mill-fossili.* Sussegwentement, *is-settur se jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet, kemm* f'qasir żmien *kif ukoll fit-tul.*

Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Ir-regoli kontabilistiċi stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 10 tar-Regolament (UE) 2018/841 tfasslu biex jiddeterminaw sa liema punt il-prestazzjoni tal-mitigazzjoni fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija tista' tikkontribwixxi għall-mira tal-UE għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'40 %, li ma kinitx tinkludi s-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju għal dak is-settur, ir-regoli kontabilistiċi attwali jenħtieġ li ma japplikawx wara l-2025, u l-konformità mal-miri nazzjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li tiġi vverifikata abbażi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati. Dan jiżgura konsistenza metodoloġika mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵ u mar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶, u d-determinazzjoni tal-mira l-għdida għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 %, li tinkludi wkoll is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

Emenda

(9) Ir-regoli kontabilistiċi stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 10 tar-Regolament (UE) 2018/841 tfasslu biex jiddeterminaw sa liema punt il-prestazzjoni tal-mitigazzjoni fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija tista' tikkontribwixxi għall-mira tal-UE għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'40 %, li ma kinitx tinkludi s-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju għal dak is-settur, ir-regoli kontabilistiċi attwali jenħtieġ li ma japplikawx wara l-2025, u l-konformità mal-miri nazzjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li tiġi vverifikata abbażi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati. Dan jiżgura konsistenza metodoloġika mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵ u mar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶, u d-determinazzjoni tal-mira l-għdida għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 %, li tinkludi wkoll is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. ***Sabiex jiġu żgurati regolamentazzjoni aħjar u ambjent operattiv prevedibbli għall-industrija, ir-***

regoli kontabilistiċi jenħtieġ li japplikaw biss għall-kontabbiltà tal-gassijiet serra għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija.

³⁵ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32) kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdieđu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

³⁵ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32) kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdieđu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali **jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu incenċiv dirett** biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u **fil-foresti tagħhom**. Fil-perjodu sal-2030, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq incenċivi ta' sekwestru tal-

Emenda

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali **u s-sidien tal-foresti jeħtieġu incenċivi diretti u indiretti** biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom, **fil-foresti tagħhom** u **fil-prodotti għall-ħżin tal-karbonju**. **Is-sidien tal-foresti jenħtieġ li jiġu mħeġġa jimplimentaw Prattiki ta' ġestjoni**

karbonju f'art agrikola u fuq iċ-
ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-
karbonju. Dawn l-inċentivi u l-mudelli
kummerċjali se jtejbu l-mitigazzjoni tat-
tibdil fil-klima **fil-bijoekonomija**, inkluż
permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-
injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji
ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-
ekonomija ċirkolari. **Għalhekk, jenħtiegħ li
jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' prodotti
għall-ħżin tal-karbonju minbarra l-
prodotti tal-injam maħsud. Il-mudelli
kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-
prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-
assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp
territorjali bbilanċjat u tkabbir
ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħlqu
wkoll opportunitajiet għal impjegi ġodda
u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ
mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.**

**sostenibbli tal-foresti u fl-istess waqt
jenħtiegħ li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-
bijodiversità u l-benefiċċji għas-soċjetà.
Il-finanzjament pubbliku fl-ambitu tal-
Politika Agrikola Komuni (PAK) u
programmi oħra tal-Unjoni diġà jista'
jappoġġa approċċi bbażati fuq l-
ekosistema fil-foresti u l-artijiet agrikoli u
jenħtiegħ li jiżdied. Biex jiżdied is-
sekwestru tal-karbonju fl-artijiet tagħhom
u biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għat-
tisgħir u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-
gassijiet serra, il-bdiewa individwali u s-
sidien tal-foresti jeħtiegħu materjal għat-
tkabbir adattat għall-iskop tiegħu li jiġi
prodott fl-Unjoni, bħala appoġġ għall-
produzzjoni lokali tal-ikel u s-sigurtà tal-
ikel. Kif hemm deskritt fil-
Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-
15 ta' Diċembru 2021 dwar iċ-Ċikli
Sostenibbli tal-Karbonju, fil-perjodu sal-
2030, jeħtiegħ li jintużaw dejjem aktar
mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq
inċentivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art
agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-
assorbimenti tal-karbonju. Dawn l-
inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbu
l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima
f'**bijoekonomija kompletament ċirkolari u
sostenibbli**, inkluż permezz **tal-
produzzjoni u** tal-użu ta' prodotti durabbli
tal-injam maħsud **u permezz tas-
sostituzzjoni gradwali tal-materja prima
bbażata fuq il-fossili**, b'rispett sħiħ tal-
prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità
u l-ekonomija ċirkolari. **Dan il-potenzjal,
madankollu, jaf jiġi ristrett jekk is-settur
tal-forestrija jsir regolat iżżejjed.****

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(10a) Il-materjali u l-prodotti
rinnovabbli b'bażi bijoloġika**

*jikkontribwixxu biex ikun hemm
bijoekonomija ċirkolari billi gradwalment
jissostitwixxu alternattivi bbażati fuq il-
fossili b'alternattivi b'impronta ambjentali
akbar f'diversi industrij. Il-bijoekonomija
tal-Unjoni tista' żżid il-produzzjoni ta'
prodotti għall-ħżin tal-karbonju filwaqt li
ssaħħaħ il-bjar tal-karbonju u ttejjeb is-
saħħa tal-foresti. Iż-żieda fl-użu tal-
prodotti għall-ħżin tal-karbonju hija
importanti flimkien mat-tnaqqis fl-użu ta'
prodotti fossili intensivi fl-emissjonijiet u
biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt
Ekoloġiku Ewropew. Għalhekk, kategoriji
għodda tal-prodotti kollha sostenibbli
għall-ħżin tal-karbonju, abbażi tal-Linji
Gwida tal-IPCC, inkluż b'mod partikolari
soluzzjonijiet innovattivi għodda, jenħtieġ li
jiġu introdotti flimkien mal-prodotti tal-
injam maħsud biex jiġu promossi miżuri
volontarji tas-suq tal-karbonju fis-settur
tal-użu tal-art. Iċ-ċiklu tal-ħajja tal-
prodotti tal-ħżin tal-karbonju ma
għandux jagħmel ħsara sinifikanti lill-
objettivi ambjentali tal-Unjoni
f'konformità mal-Artikolu 17 tar-
Regolament (UE) 2020/852. Skont il-
Komunikazzjoni tal-Kummissjoni
Ewropea tal-15 ta' Diċembru 2021^{1a}, is-
sekwestri tal-karbonju jenħtieġ li jitqiesu
b'mod trasparenti u billi jitqiesu kriterji
bħat-tul tal-ħażna u r-riskju ta' treġġiġh
lura. L-istimi dwar il-potenzjal ta'
mitigazzjoni tas-sostituzzjoni ta' materjali
fossili bl-injam intensivi fl-emissjonijiet
jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll mill-Istati
Membri.*

^{1a} *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-
Parlament Ewropew u lill-Kunsill –
Sustainable Carbon Cycles (Ċikli tal-
Karbonju Sostenibbli) (COM(2021)0800
final).*

Emenda 12

Proposta għal regolament

PE699.175

160/188

RR\1256694MT.docx

Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Il-mudelli kummerċjali emerġenti, l-iżvilupp ulterjuri tal-bijoenerġija b'teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin jew l-użu tal-karbonju (BECCSU), u l-prattiki tal-biedja u tal-ġestjoni tal-art biex jissaħħu l-assorbimenti u l-investment fit-tul fil-bioekonomija jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku f'żoni rurali fejn l-SMEs u n-negozji tal-familja qegħdin jiffaċċjaw dejjem aktar żvantaġġ dovut għal-lokalità minħabba infrastruttura inadegwata u nuqqas ta' investment. Tranżizzjoni ġusta tirrikjedi ż-żamma tas-settur tal-SMEs industrijali bħala stabbilizzatur soċjali f'tali nħawi, il-ħolqien ta' opportunitajiet għal impjiegi ġodda u l-ġhoti ta' inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti. Skont l-ambizzjoni akbar fis-settur tal-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija, jenħtieġ li jingħata appoġġ addizzjonali lill-bdiewa individwali u lis-sidien tal-foresti għall-implimentazzjoni ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistema u prattiki favur il-biodiversità fuq l-art tagħhom f'konformità mar-regoli komuni stipulati mill-Kummissjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkunsidraw jużaw għal dan il-għan id-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti permezz tal-kwoti tal-Iskema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS).

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Premessa 10c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10c) Filwaqt li jqis li l-ġestjoni attiva sostenibbli tal-foresti għandha l-potenzjal

li ssaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju u li tiġġieled it-tixjiħ tal-foresti u d-diżastri naturali, li huma fost il-fatturi li jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-assorbimenti tal-karbonju fis-settur tal-art f'dawn l-aħħar snin, jenħtieġ li jitħeġġew prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti li jirrispettaw ir-reżiljenza tal-bijodiversità u tal-ekosistemi u li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif deskritt fl-Istrateġija tal-UE għall-Foresti^{1a};

^{1a} Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 (COM(2021)572).

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 10d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10d) Is-settur tal-kostruzzjoni għandu l-potenzjal li juża prodotti tal-forestrija fi kwantitajiet kbar u jaħżen il-karbonju għal bosta għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi mħeġġeġ l-użu tal-injam bħala materjal tal-kostruzzjoni u wkoll biex jiġi żgurat li l-assorbiment li jirriżulta tal-emissjonijiet jiġi kkunsidrat fil-bilanċ tal-emissjonijiet totali tal-Istat Membru inkwistjoni.

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Premessa 12**

(12) Il-waqfien tar-regoli kontabilistiċi attwali wara l-2025 joħloq hteġa ta' dispożizzjonijiet alternattivi għad-disturbi naturali bħan-nirien, il-pesti u l-maltempati, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi minħabba l-proċessi naturali jew bħala riżultat tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Mekkaniżmu ta' flessibbiltà marbut mad-disturbi naturali jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, diment li dawn ikunu eżawrew il-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u stabbilew miżuri xierqa biex inaqqsu l-vulnerabbiltà tal-art tagħhom għal dawn id-disturbi, u li l-Unjoni tkun laħqet il-mira tal-2030 għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 14

(14) Sabiex jiġu **żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/841** fir-rigward tal-istabbiliment tal-allokazżjonijiet tal-miri annwali għall-Istati Membri, **jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**³⁷.

(12) Il-waqfien tar-regoli kontabilistiċi attwali wara l-2025 joħloq hteġa ta' dispożizzjonijiet alternattivi għad-disturbi naturali bħan-nirien, il-pesti u l-maltempati, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi minħabba l-proċessi naturali jew bħala riżultat tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Mekkaniżmu ta' flessibbiltà marbut mad-disturbi naturali jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, diment li dawn ikunu eżawrew il-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u stabbilew miżuri xierqa biex **isaħħu l-bjar tal-karbonju naturali b'tali mod li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-bijodiversità u biex** inaqqsu l-vulnerabbiltà tal-art tagħhom għal dawn id-disturbi, u li l-Unjoni tkun laħqet il-mira tal-2030 għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

(14) Sabiex jiġu **speċifikati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament** fir-rigward tal-istabbiliment tal-allokazżjonijiet tal-miri annwali għall-Istati Membri **għas-settur tal-LULUCF kif ukoll il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezżjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri u għar-rieżami espert indipendenti, filwaqt li jiġu speċifikati regoli u metodoloġiji komuni biex jiġi żgurat li l-miżuri meħuda biex**

jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-Istati Membri ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali l-oħra tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u jenħtieġ li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016^{36a}. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

^{36a} ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

³⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratizza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal

Emenda

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratizza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal

sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajitna (COM(2020) 0380 final).

³⁹ COM(2020) 0381.

⁴⁰ [...]

sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent³⁹, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti⁴⁰, ***l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijekonomija aġġornata, l-Istrateġija tal-UE dwar il-~~Ħamrija~~^{40a}***, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴² kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar ***bis-satellita u fuq il-post*** tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, ***billi jsir użu sħiħ minn għodod diġà eżistenti bħall-istħarriġ statistiku LUCAS***, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajitna (COM(2020) 0380 final).

³⁹ COM(2020) 0381.

⁴⁰ ***Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 (COM(2021) 0572 final).***

^{40a} ***Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – L-Istrateġija tal-UE dwar il-~~Ħamrija~~ għall-2030 Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima***

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM(2021) 0082.

COM(2021) 0699.

⁴¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁴² COM(2021) 0082.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-bidliet antropoġeniċi mistennija fl-użu tal-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu permezz ta', pereżempju, l-espansjoni ppjanata tal-enerġija offshore, iż-żieda potenzjali fil-produzzjoni tal-akkwakultura u l-livelli dejjem jiżdiedu ta' protezzjoni tan-natura biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità se jinfluwenzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sekwestru tagħhom. Bħalissa dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti ma humiex inklużi fit-tabelli ta' rapportar standard fil-UNFCCC. Sussegwentement għall-adozzjoni tal-metodoloġija ta' rapportar, il-Kummissjoni se tqis ir-rapportar dwar il-progress, il-fattibbiltà tal-analiżi u l-impatt tal-estensjoni tar-rapportar għall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika ta' dawn il-flussi meta twettaq ir-rieżami f'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Emenda

(17) Il-bidliet antropoġeniċi mistennija fl-użu tal-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu permezz ta', pereżempju, l-espansjoni ppjanata tal-enerġija offshore, iż-żieda potenzjali fil-produzzjoni tal-akkwakultura u l-livelli dejjem jiżdiedu ta' protezzjoni tan-natura biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità se jinfluwenzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sekwestru tagħhom. Bħalissa dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti ma humiex inklużi fit-tabelli ta' rapportar standard fil-UNFCCC. Sussegwentement għall-adozzjoni tal-metodoloġija ta' rapportar, il-Kummissjoni se tqis ir-rapportar dwar il-progress, il-fattibbiltà tal-analiżi u l-impatt tal-estensjoni tar-rapportar għall-ambjent tal-baħar, **tal-kosta** u tal-ilma ħelu abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika ta' dawn il-flussi meta twettaq ir-rieżami f'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.

(17a) Minħabba li l-bidliet fir-regoli kontabilistiċi jiġġeneraw kostijiet addizzjonali ta' konformità għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet kompensatorji sabiex jiġi evitat li jiżdied il-livell totali tal-piż regolatorju. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun obbligata li tippreżenta, qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, proposti li jikkumpensaw għall-piżijiet regolatorji introdotti minn dan ir-Regolament, permezz tar-reviżjoni jew it-tneħħija ta' dispożizzjonijiet f'atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni li jiġġeneraw kostijiet ta' konformità fis-settur affettwat.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e

(e) l-impenji tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa lejn il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija inkluż l-emissjonijiet mill-agrikoltura mhux tas-CO₂.";

imħassar

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2 – paragrafu 3

3. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri mill-2031 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-art elenkati fil-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 2 u fi kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:

imħassar

- (a) fermentazzjoni enterika;**
- (b) ġestjoni tad-demel;**
- (c) kultivazzjoni tar-ross;**
- (d) ħamrija agrikola;**
- (e) ħruq awtorizzat ta' meddjet kbar ta' savana;**
- (f) ħruq fl-għelieqi ta' fdalijiet agrikoli;**
- (g) trattament bil-ġir;**
- (h) applikazzjoni tal-urea;**
- (i) "fertilizzanti oħrajn li fihom il-karbonju";**
- (j) "oħrajn".**

Emenda 22

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

2a. Sat-30 ta' Ġunju 2024, kull Stat Membru jista' jippreżenta kontribut nazzjonali għall-mira ta' assorbimenti netti ta' gassijiet serra għall-2030 imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ogħla mill-mira nazzjonali

stabbilita fl-Anness IIa. Tali kontribut jista' jiġi inkluż fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima ppreżentati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu** l-miri annwali bbażati fuq it-trajettorja lineari għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa **jista' jkun soġġett** għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. **Il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni** teknika li għandha tiżdied **mal-miri tal-Istati Membri, għandu jiġi** stabbilit f'dawn **l-atti ta' implimentazzjoni**. Għall-fini ta' dawk l-atti ta' **implimentazzjoni**, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-aktar data tal-inventarju nazzjonali reċenti għas-snin 2021, 2022 u 2023 imressaq mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi** l-miri annwali bbażati fuq it-trajettorja lineari għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. **Il-mira indikattiva tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IIa u l-valur indikattiv tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa jistgħu jkunu soġġetti** għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri, **soġġett għal rieżami minn esperti indipendenti li jikkonferma l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-korrezzjoni teknika bbażata fuq l-akkuratezza mtejbja tad-data mmonitorjata u rrapportata**. Il-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied **mal-mira ta'** Stat Membru **għandha tikkorrispondi mal-effett li l-bidla fil-metodoloġija jkollha fuq il-miri u titniżżel f'dawn l-atti delegati u ppubblikata**. Għall-fini ta' dawk l-atti **delegati**, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-aktar data tal-inventarju nazzjonali reċenti għas-

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni
għandhom jiġu adottati f'konformità mal-
proċedura ta' eżami msemija fl-
Artikolu 16a.***

imħassar

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***4. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra
fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-
punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(3)
għandhom jimmiraw li jkunu zero netti
sal-2035 u l-Unjoni għandha tikseb
emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il
quddiem. L-Unjoni u l-Istati Membri
għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex
jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira
għall-2035.***

imħassar

***Il-Kummissjoni għandha, sal-
31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta'
pjanijiet nazzjonali integrati għall-
enerġija u l-klima mressqa minn kull Stat
Membru skont l-Artikolu 14 tar-
Regolament (UE) 2018/1999 sat-
30 ta' Ġunju 2024, tagħmel proposti
għall-kontribut ta' kull Stat Membru
għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti.";***

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assorbiment tal-karbonju mill-atmosfera jġi mħeġġeġ permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti li tqis il-bijodiversità u r-reżiljenza tal-ekosistema, peress li l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tikkontribwixxi b'mod attiv għall-assorbiment tal-karbonju.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 2 ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-bijodiversità tal-Unjoni jew lil objettivi ambjentali oħra.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 5 - paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Il-ġbir tad-data għandu jissaħħaħ aktar permezz ta' monitoraġġ armonizzat fl-Unjoni kollha tal-evoluzzjoni tal-kontenut ta' karbonju organiku tal-ħamrija u l-fatturi li għandhom impatt fuq il-kundizzjoni tal-ħamrija u l-ħażna tal-karbonju tagħha permezz ta' stħarriġ annwali LUCAS."

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Prodotti għall-ħżin tal-karbonju;

Emenda

Prodotti **sostenibbli** għall-ħżin tal-karbonju;

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, inkluż prodotti ***tal-injam maħsud***, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqqha tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.;

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha, ***sal-2023***, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju ***minn sorsi sostenibbli tal-kategoriji kollha rilevanti ta' prodotti b'bażi bijoloġika***, inkluż prodotti ***innovattivi b'bażi bijoloġika, prodotti sekondarji u residwi li jissostitwixxu materja prima bbażata fuq il-fjuwils fossili***, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, ***u billi jintroduċu analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawk il-prodotti, inklużi prodotti riċiklati***, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC

jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.

Sal-2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-inklużjoni tal-proċessi tal-Qbid u l-Ħżin jew l-Użu tal-Karbonju tal-Bijoenerġija (BECCSU) fil-prodotti għall-ħżin tal-karbonju, filwaqt li tqis il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852. Il-kategoriji tal-prodotti għall-ħżin tal-karbonju għandhom ikunu allinjati mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' politika ġenerali għall-ħżin u l-assorbimenti tal-karbonju jkun koerenti;

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ba (ġdid)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) fl-Artikolu 9, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3a. Fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti tal-injam maħsud ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali tal-Unjoni."

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) jitħassar il-paragrafu 3;

imħassar

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri **jistgħu** jużaw id-dħul iġġenerat mit-trasferimenti skont il-paragrafu 2 biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni **bi kwalunkwe azzjoni bħal din** meħuda.

Emenda

5. L-Istati Membri **għandhom** jużaw id-dħul iġġenerat mit-trasferimenti skont il-paragrafu 2 biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, **jiproteġu l-bijodiversità u r-reżiljenza tal-ekosistema, biex jiżguraw il-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, tal-bjar u r-riżervi kollha tal-art, u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà tal-art għal disturbji naturali** fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni **dwar l-użu ta' dak id-dħul u l-azzjonijiet** meħuda **fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1999.**

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) L-Istat Membru jkun inkluda fl-istrateġija tiegħu mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti; **u**

Emenda

(a) L-Istat Membru jkun inkluda fl-istrateġija tiegħu mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti **b'tali mod li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, u titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-art għal disturbji naturali;**

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 13a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-Finlandja tkun inkludiet fl-istrateġija tagħha mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex tiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti,

Emenda

(a) il-Finlandja tkun inkludiet fl-istrateġija tagħha mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex tiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti ***b'mod li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, u titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-art għal disturbji naturali;***

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 13c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk l-emissjonijiet u l-assorbimenti rieżaminati ta' gassijiet serra ta' Stat Membru fl-2032 jaqbz u l-miri annwali ta' dak l-Istat Membru għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu mill-2026 sal-2030, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 12 u 13b, ***għandha tapplika l-miżura li ġejja:***

Emenda

Jekk, ***b'riżultat tar-rieżami komprensiv imwettaq mill-Kummissjoni fl-2032 skont l-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni ssib li l-emissjonijiet u l-assorbimenti rieżaminati ta' gassijiet serra ta' Stat Membru fl-2032 jaqbz u l-miri annwali ta' dak l-Istat Membru għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu mill-2026 sal-2030, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 12 u 13b, għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin:***

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) 2018/841
Artikolu 13d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) jiddaħħal l-Artikolu li ġejj:

"Artikolu 13d

Kooperazzjoni internazzjonali

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jawtorizzaw l-użu ta' krediti tal-karbonju mis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għall-kumpens minn entitajiet pubbliċi jew privati, inkluż permezz tal-mezzi previsti fl-Artikoli 6(2) jew 6(4) tal-Ftehim ta' Pariġi. Sabiex telimina l-ostakli għas-suq u tevita l-għadd doppju, l-Unjoni għandha turi kif ir-riżultati ta' mitigazzjoni trasferit fil-livell internazzjonali li joriġinaw mill-Unjoni huma allinjati mal-qafas ta' kontabilità LULUCF;

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ca) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tal-klima u l-bijoekonomija;

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Fl-Artikolu 14, jiddaħħal il-paragrafu li ġejj:

"3a. Ir-rapport ta' konformità għandu jkun ibbażat fuq settijiet ta' data annwali

miksba minn stħarriġ LUCAS u sistemi ta' monitoraġġ tal-ħamrija nazzjonali jew reġjonali. Jekk ir-rekords preċedenti tal-LULUCF jiġu mmodifikati b'riżultat tal-istħarriġ LUCAS, il-miri tal-Istati Membri stabbiliti fl-Anness IIa għandhom ikunu soġġetti għal korrezzjoni teknika kif stabbilit fl-Artikolu 4(2)."

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sitt xhur wara [...] bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż, **meta jkun rilevanti**, valutazzjoni tal-impatti tal-flessibiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 11, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament **għall-mira globali tal-Unjoni għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha** għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari **fir-rigward tal-ħtieġa** ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sitt xhur [...] wara **kull** bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni tal-impatti tal-flessibiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 11 **fuq it-tnaqqis u l-assorbimenti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni**, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament **għall-objettiv tal-Unjoni dwar in-newtralità klimatika u l-miri klimatiċi intermedjarji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119**, għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. **Ir-rapport għandu jivvaluta** b'mod partikolari l-ħtieġa ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, **b'mod speċifiku billi jqis kwalunkwe titjib futur tas-sistema ta' monitoraġġ, ġbir ta' data u rapportar rigward il-foresti fl-Unjoni kif imħabbra fl-ambitu tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030**, u fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni. **Ir-rapport għandu jqis l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-IPCC, tal-IPBES u tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima kif stabbilit fl-**

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Wara r-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq. B'mod partikolari, il-proposti għandhom ***jistabilixxu miri annwali u governanza li jkollhom il-mira tan-newtralità klimatika għall-2035 kif stabbilit fl-Artikolu 4(4), politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni, u qafas għal wara l-2035, filwaqt li jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn setturi addizzjonali, bħall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu.***

Emenda

Wara r-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq. B'mod partikolari, il-proposti għandhom jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn setturi addizzjonali, bħall-ambjent tal-baħar, ***tal-kosta*** u tal-ilma ħelu, ***bbażati fuq metodoloġiji xjentifiċi robusti. Kif xieraq, il-proposta għandha taġġorna l-metodoloġiji għall-ġbir ta' data, il-monitoraġġ u r-rapportar fis-settur tal-LULUCF, b'mod partikolari dwar il-ħamrija fl-Unjoni kif imħabbra fl-ambitu tal-Istrateġija l-Ġdida tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030.***

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) fl-Artikolu 17, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-2050, ir-riżultati ta' evalwazzjoni dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament,

inklużi l-effetti tiegħu fuq il-funzjonament tas-suq uniku, il-kompetittività u l-ħolqien tax-xogħol tas-setturi affettwati u l-kobor tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-1 ta' Jannar 2030, u kull ħames snin sal-2050, ir-riżultati ta' evalwazzjoni komprensiva tal-impatt makroekonomiku aggregat tar-Regolamenti li jiffurmaw il-pakkett "leste għall-mira ta' 55 %" ^{1a}.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra emendi possibbli għal dan ir-Regolament fir-rigward tas-simplifikazzjoni regolatorja kif indikat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar tal-2021 ^{1b}. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadattaw kontinwament għall-proċeduri amministrattivi tal-aħjar Prattika u jieħdu l-miżuri kollha biex jissimplifikaw l-infurzar ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jżommu l-piżijiet amministrattivi għal minimu."

^{1a} *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (COM(2021) 0550), tal-14 ta' Lulju 2021.*

^{1b} *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (COM(2021) 0021), tad-29 ta' April 2021.*

Emenda 43

**Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1
Regolament (UE) 2018/1999
Anness V – Parti 3 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

"Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG's tal-IPCC tal-2006. **L-inventarju** tal-gassijiet serra għandu jopera abbażi ta'

Emenda

"Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG's tal-IPCC tal-2006. **L-Istati Membri huma mħeġġa jżviluppaw inventarju** tal-

bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, u jinkludi:

gassijiet serra *li* għandu jopera abbażi ta' bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, u jinkludi:

Emenda 44

Proposta għal regolament

Anness III – paragrafu 1

Regolament (UE) 2018/1999

Anness V – parti 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) Settijiet ta' data tal-LUCAS iġġenerati minn sħarriġ annwali armonizzat fl-Istati Membri kollha biex tinġabar informazzjoni dwar il-kopertura tal-art u l-użu tal-art, titkejjel il-ħażna tal-karbonju fil-ħamrija u jiġu analizzati l-parametri rilevanti kollha li jaffettwaw il-potenzjal tal-ħamrija biex tissekwestra l-karbonju u s-saħħa tal-ħamrija; L-Istati Membri huma mħeġġa biex iżidu l-kampjunar tal-kontenut tal-karbonju organiku tal-ħamrija u tal-ħażna tal-karbonju aktar fil-fond, jiġifieri li jużaw bħala minimu t-30 ċm mill-protokoll tal-2022 tal-ħamrija LUCAS.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Anness III – paragrafu 1

Regolament (UE) 2018/1999

Anness V – parti 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mill-2026, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 għall-istimi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tar-raggruppamenti tal-karbonju kollha li jaqgħu f'żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art b'ħażna għolja tal-karbonju msemija fil-punt (c) hawn fuq, f'żoni tal-użu tal-art taħt protezzjoni jew taħt restawr imsemija fil-punti (d) u (e) hawn fuq, u żoni ta' unitajiet

Mill-2026, l-Istati Membri għandhom **ikollhom il-mira li** japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 għall-istimi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tar-raggruppamenti tal-karbonju kollha li jaqgħu f'żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art b'ħażna għolja tal-karbonju msemija fil-punt (c) hawn fuq, f'żoni tal-użu tal-art taħt protezzjoni jew taħt restawr imsemija fil-

tal-użu tal-art taħt riskji klimatiċi futuri msemmija fil-punt (f) hawn fuq, skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG's tal-IPCC tal-2006."

punti (d) u (e) hawn fuq, u żoni ta' unitajiet tal-użu tal-art taħt riskji klimatiċi futuri msemmija fil-punt (f) hawn fuq, skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG's tal-IPCC tal-2006."

ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT

Il-lista li ġejja ġiet ikkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. Ir-Rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entity and/or person
Academy of Finland
Bioenergy Europe
Confederation of European Forest Owners (CEPF)
Confederation of European Paper Industries (CEPI)
European Commission, DG CLIMA
European Forest Institute
Finnish Forest Industries
Metsä Group
Ministry of Agriculture and Forestry of Finland
Natural Resources Institute Finland (Luke)
Permanent Representation of Finland to the EU
Statistics Finland
Stora Enso Oyj
St1 Oy
Swedish Forest Industries Federation
The Central Union of Agricultural Producers and Forest Owners (MTK)
The Finnish Association for Nature Conservation
The Finnish Environment Institute (SYKE)

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli ta' konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn favur il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fil-qasam tal-użu tal-art, il-forestrija u l-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, ir-rappurtar, it-traċċar tal-progress u r-rieżami
Referenzi	COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.9.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Henna Virkkunen 17.9.2021
Eżami fil-kumitat	26.1.2022
Data tal-adozzjoni	22.3.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 –: 13 0: 16
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Michael Bloss, Manuel Bompard, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Claudia Gamon, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, András Gyürk, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Eva Kaili, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Zdzisław Krasnodębski, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Thierry Mariani, Marisa Matias, Eva Maydell, Georg Mayer, Joëlle Mélin, Iskra Mihaylova, Dan Nica, Angelika Niebler, Niklas Nienaß, Ville Niinistö, Aldo Patriciello, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Pina Picierno, Markus Pieper, Clara Ponsatí Obiols, Manuela Ripa, Robert Roos, Sara Skytvedal, Maria Spyrali, Jessica Stegrud, Beata Szydło, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Marie Toussaint, Isabella Tovaglieri, Viktor Uspaskich, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gianna Gancia

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

48	+
NI	Viktor Uspaskich
PPE	François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Eva Maydell, Angelika Niebler, Aldo Patriciello, Markus Pieper, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss
Renew	Nicola Beer, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Claudia Gamon, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen
S&D	Josianne Cutajar, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Romana Jerković, Eva Kaili, Łukasz Kohut, Miapetra Kumpula-Natri, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Pina Picierno, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho

13	-
ECR	Robert Roos
ID	Markus Buchheit, Georg Mayer
NI	András Gyürk
Verts/ALE	Michael Bloss, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Henrike Hahn, Niklas Nienä, Ville Niinistö, Mikuláš Peksa, Manuela Ripa, Marie Toussaint

16	0
ECR	Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Jessica Stegrud, Beata Szydło, Grzegorz Tobiszowski, Evžen Tošenovský
ID	Paolo Borchia, Gianna Gancia, Thierry Mariani, Joëlle Mélin, Isabella Tovaglieri
NI	Martin Buschmann, Clara Ponsatí Obiols
The Left	Manuel Bompard, Marc Botenga, Marisa Matias

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli ta' konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn favur il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fil-qasam tal-użu tal-art, il-forestrija u l-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, ir-rappurtar, it-traċċar tal-progress u r-rieżami			
Referenzi	COM(2021)0554 – C9-0320/2021 – 2021/0201(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	14.7.2021			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.9.2021			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 13.9.2021	ITRE 13.9.2021	IMCO 13.9.2021	TRAN 13.9.2021
	AGRI 13.9.2021			
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċizzjoni	BUDG 31.8.2021	IMCO 1.9.2021		
Kumitati assoċjati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 11.11.2021			
Rapporteurs Data tal-ħatra	Ville Niinistö 13.9.2021			
Eżami fil-kumitat	11.10.2021	26.1.2022		
Data tal-adozzjoni	17.5.2022			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	44 37 6		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mathilde Androuët, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Monika Beňová, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Andreas Glück, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Nicola Procaccini, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaard-Lidell, Maria Spyraiki, Nicolae Ștefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vítanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma			

	Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Bloss, Manuel Bompard, Milan Brglez, Stelios Kypouropoulos, Manuela Ripa, Christel Schaldemose, Vincenzo Sofo, Idoia Villanueva Ruiz
Data tat-tressiq	24.5.2022

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMJIET FIL-KUMITAT

44	+
NI	Ivan Vilibor Sinčić
Renew	Pascal Canfin, Martin Hojsík, Jan Huitema, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ștefănuță, Linea Søgaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Milan Brglez, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Cyrus Engerer, Jytte Guteland, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Christel Schaldemose, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Malin Björk, Manuel Bompard, Petros Kokkalis, Silvia Modig, Idoia Villanueva Ruiz, Mick Wallace
Verts/ALE	Margrete Auken, Michael Bloss, Bas Eickhout, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Manuela Ripa

37	-
ECR	Sergio Berlato, Pietro Focchi, Raffaele Fitto, Nicola Procaccini, Rob Rooken, Vincenzo Sofò, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
ID	Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Sylvia Limmer, Joëlle Mélin
NI	Edina Tóth
PPE	Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Agnès Evren, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Stelios Kypouropoulos, Esther de Lange, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Luisa Regimenti, Christine Schneider, Maria Spyraiki, Pernille Weiss

6	0
ID	Simona Baldassarre, Marco Dreosto, Silvia Sardone
Renew	Andreas Glück
S&D	Javi López, César Luena

Key to symbols:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet